



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

A9-0022/2022

8.2.2022

# **RAPPORT**

dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea,  
inkluża d-diżinformazzjoni  
(2020/2268(INI))

Kumitat Speċjali dwar l-Indħil Barrani fil-Proċessi Demokratiċi kollha fl-  
Unjoni Ewropea, inkluża d-Diżinformazzjoni

Rapporteur: Sandra Kalniete

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	56
OPINJONI TAL-MINORANZA MINN CLARE DALY F'ISEM IL-GRUPP THE LEFT ....	65
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	66
VOTAZZJONI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET .....	67

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar l-indhila barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni (2020/2268(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8, 11, 12, 39, 40, 47 u 52 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u b'mod partikolari l-Artikoli 1 u 2 tagħha,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 2131 (XX) tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-21 ta' Diċembru 1965 bit-titlu "Dikjarazzjoni dwar l-Inammissibilità tal-Intervent fl-Affarijiet Interni tal-Istati u l-Protezzjoni tal-Indipendenza u s-Sovranità tagħhom",
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u b'mod partikolari l-Artikoli 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 16 u 17 tagħha, u l-Protokoll tagħha, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2016 dwar komunikazzjoni strateġika tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda kontriha minn partijiet terzi<sup>1</sup> u r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2019 dwar l-analiżi tas-segwitu mogħti mis-SEAE sentejn wara r-Rapport tal-PE dwar komunikazzjoni strateġika tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda kontriha minn partijiet terzi<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2018 dwar iċ-ċiberdifiża<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet konġunti tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-5 ta' Diċembru 2018 bit-titlu "Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni" (JOIN(2018)0036) u tal-14 ta' Ġunju 2019 bit-titlu "Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni" (JOIN(2019)0012),
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal tat-23 ta' Ġunju 2021 dwar il-Ħames Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas Konġunt tal-2016 għall-ġlieda kontra t-theddid ibridi u l-Komunikazzjoni Konġunta tal-2018 bit-titlu "Inżidu r-reżiljenza u nsaħħu l-kapaċitajiet biex nindirizzaw it-theddidiet ibridi" (SWD(2021)0729),
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea (COM(2020)0790),

---

<sup>1</sup> ĠUC 224, 27.6.2018, p. 58.

<sup>2</sup> ĠU C 23, 21.1.2021, p. 152.

<sup>3</sup> ĠU C 28, 27.1.2020, p. 57.

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Diċembru 2020 bit-titlu "Il-Midja tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li jappoġġja l-Irkupru u t-Trasformazzjoni" (COM(2020)0784),
- wara li kkunsidra l-pakkett tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021 bit-titlu "Il-Media tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni b'Appoġġ għall-Irkupru u t-Trasformazzjoni"<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni tal-2018 u l-Gwida tal-2021 għat-Tisħiħ tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni (COM(2021)0262), u r-Rakkomandazzjonijiet għall-Kodiċi l-Ġdid ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni maħruġa mill-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva f'Ottubru 2021,
- wara li kkunsidra r-Rapporti Speċjali 09/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata",
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2020 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (COM(2020)0829) u l-anness propost għad-direttiva,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni<sup>5</sup> (ir-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-FDI) u l-Gwida ta' Marzu 2020 dwar ir-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-FDI (C(2020)1981),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-16 ta' Diċembru 2020 bit-titlu "L-istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali" (JOIN(2020)0018),
- wara li kkunsidra l-Artikoli tal-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà tal-Istati għal Atti Internazzjonalment Illeċiti,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2020 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (COM(2020)0823),
- wara li kkunsidra s-sett ta' għodod tal-UE ta' Marzu 2021 ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju fuq iċ-ċibersigurtà tan-networks 5G,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-

<sup>4</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0428.

<sup>5</sup> ĠU L 79 I, 21.3.2019, p. 1.

komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013<sup>6</sup>,

- wara li kkunsidra l-istudji, il-briefings u l-analiżi fil-fond mitluba mill-Kumitat Speċjali dwar l-Indhfil Barrani fil-Proċessi Demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-Diżinformazzjoni (INGE),
  - wara li kkunsidra s-seduta ta' smiġh ta' Frances Haugen tat-8 ta' Novembru 2021 organizzata mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur tiegħu, flimkien ma' kumitati oħra,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2021 dwar l-istat tal-kapaċitajiet ta' difiża ċibernetika tal-UE<sup>7</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-SDG 16, li għandu l-għan li jippromwovi soċjetajiet paċifiċi u inklużivi għall-iżvilupp sostenibbli,
  - wara li kkunsidra d-diskors tal-2021 dwar l-Istat tal-Unjoni u l-ittra ta' intenzjoni,
  - wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-10 ta' Settembru 2021 bit-titlu "L-Aġenda Komuni Tagħna",
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-10 ta' Ġunju 2020 bit-titlu "Nindirizzaw id-diżinformazzjoni dwar il-COVID-19 - X'inhuma l-fatti" (JOIN(2020)0008),
  - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2021 li jemenda r-reġim ta' sanzjonijiet tiegħu fuq il-Belarussja biex iwessa' l-kriterji ta' deżinjazzjoni ħalli jolqot individwi u entitajiet li jorganizzaw jew jikkontribwixxu għal attakki ibridi u l-istrumentalizzazzjoni tal-bnedmin imwettqa mir-reġim tal-Belarussja,
  - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar it-twaqqif, ir-responsabbiltajiet, il-kompożizzjoni numerika u t-tul tal-mandat tal-kumitat speċjali dwar l-interferenza barranija fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni<sup>8</sup>, adottata skont l-Artikolu 207 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat Speċjali dwar l-Indhfil Barrani fil-Proċessi Demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-Diżinformazzjoni (A9-0022/2022),
- A. billi l-indhfil barrani jikkostitwixxi ksur serju tal-valuri u l-prinċipji universali li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, bħad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;
- B. billi l-indhfil barrani, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u d-diżinformazzjoni huma

<sup>6</sup> ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15.

<sup>7</sup> Testi adottati, P9\_TA(2021)0412.

<sup>8</sup> ĠU C 362, 8.9.2021, p. 186.

abbuż tal-libertajiet fundamentali tal-espressjoni u tal-informazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jheddu dawn il-libertajiet u jimminaw il-proċessi demokratiċi fl-UE u fl-Istati Membri tagħha, bħall-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti; billi l-oġettiv tal-indh̄il barrani huwa d-distorsjoni u r-rappreżentazzjoni falza ta' fatti, it-tkabbir b'mod artifiċjali ta' argumenti unilaterali, l-iskrettu ta' informazzjoni biex jiġi deterjorat id-dibattitu politiku u, fl-aħħar mill-aħħar, l-imminar tal-fiduċja fis-sistema elettorali u għalhekk fil-proċess demokratiku nnifsu;

- C. billi kwalunkwe azzjoni kontra l-indh̄il barrani u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni trid hija stess tirrispetta l-libertajiet fundamentali tal-espressjoni u tal-informazzjoni; billi l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għandha rwol ewlieni fl-evalwazzjoni tar-rispett għad-drittijiet fundamentali, inkluż l-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, sabiex jiġu evitati azzjonijiet sproporzjonati; billi l-atturi li jwettqu ndh̄il barrani u manipulazzjoni tal-informazzjoni jabbużaw minn dawk il-libertajiet biex jiksbu vantaġġ u għalhekk huwa vitali li tissaħħaħ il-ġlieda preventiva kontra l-indh̄il barrani u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni peress li d-demokrazija tiddependi mid-deċiżjonijiet infurmati tan-nies;
- D. billi l-evidenza turi li atturi statali jew mhux statali barranin malizzjużi u awtoritarji, bħar-Russja, iċ-Ċina u oħrajn, jużaw il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u tattiki oħra ta' ndh̄il biex jindaħlu fil-proċessi demokratiċi fl-UE; billi dawn l-attakki, li huma parti minn strateġija ta' gwerra ibrida u jikkostitwixxu ksur tad-dritt internazzjonali, jiżgwidaw u jqarrqu liċ-ċittadini u jaffettwaw l-imġiba tal-vot tagħhom, jamplifikaw id-dibattiti diviżivi, jifirdu, jippolarizzaw u jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tas-soċjetajiet, jipromwovu d-diskors ta' mibegħda, jaggravaw is-sitwazzjoni ta' gruppi vulnerabbli li huma aktar probabbli li jsiru vittmi ta' diżinformazzjoni, jgħawġu l-integrità tal-elezzjonijiet demokratiċi u r-referenda, joħolqu nuqqas ta' fiduċja fil-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet pubbliċi u l-ordni demokratiku liberali u għandhom l-għan li jiddestabbilizzaw id-demokrazija Ewropea, u għalhekk jikkostitwixxu theddida serja għas-sigurtà u s-sovranià tal-UE;
- E. billi l-indh̄il barrani huwa xejra ta' mġiba li thedded jew tħalli impatt negattiv fuq il-valuri, il-proċeduri demokratiċi, il-proċessi politiċi, is-sigurtà tal-Istati u taċ-ċittadini u l-kapaċità li wieħed jaffronta sitwazzjonijiet eċċezzjonali; billi tali ndh̄il huwa ta' natura manipulattiva, u jitwettaq u jiġi ffinanzjat b'mod intenzjonat u kkoordinat; billi dawk responsabbli għal tali ndh̄il, inklużi l-intermedjarji tagħhom fit-territorju tagħhom stess u barra minnu, jistgħu jkunu atturi statali jew mhux statali, u spiss jiġu assistiti fl-indh̄il barrani tagħhom minn kompliċi politiċi fl-Istati Membri li jiksbu vantaġġi politiċi u ekonomiċi meta jiffavorixxu strateġiji barranin; billi l-użu mill-atturi barranin ta' intermedjarji nazzjonali u l-kooperazzjoni ma' alleati nazzjonali joskuraw il-linja bejn l-indh̄il barrani u dak nazzjonali;
- F. billi t-tattiki tal-indh̄il barrani jieħdu ħafna forom, inklużi d-diżinformazzjoni, is-soppressjoni tal-informazzjoni, il-manipulazzjoni ta' pjattaformi tal-media soċjali u l-algoritmi, it-termini u kundizzjonijiet u s-sistemi ta' reklamar tagħhom, l-attakki ċibernetiċi, l-operazzjonijiet ta' hack-and-leak biex jinkiseb aċċess għall-informazzjoni tal-votant u jkun hemm indh̄il fil-leġittimità tal-proċess elettorali, it-theddid u l-fastidju diretti lejn il-ġurnalisti, ir-riċerkaturi, il-politiċi u l-membri ta' organizzazzjonijiet tas-

soċjetà ċivili, id-donazzjonijiet u self bil-moħbi lil partiti politiċi, il-kampanji li jiffavorixxu kandidati speċifiċi, organizzazzjonijiet u strumenti tal-media, strumenti u organizzazzjonijiet tal-media foloz jew mandatarji, il-ħtif tar-riżorsi mill-elit u l-co-optation, flus minn sorsi illegali, persons u identitajiet foloz, pressjoni għall-awtoċensura, l-isfruttament abbużiv ta' narrattivi storiċi, reliġjużi u kulturali, pressjoni fuq l-istituzzjonijiet edukattivi u kulturali, it-teħid tal-kontroll tal-infrastruttura kritika, il-pressjoni fuq ċittadini barranin li jgħixu fl-UE u l-istrumentazzjoni ta' migranti u l-ispjunaġġ; billi dawn it-tattiki spiss jiġu kkombinati għal effett akbar;

- G. billi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u t-tixrid tad-diżinformazzjoni jistgħu jservu l-interessi ekonomiċi ta' atturi statali u mhux statali u l-intermedjarji tagħhom, u joħlqu dipendenzi ekonomiċi li jistgħu jiġu sfruttati għal għanijiet politiċi; billi f'dinja ta' kompetizzjoni internazzjonali mhux kinetika, l-ndħil barrani jista' jkun għodda ewlenija biex jiddestabilizza u jdghajjed il-kontropartijiet fil-mira, jew jagħti spinta lill-vantaġġ kompetittiv proprju permezz tal-istabbiliment ta' kanali ta' influwenza, dipendenzi tal-katina tal-provvista, rikatt jew koerċizzjoni; billi d-diżinformazzjoni qed tikkawża ħsara ekonomika diretta u indiretta li ma għetx ivvalutata b'mod sistematiku;
- H. billi l-miżinformazzjoni hija informazzjoni falza li tista' tiġi vverifikata u li mhijiex maħsuba biex tikkawża ħsara, filwaqt li d-diżinformazzjoni hija informazzjoni falza jew qarrieqa li tista' tiġi vverifikata, maħluqa, ippreżentata jew imxerrda apposta bil-ħsieb li tikkawża ħsara jew tipproduċi effett potenzjalment ta' tfixkil fuq is-soċjetà billi tqarraq il-pubbliku jew bil-ħsieb li jinkiseb gwadann ekonomiku;
- I. billi hemm bżonn li jintlaħaq qbil fi ħdan l-UE dwar definizzjonijiet u metodoloġiji komuni u granulari biex jitjieb il-fehim komuni tat-theddid u jiġu żviluppati standards xierqa tal-UE għal imputazzjoni u rispons aqwa; billi s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għamel ammont konsiderevoli ta' xogħol f'dan il-qasam; billi dawn id-definizzjonijiet iridu jiggarrantixxu l-impermeabbiltà tal-ndħil estern u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; billi l-kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma, f'fora internazzjonali rilevanti, fil-qasam ta' definizzjonijiet komuni ta' ndħil barrani sabiex jiġu stabbiliti normi u standards internazzjonali hija tal-akbar importanza; billi l-UE għandu jkollha rwol ta' tmexxija fl-istabbiliment ta' regoli internazzjonali ċari għall-imputazzjoni ta' ndħil barrani;

### ***Il-ħtieġa ta' strateġija kkoordinata kontra l-ndħil barrani***

- J. billi t-tentattivi ta' ndħil barrani madwar id-dinja qed jiżdiedu u qed isiru aktar sistemiċi u sofistikati, u jkunu bbażati fuq l-użu mifrux tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u qed idgħajfu l-imputabbiltà;
- K. billi huwa d-dmir tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jiddefendu liċ-ċittadini u l-infrastruttura kollha, kif ukoll is-sistemi demokratiċi tagħhom, minn tentattivi ta' ndħil barrani; billi, madankollu, l-UE u l-Istati Membri tagħha jidhru li ma għandhomx il-mezzi xierqa u suffiċjenti biex ikunu jistgħu jipprevjenu, jidentifikaw, jimputaw, jiġġieldu u jippenalizzaw dan it-theddid;
- L. billi hemm nuqqas ġenerali ta' għarfien fost ħafna minn dawk li jfasslu l-politiki u ċ-ċittadini b'mod ġenerali, tar-realtà ta' dawn il-kwistjonijiet, li jistgħu jikkontribwixxu b'mod mhux intenzjonat għall-ħolqien ta' aktar vulnerabbiltajiet; billi l-kwistjoni tal-

kampanji ta' diżinformazzjoni ma kinitx prijorità fl-aġenda ta' dawk li jfasslu l-politiki Ewropej; billi s-seduti ta' smiġħ u l-ħidma tal-Kumitat Speċjali INGE kkontribwew għar-rikonoxximent pubbliku u għall-kuntestwalizzazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet u sawru b'suċċess id-dibattitu Ewropew dwar l-indħil barrani; billi l-isforzi fit-tul ta' diżinformazzjoni minn barranin diġà kkontribwew għall-ħolqien ta' diżinformazzjoni lokali;

- M. billi l-monitoraġġ trasparenti mill-Istat ta' ndħil barrani f'ħin reali minn korpi istituzzjonali u analisti u verifikaturi indipendenti tal-fatti, il-koordinament effettiv tal-azzjonijiet tagħhom u l-iskambju ta' informazzjoni huma kruċjali sabiex tittieħed azzjoni xierqa mhux biss biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar attacchi malizzjużi kontinwi iżda wkoll biex dawn l-attakki jiġu indirizzati; billi trid tingħata attenzjoni simili lill-immappjar tas-soċjetà, l-identifikazzjoni tal-oqsma l-aktar vulnerabbli u suxxettibbli għall-manipulazzjoni u d-diżinformazzjoni barranin, u l-indirizzar tal-kawżi ta' dawk il-vulnerabbiltajiet;
- N. billi l-ewwel prijorità tad-difiża tal-UE, jiġifieri r-reżiljenza u l-istat ta' thejġija taċ-ċittadini tal-UE meta affaċċjati mal-indħil barrani u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, tirrikjedi approċċ fit-tul li jinkludi s-soċjetà fit-totalità tagħha u li għandu jibda bl-educazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-problemi fi stadju bikri;
- O. billi jeħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni u koordinament fil-livelli u s-setturi amministrattivi fost l-Istati Membri, fil-livell tal-UE u ma' pajjiżi tal-istess fehma, kif ukoll mas-soċjetà ċivili u s-settur privat, sabiex jiġu identifikati l-vulnerabbiltajiet u jiġu individwati u newtralizzati l-attakki; billi hemm ħtieġa urġenti li l-perċezzjoni tat-theddid tiġi sinkronizzata mas-sigurtà nazzjonali;

***It-tisħiħ tar-reżiljenza permezz tal-għarfien tas-sitwazzjoni, il-litteriżmu fil-media u tal-informazzjoni, il-pluraliżmu tal-media, il-ġurnaliżmu indipendenti u l-educazzjoni***

- P. billi l-għarfien tas-sitwazzjoni, sistemi demokratiċi robusti, stat tad-dritt b'saħħtu, soċjetà ċivili dinamika, twissijiet bikrija u valutazzjoni tat-theddid huma l-ewwel passi lejn il-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil; billi, minkejja l-progress kollu li sar fis-sensibilizzazzjoni dwar l-indħil barrani, ħafna nies, inklużi dawk li jfasslu l-politiki u l-impjegati taċ-ċivil li jaħdmu fl-oqsma potenzjalment fil-mira, għadhom mhumiex konxji tar-riskji potenzjali marbuta mal-indħil barrani u kif għandhom jiġu indirizzati;
- Q. billi l-mezzi ta' informazzjoni indipendenti u ta' kwalità għolja, ifffinanzjati b'mod trasparenti u sostenibbli u l-ġurnaliżmu professjonali huma essenzjali għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media u l-istat tad-dritt, u għalhekk huma pilastru tad-demokrazija u l-aqwa rimedju għad-diżinformazzjoni; billi ċerti atturi barranin jieħdu vantaġġ mil-libertà tal-media tal-Punent biex ixerrdu d-diżinformazzjoni; billi l-media professjonali u l-ġurnaliżmu tradizzjonali, bħala sors ta' informazzjoni ta' kwalità, għaddejjin minn żminijiet diffiċli fl-era diġitali; billi l-educazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità fil-qasam tal-ġurnaliżmu fl-UE u barra minnha huma meħtieġa sabiex jiġu żgurati analiżijiet ġurnalistiċi siewja u standards editorjali għoljin; billi jeħtieġ li l-UE tkompli tappoġġa l-ġurnaliżmu fl-ambjent diġitali; billi l-komunikazzjoni bbażata fuq ix-xjenza għandu jkollha rwol importanti;



- R. billi l-media tas-servizz pubbliku editorjalment indipendenti hija essenzjali u insostitwibbli fl-għoti ta' servizzi ta' informazzjoni ta' kwalità għolja u imparzjali lill-pubbliku ġenerali u trid tiġi protetta mill-ħtif malizzjuż u tissaħħaħ bħala pilastru fundamentali tal-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni;
- S. billi l-partijiet ikkonċernati u l-istituzzjonijiet differenti jużaw metodoloġiji u definizzjonijiet differenti biex janalizzaw l-indhila barrani – kollha bi gradi differenti ta' komprensibbiltà, u billi dawn id-differenzi jistgħu jinibixxu l-monitoraġġ, l-analiżi u l-valutazzjoni komparabbli tal-livell ta' theddid, u dan irendi aktar diffiċli l-azzjoni konġunta; billi hemm bżonn ta' definizzjoni u metodoloġija tal-UE biex tittejjeb l-analiżi komuni ta' theddid;
- T. billi jeħtieġ li t-terminoloġija li tiffoka fuq il-kontenut, bħall-aħbarijiet fażulli, foloz jew qarrieqa, il-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni, tiġi kkomplementata b'terminoloġija li tiffoka fuq l-imġiba, sabiex il-problema tiġi indirizzata b'mod adegwat; billi din it-terminoloġija għandha tiġi armonizzata u osservata b'mod strett;
- U. billi t-taħriġ fil-media u l-litteriżmu diġitali u s-sensibilizzazzjoni, kemm għat-tfal kif ukoll għall-adulti, huma għodod importanti biex iċ-ċittadini jsiru aktar reżiljenti għat-tentattivi ta' ndhila fl-ispazju tal-informazzjoni u jevitaw il-manipulazzjoni u l-polarizzazzjoni; billi, b'mod ġenerali, is-soċjetajiet b'livell għoli ta' litteriżmu fil-media huma aktar reżiljenti għall-indhila barrani; billi metodi ta' ħidma ġurnalistiċi, bħall-ġurnaliżmu kostruttiv, jistgħu jgħinu biex tissaħħaħ il-fiduċja fil-ġurnaliżmu fost iċ-ċittadini;
- V. billi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni tista' tiegħu ħafna forom, bħat-tixrid tad-diżinformazzjoni u aħbarijiet kompletament foloz, id-distorsjoni ta' fatti, narrattivi u rappreżentazzjonijiet tal-opinjoni, is-soppressjoni ta' ċerti informazzjoni jew opinjonijiet, it-teħid ta' informazzjoni barra mill-kontest, il-manipulazzjoni tal-emozzjonijiet tan-nies, il-promozzjoni ta' diskors ta' mibegħda, il-promozzjoni ta' xi opinjonijiet għad-detriment ta' oħrajn u l-fastidju tan-nies intiż sabiex isikkithom jew jopprimihom; billi wieħed mill-għanijiet tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni huwa li jinħoloq kaos sabiex jithegħġeg it-telf tal-fiduċja taċ-ċittadini fil-"gwardjani" tradizzjonali u l-ġodda fil-qasam tal-informazzjoni; billi hemm linja sottili li tisepara l-libertà tal-espressjoni u l-promozzjoni tad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni u l-libertà tal-espressjoni ma għandhiex tintuża b'mod abbużiv;
- W. billi l-Ażerbajġan, iċ-Ċina, it-Turkija u r-Russja, fost l-oħrajn, ilkoll attakkaw ġurnalisti u avversarji fl-Unjoni Ewropea, bħal fil-każ tal-blogger u l-opponent tal-Ażerbajġan, Mahammad Mirzali, f'Nantes u dak tal-ġurnalist Turk, Erk Acarer, f'Berlin;
- X. billi hemm evidenza konkreta li l-proċessi demokratiċi tal-UE qed jiġu attakkati u affettwati minn indhila permezz ta' kampanji ta' diżinformazzjoni li jipprovaw iqiegħdu f'dubju l-ideali demokratiċi u d-drittijiet fundamentali; billi d-diżinformazzjoni relatata ma' suġġetti li jinkludu, fost oħrajn, il-ġeneru, il-persuni LGBTIQ+, is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u l-minoranzi hija forma ta' diżinformazzjoni li thedded id-drittijiet tal-bniedem, iddgħajjed id-drittijiet diġitali u politiċi, kif ukoll is-sikurezza u s-sigurtà dawk fil-mira tagħha, u toħloq id-diskordja u n-nuqqas ta' għaqda fost l-Istati Membri; billi matul il-kampanji elettorali hemm it-tendenza li l-kandidati politiċi nisa

jigü attakkati b'mod sproporzjonat minn narrattivi sessisti, li jwassal biex n-nisa jaqtgħu qalbhom milli jieħdu sehem fil-proċessi demokratiċi; billi l-awturi ta' dawn il-kampanji ta' diżinformazzjoni jużaw il-pretest tal-promozzjoni tal-valuri "tradizzjonali" jew "konservattivi" biex jiffurmaw alleanzi strateġiċi mas-sħab lokali ħallu jiksbu aċċess għall-intelligence lokali, u skont rapporti, jirċievu miljuni ta' euro f'finanzjament barrani;

- Y. billi wara l-istituzzjonijiet statali, il-ġurnalisti, l-opinjoni u s-settur privat, kull taqsima tas-soċjetà u kull individwu għandhom rwoli importanti fl-identifikazzjoni u t-twaqqif tat-tixrid tad-diżinformazzjoni u f'li jwissu lin-nies qrib tagħhom bir-riskju li jinsabu fih; billi s-soċjetà ċivili, id-dinja akkademika u l-ġurnalisti diġà kkontribwew immens għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u għaż-żieda fir-reżiljenza tas-soċjetà, anki f'kooperazzjoni ma' kontropartijiet f'pajjiżi sħab;
- Z. billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw l-ilħna tal-minoranzi u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem madwar l-Ewropa għandhom mhumiex iffinanzjati biżżejjed, minkejja li għandhom rwol kruċjali fis-sensibilizzazzjoni dwar id-diżinformazzjoni u fil-ġlieda kontra; billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandu jkollhom riżorsi adegwati sabiex jagħtu sehemhom biex jillimitaw l-impatt tal-indħil barrani;
- AA. billi huwa importanti li jkun hemm aċċess faċli u f'waqtu għal informazzjoni bbażata fuq il-fatti minn sorsi affidabbli meta tibda tinxtered id-diżinformazzjoni;
- AB. billi huwa meħtieġ li jigü identifikati l-attakki ta' ndħil barrani u t-tentattivi ta' manipulazzjoni tal-isfera tal-informazzjoni sabiex dawn jigü miġġielda; billi l-analiżi tal-intelligence tal-UE u l-għarfien tas-sitwazzjoni jiddependu mir-rieda tal-Istati Membri li jikkondividu l-informazzjoni; billi l-President tal-Kummissjoni pproponiet li jigü kkunsidrat l-istabbiliment ta' Ċentru Konġunt tal-UE ta' Għarfien tas-Sitwazzjoni; billi l-prevenzjoni u l-miżuri proattivi inklużi l-konfutazzjoni minn qabel tad-diżinformazzjoni u ekosistema ta' informazzjoni b'saħħitha huma ħafna aktar effettivi minn sforzi sussegwenti ta' verifika tal-fatti u ta' konfutazzjoni tad-diżinformazzjoni, li għandhom livell aktar baxx ta' portata mid-diżinformazzjoni oriġinali; billi l-UE u l-Istati Membri tagħha bħalissa ma għandhomx biżżejjed kapaċitajiet biex jieħdu tali miżuri; billi għodod analitiċi ġodda bbażati fuq l-IA, bħad-Debunk.eu Litwan, jistgħu jgħinu biex jigü identifikati l-attakki, jigü kondviz l-għarfien u jigü infurmat il-pubbliku;
- AC. billi d-diżinformazzjoni tiffjorixxi f'ambjent ta' narrattivi dgħajfa u frammentati fil-livell nazzjonali jew tal-UE, u b'dibattiti polarizzati u ferm imqanqla, hekk kif tisfrutta l-punti dgħajfa u l-preġudizzji fost is-soċjetà u l-individwi, u billi d-diżinformazzjoni tgħawweġ id-dibattitu pubbliku fi żmien l-elezzjonijiet u proċessi demokratiċi oħra u tista' tagħmilha diffiċli għaċ-ċittadini biex jagħmlu għażliet infurmati;

### ***Indħil barrani permezz ta' pjattaformi online***

- AD. billi l-pjattaformi online jistgħu jkunu għodod faċilment aċċessibbli anki f'termini ekonomiċi għal dawk involuti fil-manipulazzjoni tal-informazzjoni u ndħil ieħor, bħall-mibegħda u l-fastidju, li jwasslu għal ħsara għas-saħħa u s-sikurezza tal-komunitajiet online tagħna, it-tiskit tal-għedewwa, l-ispjunaġġ jew it-tixrid tad-diżinformazzjoni; billi ġie ppruvat li l-funzjonament tagħhom jinkoraġġixxi opinjonijiet polarizzati u estremi

għad-detriment ta' informazzjoni bbażata fuq il-fatti; billi l-pjattaformi għandhom l-interessi tagħhom stess u jistgħu ma jkunux newtrali fl-ipproċessar tal-informazzjoni; billi xi pjattaformi online jibbenefikaw ħafna minn sistema li żżid il-firda, l-estremiżmu u l-polarizzazzjoni; billi l-ispazju online sar importanti għad-demokrazija tagħna daqs l-ispazju fiżiku u għalhekk jeħtieġ regoli korrispondenti;

- AE. billi l-mod ta' kif il-pjattaformi aċċeleraw u aggrawaw it-tixrid ta' miżinformazzjoni u diżinformazzjoni huwa bla preċedent u għandu ħafna konsegwenzi; billi l-pjattaformi online jikkontrollaw il-fluss tal-informazzjoni u r-reklamar online, filwaqt li l-pjattaformi jfasslu u jużaw algoritmi biex jikkontrollaw dawn il-flussi, u billi l-pjattaformi mhumiex trasparenti, ma għandhomx proċeduri xierqa biex jivverifikaw l-identità, jużaw terminoloġija vaga u mhux ċara u ftit li xejn jaqsmu informazzjoni dwar id-disinn, l-użu u l-impatti ta' dawn l-algoritmi u jew ma jaqsmu l-ebda informazzjoni dwarhom; billi l-komponent vizzjuż tal-algoritmi tal-pjattaformi online ħoloq problema serja tas-saħħa pubblika li jeħtieġ li tiġi indirizzata; billi l-pjattaformi online għandhom ikunu responsabbli għall-effetti dannużi tas-servizzi tagħhom, peress li xi pjattaformi kienu jafu bid-difetti fl-algoritmi tagħhom – b'mod partikolari r-rwol tagħhom fit-tixrid ta' kontenut diviżiv – iżda naqsu milli jindirizzawhom sabiex jimmassimizzaw il-profit, kif ġie żvelat mill-informaturi ta' irregolaritajiet;
- AF. billi hemm kampanji kontinwi ta' ndħil u manipulazzjoni tal-informazzjoni diretti lejn il-miżuri kollha kontra t-tixrid tal-COVID-19, inkluż it-tilqim fl-UE, u l-pjattaformi online naqsu milli jikkoodinaw l-isforzi tagħhom biex jillimitawhom u setgħu anki kkontribwew għat-tixrid tagħhom; billi tali diżinformazzjoni tista' tkun ta' theddida għall-ħajja meta tiskoraġġixxi lin-nies milli jitlaqqmu jew tippromwovi trattamenti foloz; billi l-pandemija aggravat il-ġlieda sistemika bejn id-demokrazija u l-awtoritariżmu, u wasslet biex atturi awtoritarji statali u mhux statali, bħaċ-Ċina u r-Russja, jużaw firxa wiesgħa ta' strumenti fil-miftuħ u bil-moħbi sabiex jipprovaw jiddestabilizzaw il-kontropartijiet demokratiċi tagħhom; billi l-Facebook Papers żvelaw in-nuqqas tal-pjattaforma li tindirizza d-diżinformazzjoni relatata mat-tilqim, inkluż bl-Ingliż; billi s-sitwazzjoni hija saħansitra agħar għad-diżinformazzjoni relatata mat-tilqim mhux bl-Ingliż; billi din il-kwistjoni tikkonċerna l-pjattaformi kollha;
- AG. billi bosta bejjieġha rreġistrati fl-UE jbigħu likes, segwaċi, kummenti u shares mhux awtentiċi lil kwalunkwe attur li jixtieq iżid b'mod artifiċjali l-viżibbiltà tiegħu online; billi huwa impossibbli li jiġu identifikati l-użi leġittimi ta' tali servizzi, filwaqt li l-użi dannużi jinkludu l-manipulazzjoni tal-elezzjonijiet u ta' proċessi demokratiċi oħra, il-promozzjoni ta' scams, il-pubblikazzjoni ta' posts ta' kritika negattiva dwar il-prodotti tal-kompetituri, il-frodi ta' dawk li jirreklamaw u l-ħolqien ta' pubbliku falz li jintuża biex tissawwar il-konverżazzjoni, għal attacchi personali u biex jiżdiedu b'mod artifiċjali ċerti perspettivi li kieku ma kienux għal dan ma kienu jirċievu l-ebda attenzjoni; billi reġimi barranin, bħar-Russja u ċ-Ċina, qed jużaw dawn l-għodod online fuq skala massiva biex jinfluwenzaw id-dibattitu pubbliku fil-pajjiżi Ewropej; billi d-diżinformazzjoni tista' tiddestabilizza d-demokrazija Ewropea;
- AH. billi l-pjattaformi soċjali, l-applikazzjonijiet u l-apparat diġitali jiġbru u jaħżnu kwantitajiet enormi ta' data personali dettaljata ħafna u ta' spiss sensitiva dwar kull utent; billi tali data tista' tintuża biex tbassar tendenzi fl-imġiba, issaħħaħ il-preġudizzju konjittiv u torjenta l-proċess deċiżjonali; billi din id-data hija sfruttata għal skopijiet

kummerċjali; billi l-iżvelar ta' data jseħħ ripetutament, għad-detriment tas-sigurtà tal-vittmi ta' tali żvelar ta' informazzjoni, u d-data tista' tinbiegħ fis-suq illeċitu; billi tali bażijiet tad-data jistgħu jiswew mitqilhom deheb għal atturi malizzjużi li jixtiequ jattakkaw ċerti gruppi jew individwi;

- AI. billi, b'mod ġenerali, il-pjattaformi huma mfassla biex jiżguraw li l-għażla li ma tiġix kondiviża d-data ġeneralment mhijiex intuwittiva, hija kumplessa u tiegħu ħafna ħin meta mqabbla mal-għażla li tiġi kondiviża d-data;
- AJ. billi l-pjattaformi online huma integrati fil-biċċa l-kbira ta' ħajjitna u t-tixrid tal-informazzjoni fuq il-pjattaformi jista' jkollu impatt enormi fuq il-ħsieb u l-imġiba tagħna, pereżempju fir-rigward tal-preferenzi tal-vot, l-għażliet ekonomiċi u soċjali, u l-għażla tas-sorsi ta' informazzjoni, u billi dawn l-għażliet deċiżivi ta' importanza pubblika llum fil-fatt huma influwenzati mill-interessi kummerċjali tal-kumpaniji privati;
- AK. billi l-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-algoritmi u karatteristiċi oħra tal-pjattaformi tal-media soċjali huma mfassla biex jimmassimizzaw l-involviment; billi ġie rrapportat ripetutament li dawn il-karatteristiċi jipromwovu kontenut polarizzanti, radikalizzanti u diskriminatorju u jżommu lill-utenti fi ċrieki ma' dawk tal-istess fehma; billi dan iwassal għar-radikalizzazzjoni gradwali tal-utenti tal-pjattaformi, kif ukoll għall-kondizzjonament u t-tniġġis tal-proċessi ta' diskussjoni kollettiva, aktar milli għall-protezzjoni tal-proċessi demokratiċi u tal-individwi; billi azzjonijiet mhux ikkoordinati mill-pjattaformi wasslu għal diskrepanzi fl-azzjonijiet tagħhom u ppermettew li d-diżinformazzjoni tinfirex minn pjattaforma għal oħra; billi l-mudell kummerċjali li bih isiru l-flus permezz tat-tixrid ta' informazzjoni polarizzanti u t-tfassil ta' algoritmi jagħmlu l-pjattaformi mira faċli għall-manipulazzjoni minn atturi ostili barranin; billi l-pjattaformi tal-media soċjali jistgħu jtfasslu b'mod differenti sabiex irawmu sfera pubblika online aktar b'saħħitha;
- AL. billi l-ħolqien ta' materjal awdjo u awdjoviżiv deepfake qed isir dejjem aktar faċli bl-introduzzjoni ta' teknoloġiji ekonomikament aċċessibbli u faċli biex jintużaw, u t-tixrid ta' tali materjali huwa problema li qed tiżdied b'mod esponenzjali; billi bħalissa, madankollu, 90 % tar-riċerka hija destinata għall-iżvilupp ta' deepfakes u 10 % biss għall-identifikazzjoni tagħhom;
- AM. billi s-sistemi ta' awtoregolamentazzjoni bħall-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni tal-2018 irriżultaw f'titjib; billi, madankollu, id-dipendenza fuq ir-rieda tajba tal-pjattaformi la qed taħdem u lanqas hija effettiva u iproduċiet ftit data sinifikanti dwar l-impatt ġenerali tagħhom; billi, barra minn hekk, il-pjattaformi ħadu miżuri individwali li jvarjaw fil-grad u fl-effett, li rriżultaw f'backdoors li minnhom il-kontenut jista' jkompli jinfirex fi bñadi oħra minkejja li jitneħħa; billi jeħtieġ li jkun hemm ġabra ta' regoli u sanzjonijiet ċari sabiex il-Kodiċi ta' Prattika jkollu effett suffiċjenti fuq l-ambjent online;
- AN. billi l-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea għandu l-għan li jsaħħaħ il-Kodiċi ta' Prattika tal-2018 u flimkien mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali jikkostitwixxi pass lil hinn mill-approċċ tal-awtoregolamentazzjoni u għandu l-għan li jintroduċi aktar garanziji u protezzjonijiet għall-utenti, billi jżid l-awtonomija u jgħleb il-passività fir-rigward tas-

servizzi offruti, jintroduċi miżuri li jirrikjedu aktar trasparenza u responsabbiltà mill-kumpaniji, u jintroduċi aktar obbligi għall-pjattaformi;

- AO. billi l-azzjonijiet attwali diretti kontra l-kampanji ta' diżinformazzjoni fuq il-pjattaformi online mhumiex effettivi jew ta' deterrent u jippermettu lill-pjattaformi jkomplu jippromwovu kontenut diskriminatorju u malizzjuż;
- AP. billi l-pjattaformi jiddedikaw ferm inqas riżorsi għall-ġestjoni tal-kontenut f'lingwi inqas mitkellma, u anke f'lingwi mitkellma ħafna li mhumiex l-Ingliż, meta mqabbel mal-kontenut bl-Ingliż;
- AQ. billi l-proċeduri ta' lment u ta' appell tal-pjattaformi huma ġeneralment inadegwati;
- AR. billi fl-aħħar xhur, diversi atturi ewlenin obdew ir-regoli dwar iċ-ċensura, pereżempju matul l-elezzjonijiet parlamentari fir-Russja f'Settembru 2021, meta Google u Apple neħħew l-apps tal-Votazzjoni Intelliġenti mill-ħwienet tagħhom fir-Russja;
- AS. billi n-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-għażliet algoritmiċi tal-pjattaformi jagħmilha impossibbli li jiġu vvalidati d-dikjarazzjonijiet mill-pjattaformi dwar dak li jagħmlu u l-effett tal-azzjonijiet tagħhom biex jiġġieldu l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil; billi hemm diskrepanzi bejn l-effett iddikjarat tal-isforzi tagħhom fl-awtovalutazzjonijiet annwali tagħhom u l-effettività konkreta tagħhom, kif muri fil-Facebook Papers reċenti;
- AT. billi n-natura mhux trasparenti tar-reklamar immirat twassal biex kwantitajiet kbar ta' reklamar online minn ditti ta' reputazzjoni tajba, xi kultant anki minn istituzzjonijiet pubbliċi, jispiċċaw fuq siti web li jinkoraġġixxu t-terroriżmu, jospitaw diskors ta' mibegħda u diżinformazzjoni, u dawn jispiċċaw jiffinanzjaw l-espansjoni ta' tali siti web, mingħajr l-għarfien jew il-kunsens ta' daww li jirreklamaw;
- AU. billi s-suq tar-reklamar online huwa kkontrollat minn għadd żgħir ta' kumpaniji Ad Tech kbar li jikkondividu s-suq bejniethom, u Google u Facebook huma l-akbar atturi; billi din il-konċentrazzjoni għolja tas-suq fi ftit kumpaniji hija assoċjata ma' żbilanċ qawwi fil-poter; billi l-użu ta' tekniki ta' clickbait u s-setgħa ta' dawn il-ftit atturi li jiddeterminaw liema kontenut huwa monetizzat u liema mhuwiex, minkejja li l-algoritmi li jużaw ma jistgħux jiddistingwu bejn id-diżinformazzjoni u l-kontenut normali tal-aħbarijiet, jikkostitwixxu theddida għall-media diversifikata; billi s-suq tar-reklamar immirat huwa verament mhux trasparenti; billi l-kumpaniji Ad Tech iġiegħlu lid-ditti jaqilgħu l-ħtija għan-negliġenza tagħhom fil-monitoraġġ ta' fejn jitqiegħdu r-reklami;

### ***Infrastruttura kritika u setturi strateġiċi***

- AV. billi l-ġestjoni tat-theddid għall-infrastruttura kritika, speċjalment meta jkunu parti minn strateġija ibrida sinkronizzata u malizzjuża, tirrikjedi sforzi kkoordinati u konġunti fis-setturi kollha, f'livelli differenti – fil-livell tal-UE u f'dawk nazzjonali, reġjonali u lokali – u f'mumentu differenti;
- AW. billi l-Kummissjoni pproponiet direttiva ġdida biex ittejjeb ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi li jipprovdu servizzi essenzjali fl-UE, li tinkludi lista proposta ta' tipi ġodda ta'

infrastruttura kritika; billi l-lista tas-servizzi se tiġi stabbilita fl-anness għad-direttiva;

- AX. billi l-globalizzazzjoni dejjem tikber tat-tqassim tax-xogħol u tal-ktajjen tal-produzzjoni wasslet għal diskrepanzi fil-manifattura u fil-ħiliet f'setturi ewlenin madwar l-Unjoni; billi dan irriżulta fid-dipendenza għolja tal-UE fuq l-importazzjoni ta' ħafna prodotti essenzjali u assi primarji, li jista' jkun fihom vulnerabbiltajiet integrati, li jiġu minn barra; billi r-reżiljenza tal-katina tal-provvista għandha tkun fost il-prijoritajiet ta' dawh li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE;
- AY. billi l-investimenti diretti barranin (FDIs) – investimenti minn pajjiżi terzi u kumpaniji barranin – f'setturi strateġiċi fl-UE, iżda wkoll f'żoni tal-viċinat, bħall-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari l-akkwist miċ-Ċina ta' strutturi kritiċi, ħolqu dejjem aktar tħassib f'dawn l-aħħar snin fid-dawl tal-importanza dejjem akbar tar-rabta bejn il-kummerċ u s-sigurtà; billi dawn l-investimenti joħolqu r-riskju li jinħolqu dipendenzi ekonomiċi u li jwasslu għal telf ta' għarfien f'setturi ewlenin tal-produzzjoni u tal-industrija;
- AZ. billi l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE tirrikjedi kontroll tal-infrastruttura strateġika Ewropea; billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri esprimew tħassib dejjem akbar dwar is-sigurtà u l-kontroll tat-teknoloġiji u l-infrastruttura fl-Ewropa;

#### ***Indħil barrani matul il-proċessi elettorali***

- BA. billi l-atturi malizzjużi li jfittxu li jindaħlu fil-proċessi elettorali jużaw il-ftuħ u l-pluraliżmu tas-soċjetajiet tagħna bħala vulnerabbiltà strateġika biex jattakkaw il-proċessi demokratiċi u r-reżiljenza tal-UE u tal-Istati Membri tagħha; billi huwa fil-kuntest tal-proċessi elettorali li l-indħil barrani jsir aktar perikoluż hekk kif iċ-ċittadini jerġgħu jinvolvu ruħhom u jkunu aktar involuti fil-parteċipazzjoni politika konvenzjonali;
- BB. billi n-natura distintiva tal-indħil barrani fil-proċessi elettorali, u l-użu ta' teknoloġiji ġodda f'dan ir-rigward, kif ukoll l-effetti potenzjali tagħhom, jirrappreżentaw theddid partikolarment perikoluż għad-demokrazija; billi l-indħil barrani fil-proċessi elettorali jmur ferm lil hinn mill-"gwerrija tal-informazzjoni" tal-media soċjali, u jiffavorixxi kandidati speċifiċi, jihhekkja u jattakka bażijiet tad-data u jikseb aċċess għall-informazzjoni tal-votanti rreġistrati u jinterferixxi direttament mal-funzjonament normali, il-kompetittività u l-leġittimità tal-proċess elettorali; billi l-indħil barrani għandu l-għan li jintroduċi dubju, inċertezza u nuqqas ta' fiduċja, u mhux biss li jbidel ir-riżultat tal-elezzjonijiet iżda li jneħħi l-leġittimità tal-proċess elettorali kollu kemm hu;

#### ***Finanzjament bil-moħbi ta' attivitajiet politiċi minn atturi u donaturi barranin***

- BC. billi hemm evidenza solida li turi li l-atturi barranin qed jindaħlu b'mod attiv fil-funzjonament demokratiku tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari matul perjodi ta' elezzjonijiet u referenda, permezz ta' operazzjonijiet ta' finanzjament bil-moħbi;
- BD. billi, pereżempju, ir-Russja, iċ-Ċina u reġimi awtoritarji oħra injettaw aktar minn USD 300 miljun f'33 pajjiż biex jindaħlu f'proċessi demokratiċi, u atturi oħra bħall-Iran

u l-Venezwela u atturi mil-Lvant Nofsani u mil-lemin estrem tal-Istati Uniti kienu involuti wkoll f'finanzjament moħbi; billi din it-tendenza qed taċċelera b'mod ċar; billi nofs minn dawn il-każijiet jikkonċernaw l-azzjonijiet tar-Russja fl-Ewropa; billi l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus illeċitu huma sors ta' finanzjament politiku minn pajjiżi terzi awtoritarji;

- BE. billi l-għodod tal-media maħluqa minn donaturi barranin b'mod mhux trasparenti saru estremament effettivi biex jiksbu għadd kbir ta' segwaċi u jiġġeneraw involviment;
- BF. billi dawn l-operazzjonijiet jiffinanzjaw partiti politiċi estremisti, populistu u anti-Ewropej u ċerti partiti u individwi oħrajn jew movimenti li qed jipprovaw iżidu l-frammentazzjoni tas-soċjetà u jimminaw il-leġittimità tal-awtoritajiet pubbliċi Ewropej u nazzjonali; billi dan għen biex iżid il-portata ta' dawn il-partiti u l-movimenti;
- BG. billi r-Russja tfitte kuntatti ma' partiti, personaġġi u movimenti sabiex tuża atturi fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE biex tilleġittimizza l-pożizzjonijiet Russi u l-gvernijiet bi prokura, biex tagħmel attività ta' lobbying għall-ħelsien mis-sanzjonijiet u biex ittaffi l-konsegwenzi tal-iżolament internazzjonali; billi partiti bħall-*Freiheitliche Partei Österreichs* Awstrijak, ir-*Rassemblement National* Franċiż u l-*Lega Nord* Taljan iffirmaw ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-partit tar-Russja Unita tal-President Russu Vladimir Putin u issa qed jiffaċċjaw allegazzjonijiet mill-media li huma lesti jaċċettaw finanzjament politiku mir-Russja; billi partiti Ewropej oħra bħall-partit Ġermaniż *Alternative für Deutschland* (AfD), il-partiti Ungeriżi *Fidesz* u *Jobbik*, u l-partit tal-Brexit tar-Renju Unit ukoll allegatament għandhom kuntatt mill-qrib mal-Kremlin, u l-AfD u *Jobbik* ħadmu wkoll bħala taparsi "osservaturi elettorali" f'elezzjonijiet ikkontrollati mill-Kremlin, pereżempju f'Donetsk u Lugansk fl-Ukrajna tal-Lvant, biex jimmonitorjaw u jilleġittimizzaw l-elezzjonijiet sponsorjati mir-Russja; billi s-sejbiet dwar il-kuntatti mill-qrib u regolari bejn uffiċjali Russi u rappreżentanti ta' grupp ta' seċessjonisti Katalani fi Spanja, kif ukoll bejn uffiċjali Russi u l-akbar donatur privat għall-kampanja tal-Brexit Vote Leave, jeħtieġu investigazzjoni fil-fond, u huma parti mill-istrateġija usa' tar-Russja biex tuża kull opportunità biex timmanipula d-dibattitu ħalli tippromwovi d-destabilizzazzjoni;
- BH. billi l-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni ta' Venezja diġà għamlu rakkomandazzjonijiet estensivi biex inaqqsu l-possibilitajiet ta' ndħil minn atturi barranin permezz ta' finanzjament politiku;
- BI. billi l-liġijiet elettorali, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament ta' attivitajiet politiċi, mhumiex ikkoordinati tajjeb biżżejjed fil-livell tal-UE, u għalhekk jippermettu metodi ta' finanzjament mhux trasparenti minn atturi barranin; billi d-definizzjoni legali ta' donazzjonijiet politiċi hija ristretta wisq, u tippermetti kontribuzzjonijiet in natura barranin fl-Unjoni Ewropea;
- BJ. billi f'ċerti Stati Membri, ir-reklamar politiku online mhuwiex soġġett għar-regoli għar-reklamar politiku offline; billi hemm nuqqas serju ta' trasparenza fir-reklamar politiku online, li jagħmilha impossibbli għar-regolaturi li jinfurzaw il-limiti tal-infiq u jipprevjenu sorsi illegali ta' finanzjament, b'konsegwenzi potenzjalment diżastrużi għall-integrità tas-sistemi elettorali tagħna;
- BK. billi n-nuqqas ta' trasparenza fil-finanzjament joħloq ambjent għall-korruzzjoni, li spiss

jakkumpanja l-finanzjament u l-investimenti barranin;

- BL. billi r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej<sup>9</sup> qed jiġi rivedut bil-għan li jinkiseb livell akbar ta' trasparenza f'termini tal-finanzjament tal-attivitajiet politiċi;
- BM. billi r-rwol tal-fondazzjonijiet politiċi kiber f'dawn l-aħħar snin u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet kellu rwol pożittiv fil-politika u fit-tiżiħ tad-demokrazija, iżda f'xi każijiet sar mezz aktar imprevedibbli għal forom malizzjużi ta' finanzjament u ndħil indirett;
- BN. billi t-teknoloġiji moderni u l-assi diġitali, bħall-kriptovaluta, jintużaw biex jaħbu tranżazzjonijiet finanzjarji illegali lil atturi politiċi u partiti politiċi;

### ***Ċibersigurtà u reżiljenza kontra l-attakki ċibernetiċi***

- BO. billi l-okkorrenza ta' attacchi ċibernetiċi u inċidenti ffaċilitati miċ-ċibernetika mmexxija minn atturi statali u mhux statali ostili ilha tiżdied f'dawn l-aħħar snin; billi diversi attacchi ċibernetiċi, bħall-kampanji globali tal-posta elettronika ta' spear phishing immirati lejn strutturi strateġiċi għall-ħżin tal-vaċċini u l-attakki ċibernetiċi kontra l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), il-Parlament Norveġiż u ħafna oħrajn ġew intraċċati lura għal gruppi ta' hackers appoġġati mill-Istat, li fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu affiljati mal-Gvern Russu u ma' dak Ċiniż;
- BP. billi l-Unjoni Ewropea hija impenjata favur l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali fis-seħħ għaċ-ċiberspazju, b'mod partikolari l-Karta tan-NU; billi l-atturi barranin malizzjużi qed jisfruttaw in-nuqqas ta' qafas legali internazzjonali b'saħħtu fil-qasam ċibernetiku;
- BQ. billi l-Istati Membri żiedu l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam taċ-ċiberdifiża fil-qafas tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), inkluż bit-twaqqif ta' Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku; billi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP) inkluda l-intelligence, il-komunikazzjoni sigura u ċ-ċiberdifiża fil-programmi ta' ħidma tiegħu; billi l-kapaċità attwali li jiġi ffaċċjat it-theddid ċibernetiku hija limitata minħabba l-iskarsezza tar-riżorsi umani u finanzjarji, pereżempju fi strutturi kritiċi bħall-isptarijiet; billi l-UE impenjat ruħha li tinvesti EUR 1.6 biljun, fl-ambitu tal-programm Ewropa Diġitali<sup>10</sup>, fil-kapaċità ta' rispons u l-użu ta' għodod taċ-ċibersigurtà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u l-individwi, kif ukoll li tiżviluppa kooperazzjoni pubblika-privata;
- BR. billi l-lakuni u l-frammentazzjoni fil-kapaċitajiet u l-istrateġiji tal-UE fil-qasam ċibernetiku qed isiru problema dejjem akbar, kif indikat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri<sup>11</sup>; billi s-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE, stabbilit f'Mejju 2019, wera l-valur miżjud ta' rispons diplomatiku konġunt tal-UE għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi; billi l-Kunsill iddeċieda għall-ewwel darba fit-30 ta' Lulju 2020 li jimponi miżuri restrittivi fuq individwi, entitajiet u korpi responsabbli għal diversi attacchi

<sup>9</sup> ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1.

<sup>10</sup> <https://www.consilium.europa.eu/mt/policies/cybersecurity/>

<sup>11</sup>

[https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/BRP\\_CYBERSECURITY/BRP\\_CYBERSECURITY\\_MT.pdf](https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/BRP_CYBERSECURITY/BRP_CYBERSECURITY_MT.pdf)



ċibernetiċi jew involuti fihom;

- BS. billi l-użu illeċitu u fuq skala enormi ta' programmi ta' sorveljanza, bħall-Pegasus, intużaw minn atturi statali barranin biex jissorveljaw ġurnalisti, attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, akkademiċi u uffiċjali pubbliċi u politiċi, inklużi l-Kapijiet tal-Istati Ewropej; billi l-Istati Membri għamlu użu wkoll mill-ispjware ta' sorveljanza;

***Protezzjoni tal-Istati Membri, tal-istituzzjonijiet, tal-aġenziji, tad-delegazzjonijiet u tal-missjonijiet tal-UE***

- BT. billi l-karattru deċentralizzat u multinazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-UE, inklużi l-missjonijiet u operazzjonijiet tagħhom, jista' jiġi sfruttat minn atturi barranin malizzjużi li jixtiequ jrawmu l-firda fl-UE; billi hemm nuqqas ġenerali ta' kultura ta' sigurtà fl-istituzzjonijiet tal-UE minkejja l-fatt li dawn huma miri ċari; billi l-Parlament bħala l-istituzzjoni tal-UE eletta demokratikament qed jiffaċċja sfidi speċifiċi; billi diversi każijiet urew li l-istituzzjonijiet tal-UE jidhru vulnerabbli għal infiltrazzjoni barranija; billi s-sikurezza tal-persunal tal-UE għandha tiġi żgurata;
- BU. billi huwa meħtieġ, bħala kwistjoni ta' prijorità, li jiġu stabbiliti proċeduri robusti u koerenti għall-ġestjoni ta' kriżijiet; billi għandu jiġi offrut taħriġ addizzjonali sabiex jissaħħaħ l-istat tat-tnejja tal-persunal;
- BV. billi reċentement seħħew attacchi ċibernetiċi fuq diversi istituzzjonijiet tal-UE, u dan jissottolinja l-ħtieġa ta' kooperazzjoni interistituzzjonali b'saħħitha f'termini tal-identifikazzjoni, il-monitoraġġ u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni matul l-attakki ċibernetiċi u/jew bl-għan li jiġu evitati, anki matul il-missjonijiet u l-operazzjonijiet fl-ambitu tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-UE; billi l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jorganizzaw eżerċizzji regolari u konġunti biex jidentifikaw punti dgħajfa u jieħdu l-miżuri meħtieġa;

***Indħil minn atturi globali permezz tal-ħtif tar-riżorsi mill-elit, tad-dijaspori nazzjonali, tal-universitajiet u tal-avvenimenti kulturali***

- BW. billi għadd ta' politiċi, inklużi politiċi u uffiċjali taċ-ċivil Ewropej ta' livell għoli jiġu mqabbda jew eletti b'co-optation minn kumpaniji privati jew nazzjonali barranin ikkontrollati mill-Istat, bi skambju għall-għarfien tagħhom għad-detriment tal-interessi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha;
- BX. billi ċerti pajjiżi huma partikolarment attivi fil-qasam tal-ħtif tar-riżorsi mill-elit u l-co-optation, b'mod partikolari r-Russja u ċ-Ċina, iżda anki l-Arabja Sawdija u pajjiżi tal-Golf oħra, ma' pereżempju l-eks Kanċellier Ġermaniż, Gerhard Schröder, u l-eks Prim Ministru tal-Finlandja, Paavo Lipponen, li t-tnejn li huma bdew jaħdmu għal Gazprom biex iħaffu l-proċess ta' applikazzjoni għal Nord Stream 1 u 2, l-eks Ministru għall-Affarjiet Barranin tal-Awstrija, Karin Kneissl, li nħatar membru tal-bord ta' Rosneft, l-eks Prim Ministru ta' Franza, François Fillon, li nħatar membru tal-bord ta' Zaroubeyneft, l-eks Prim Ministru ta' Franza, Jean-Pierre Raffarin, li huwa involut b'mod attiv fil-promozzjoni tal-interessi Ċiniżi fi Franza, u l-eks Kummissarju Ċek, Štefan Füle, li ħadem għal CEFC China Energy, l-eks Prim Ministru tal-Finlandja, Esko Aho, li attwalment huwa fil-bord ta' Sberbank tal-Kremlin, l-eks Ministru Franċiż għar-Relazzjonijiet mal-Parlament, Jean-Marie Le Guen, li attwalment huwa membru tal-

Bord tad-Diretturi ta' Huawei France, l-eks Prim Ministru tal-Belġju, Yves Leterme, li nħatar Kopresident tal-fond ta' investment Ċiniż. ToJoy, u ħafna politiċi u uffiċjali oħra ta' livell għoli li qed jassumu rwoli simili;

- BY. billi l-istrategġiji ta' lobbying ekonomiku jistgħu jiġu kkombinati ma' għanijiet marbuta mal-indħil barrani; billi skont ir-rapport tal-OECD dwar il-lobbying fis-seklu 21<sup>12</sup>, l-Istati Uniti, l-Awstralja u l-Kanada biss għandhom regoli li jkopru l-influenza barranija; billi hemm nuqqas serju ta' regoli legalment vinkolanti u infurzar tar-reġistru tal-lobbying tal-UE, li jagħmilha prattikament impossibbli li jiġi ttraċċat il-lobbying li jkun ġej minn barra l-UE; billi bħalissa ma hemm l-ebda mod kif jiġu mmonitorjati l-isforzi tal-lobbying fl-Istati Membri li jinfluwenzaw il-leġiżlazzjoni u l-politika barranija permezz tal-Kunsill Ewropew; billi r-regoli dwar il-lobbying fl-UE jiffokaw prinċipalment fuq kuntatt wiċċ imb'wiċċ u ma jqisux l-ekosistema kollha tat-tipi differenti ta' lobbying li jeżistu fi Brussell; billi pajjiżi bħaċ-Ċina u r-Russja, iżda wkoll il-Qatar, l-Emirati Għarab Magħquda u t-Turkija, investew ħafna fl-isforzi ta' lobbying fi Brussell;
- BZ. billi t-tentattiv tal-istrumentalizzazzjoni ta' gruppi vulnerabbli, inklużi minoranzi u dijaspora nazzjonali li tgħix fit-territorju tal-UE, jirrappreżenta element importanti tal-istrategġiji għall-indħil barrani;
- CA. billi atturi statali differenti, bħall-Gvern Russu, Ċiniż u, f'miżura inqas, dak Tork, qed jippruvaw iżidu l-influenza tagħhom billi jistabbilixxu u jużaw istituti kulturali, edukattivi (eż. permezz ta' għotjiet u boroż ta' studju) u reliġjużi madwar l-Istati Membri, permezz ta' sforz strateġiku biex jiddestabbilizzaw id-demokrazija Ewropea u jespandu l-kontroll fuq l-Ewropa tal-Lvant u l-Ewropa Ċentrali; billi s-sitwazzjoni diffiċli allegata tal-minoranza nazzjonali tagħha ntużat fil-passat mir-Russja bħala skuża għal intervent dirett f'pajjiżi terzi;
- CB. billi hemm evidenza ta' ndħil Russu u ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni online f'ħafna demokraziji liberali madwar id-dinja, inkluż iżda mhux limitat għar-referendum dwar Brexit fir-Renju Unit, u l-elezzjonijiet presidenzjali fi Franza u fl-Istati Uniti, u appoġġ prattiku ta' partiti politiċi estremisti, populistu u anti-Ewropej u ċerti partiti u individwi oħrajn madwar l-Ewropa, inklużi, fost oħrajn Franza, il-Ġermanja, l-Italja u l-Awstrija; billi huwa meħtieġ aktar appoġġ għar-riċerka u l-edukazzjoni biex tkun tista' tinftiehem l-influenza eżatta tal-indħil barrani fuq avvenimenti speċifiċi, bħall-Brexit u l-elezzjoni tal-President Trump fl-2016;
- CC. billi n-networks Russi Sputnik u RT kkontrollati mill-Istat li huma bbażati fil-Punent, flimkien mal-media tal-Punent u li huma kompletament jew parzjalment proprjetà ta' entitajiet legali u individwali Russi u Ċiniżi jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'attivitajiet ta' diżinformazzjoni kontra d-demokraziji liberali; billi r-Russja qed tirrikorri għal reviżjoniżmu storiku, qed tfittex li tagħti narrattiva differenti tad-delitti Sovjetiċi u tippromwovi nostalġija Sovjetika fost il-popolazzjoni suxxettibbli fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant; billi għax-xandara nazzjonali fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant huwa diffiċli li jikkompetu mal-kontenut televiżiv bil-lingwa Russa ffinanzjat mill-Gvern Russu; billi

---

<sup>12</sup> Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, *Lobbying in the 21st Century: Transparency, Integrity and Access* (Il-Lobbying fis-Seklu 21: it-trasparenza, l-integrità u l-aċċess), 2021, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, disponibbli fuq: <https://doi.org/10.1787/c6d8eff8-en>

hemm riskju ta' kooperazzjoni żbilanċjata bejn il-media Ċiniża u dik barranija, meta jitqies li l-media Ċiniża hija l-vuċi tal-Partit Komunista Ċiniż kemm lokalment kif ukoll barra mill-pajjiż;

- CD. billi nfetħu aktar minn 500 ċentru ta' Confucius madwar id-dinja, inkluż madwar 200 fl-Ewropa, u l-Istituti ta' Confucius u l-Klassijiet ta' Confucius jintużaw miċ-Ċina bħala għodda ta' ndħil fl-UE; billi l-libertà akkademika hija ristretta ħafna fl-Istituti Confucius; billi l-universitajiet u l-programmi edukattivi huma fil-mira ta' finanzjament barrani massiv, b'mod partikolari miċ-Ċina jew il-Qatar, bħall-kampus tal-Università Fudan f'Budapest;
- CE. billi l-UE bħalissa ma għandhiex sett ta' għodod meħtieġ biex tindirizza l-ħtif tar-riżorsi mill-elit u tiġġieled l-istabbiliment ta' kanali ta' influwenza, inkluż fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE; billi l-kapaċitajiet ta' għarfien tas-sitwazzjoni u l-istrumenti ta' kontrointelligence għadhom skarsi fil-livell tal-UE, bi grad għoli ta' dipendenza fuq ir-rieda tal-atturi nazzjonali li jikkondividu l-informazzjoni;

### ***Deterrenza, attribuzzjoni u kontromiżuri kollettivi, inklużi sanzjonijiet***

- CF. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha bħalissa ma għandhomx reġim speċifiku ta' sanzjonijiet relatati mal-ndħil barrani u l-kampanji tad-diżinformazzjoni orkestrati minn atturi statali barranin, jiġifieri dawn l-atturi jistgħu jserrħu moħħhom mingħajr inkwiet li mhux se jbatu l-konsegwenzi tal-kampanji ta' destabilizzazzjoni tagħhom kontra l-UE;
- CG. billi l-iżgurar ta' imputazzjoni ċara tad-diżinformazzjoni u l-attakki ta' propaganda, inkluż l-esponent espliċitu u pubbliku tal-isem l-awturi, l-isponsors tagħhom u l-għanijiet li qed jipprovaw jiksbu, kif ukoll il-kejl tal-effetti ta' dawn l-attakki fuq l-udjenza fil-mira, huma l-ewwel passi lejn id-difiża effettiva kontra tali azzjonijiet;
- CH. billi l-UE għandha ssaħħa l-għodod ta' deterrent tagħha u l-għodod għall-imputazzjoni ta' tali attacchi u l-klassifika tan-natura tagħhom bħala li jiksru jew ma jiksru id-dritt internazzjonali, bil-ħsieb li jiġi stabbilit reġim ta' sanzjonijiet effettiv biex atturi barranin malizzjużi jkollhom iħallsu l-ispejjeż tad-deċiżjonijiet tagħhom u jbatu l-konsegwenzi; billi jaf ma jkunx biżżejjed li jiġu mmirati individwi; billi għodod oħra, bħall-miżuri kummerċjali, jistgħu jintużaw biex jiproteġu l-proċessi demokratiċi Ewropej kontra attacchi ibridi sponsorjati mill-Istat; billi l-miżuri ta' deterrent iridu jiġu applikati b'mod trasparenti bil-garanziji kollha dovuti; billi l-attakki ibridi huma kkalibrati sabiex deliberatament jaqgħu taħt il-limitu stabbilit fl-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana;

### ***Kooperazzjoni globali u multilateraliżmu***

- CI. billi azzjonijiet malizzjużi orkestrati minn atturi statali u mhux statali barranin qed jaffettwaw lil ħafna pajjiżi demokratiċi sħab madwar id-dinja; billi l-alleati demokratiċi jiddependu fuq il-kapaċità tagħhom li jingħaqdu flimkien biex jagħtu rispons kollettiv;
- CJ. billi l-pajjiżi tal-adeżjoni tal-UE fil-Balkani tal-Punent qed jintlaqtu partikolarment ħażin minn attacchi fil-forma ta' ndħil barrani u kampanji ta' diżinformazzjoni li joriġinaw mir-Russja, miċ-Ċina u mit-Turkija, bħall-kampanji ta' ndħil tar-Russja matul il-proċess ta' ratifika tal-Ftehim ta' Prespa fil-Maċedonja ta' Fuq; billi l-pandemija tal-

COVID-19 kompliet tiġi sfruttata fil-Balkani tal-Punent miċ-Ċina u r-Russja biex jiddestabilizzaw dawn il-pajjiżi u jiskreditaw lill-UE; billi l-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali huma mistennija jissieħbu fl-inizjattivi tal-UE biex jiġġieldu l-indhila barrani;

- CK. billi għad hemm nuqqas ta' fehim komuni u definizzjonijiet komuni fost is-sħab u l-alleati tal-istess fehma fir-rigward tan-natura tat-theddid inkwistjoni; billi s-Segretarju Ġenerali tan-NU qed jitlob kodiċi ta' kondotta globali biex jipromwovi l-integrità tal-informazzjoni pubblika; billi l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa hija pjattaforma importanti għal diskussjonijiet relatati mas-suġġett;
- CL. billi hemm hteġa ta' kooperazzjoni globali u multilaterali u appoġġ fost is-sħab tal-istess fehma fl-indirizzar tal-indhila barrani malizzjuż; billi demokrazzi oħra żviluppaw ħliet u strateġiji avvanzati, bħall-Awstralja u t-Tajwan; billi t-Tajwan jinsab fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, prinċipalment miċ-Ċina; billi s-suċċess tas-sistema Tajwaniża huwa bbażat fuq il-kooperazzjoni fost il-fergħat kollha tal-gvern, iżda wkoll ma' NGOs indipendenti speċjalizzati fil-verifika tal-fatti u l-litteriżmu fil-media u mal-pjattaformi tal-media soċjali, bħall-Facebook, kif ukoll fuq il-promozzjoni tal-litteriżmu fil-media għall-ġenerazzjonijiet kollha, il-konfutazzjoni tad-diżinformazzjoni, u t-trażżin tat-tixrid ta' messaġġi manipulattivi; billi l-Kumitat Speċjali INGE mar fuq missjoni uffiċjali ta' tlett ijiem fit-Tajwan biex jiddiskuti d-diżinformazzjoni u l-intervent elettoralni barrani;

### ***Il-hteġa ta' strateġija kkoordinata tal-UE kontra l-indhila barrani***

1. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-okkorenza dejjem akbar u n-natura dejjem aktar sofistikata tal-indhila barrani u tat-tentattivi ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni, fil-biċċa l-kbira mwettqa mir-Russja u ċ-Ċina u mmirati lejn il-partijiet kollha tal-funzjonament demokratiku tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha;
2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, u lill-koleġiżlaturi u l-Istati Membri jappoġġaw, strateġija fuq diversi livelli li tkun ikkoordinata u transsettorjali, kif ukoll riżorsi finanzjarji adegwati, li għandhom l-għan li jipprovdu lill-UE u l-Istati Membri tagħha bi prospettivi u politiki xierqa ta' reżiljenza u għodod ta' deterrent, li jippermettulhom jindirizzaw it-theddid ibridu u l-attakki kollha orkestrati minn atturi statali u mhux statali barranin; iqis li din l-istrateġija għandha tinbena fuq:
  - a) terminoloġiji u definizzjonijiet komuni, metodoloġija unika, evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt *ex post* tal-leġiżlazzjoni adottata s'issa, sistema ta' intelligence kondiviża, u fehim, monitoraġġ, inkluż twissijiet bikrija, u għarfien tas-sitwazzjoni tal-kwistjonijiet involuti,
  - b) politiki konkreti li jippermettu l-bini tar-reżiljenza fost iċ-ċittadini tal-UE f'konformità mal-valuri demokratiċi, anki permezz ta' appoġġ lis-soċjetà ċivili,
  - c) kapaċitajiet xierqa ta' tħarbit u difiża,
  - d) risponsi diplomatiċi u ta' deterrent, inkluż sett ta' għodod tal-UE għall-ġlieda kontra l-indhila barrani u l-operazzjonijiet ta' influwenza, inklużi operazzjonijiet ibridi, permezz ta' miżuri adegwati, eż. l-imputazzjoni tal-awturi u l-esponent

pubbliku ta' isimhom, is-sanzjonijiet u l-kontromiżuri, u sħubijiet globali għall-iskambju ta' Prattiki u l-promozzjoni ta' standards internazzjonali ta' mġiba responsabbli tal-Istat;

3. Jissottolinja li l-miżuri kollha għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-imputazzjoni, il-ġlieda u s-sanzjonar tal-indħil barrani jridu jitfasslu b'mod li jirrispetta u jippromwovi d-drittijiet fundamentali, inkluża l-kapaċità taċ-ċittadini tal-UE li jikkomunikaw b'mod sigur, anonimu u mingħajr ċensura, mingħajr indħil żejjed minn kwalunkwe attur barrani;
4. Iqis li din l-istrateġija għandha tkun ibbażata fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju, li jkopri s-soċjetà kollha u l-gvern kollu, u b'mod partikolari l-oqsma li ġejjin:
  - a) it-tiżiħ tar-reżiljenza tal-UE permezz tal-għarfien tas-sitwazzjoni, tal-litteriżmu fil-media u tal-informazzjoni, tal-pluraliżmu tal-media, tal-ġurnaliżmu indipendenti u tal-edukazzjoni
  - b) l-indħil barrani permezz ta' pjattaformi online,
  - c) l-infrastruttura kritika u s-setturi strateġiċi,
  - d) l-indħil barrani matul il-proċessi elettorali
  - e) il-finanzjament bil-moħbi ta' attivitajiet politiċi minn atturi u donaturi barranin
  - f) iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza kontra l-attakki ċibernetiċi,
  - g) il-protezzjoni tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, id-delegazzjonijiet u l-missjonijiet tal-UE
  - h) l-indħil minn atturi globali permezz tal-ħtif tar-riżorsi mill-elit, tad-dijasporti nazzjonali, tal-universitajiet u tal-avvenimenti kulturali,
  - i) id-deterrenza, l-imputazzjoni u l-kontromiżuri kollettivi, inklużi sanzjonijiet
  - j) il-kooperazzjoni globali u l-multilateraliżmu;
5. Jitlob, b'mod partikolari, li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu r-riżorsi u l-mezzi allokatil lill-korpi u lill-organizzazzjonijiet madwar l-Ewropa u globalment – bħal gruppi ta' riflessjoni u verifikaturi tal-fatti – inkarigati bil-monitoraġġ u s-sensibilizzazzjoni tal-gravità tat-theddid, inkluża d-diżinformazzjoni; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-UE f'sens strateġiku usa'; jitlob li l-kapaċità ta' previżjoni u l-interoperabbiltà tal-UE u tal-Istati Membri tagħha jissaħħu biex tiġi żgurata tħejjija robusta għall-previżjoni, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-manipulazzjoni ta' informazzjoni u tal-indħil barranin, biex isaħħu l-protezzjoni tal-interessi strateġiċi u l-infrastruttura tagħhom, u biex jinvolvu ruħhom fil-kooperazzjoni u l-koordinament multilaterali ħalli jintlaħaq fehim komuni għall-kwistjoni fil-fora internazzjonali rilevanti; jistieden lill-Kunsill Affarjiet Barranin jiddiskuti kwistjonijiet ta' ndħil barrani fuq bażi regolari;
6. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas enormi ta' sensibilizzazzjoni, anki fost il-pubbliku usa' u l-uffiċjali taċ-ċivil, dwar il-gravità tat-theddid attwali maħluq minn reġimi awtoritarji

barranin u atturi malizzjużi oħra mmirat lejn il-livelli u s-setturi kollha tas-soċjetà Ewropea, bil-għan li jimmina d-drittijiet fundamentali u l-leġittimità tal-awtoritajiet pubbliċi, japprofondixxi l-frammentazzjoni politika u soċjali u, f'xi każijiet, saħansitra jikkawża ħsara li tista' tirriżulta fatali għall-ħajja għaċ-ċittadini tal-UE;

7. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' normi u miżuri xierqa u suffiċjenti biex jiġu imputati l-atti ta' ndħil barrani u jingħata rispons għalihom, u dan in-nuqqas jirriżulta f'kalkolu attraenti għall-atturi malizzjużi fejn l-ispejjeż u r-riskji huma baxxi u gwadann huwa kbir, peress li r-riskji li jaffaċċjaw riperkussjonijiet għall-azzjonijiet tagħhom bħalissa huma baxxi ħafna;
8. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tinkludi, fejn rilevanti, perspettiva ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u ta' ndħil barranin fil-valutazzjoni tal-impatt *ex ante* mwettqa qabel il-preżentazzjoni ta' proposti ġodda, bil-ħsieb li l-għlieda kontra l-ndħil u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni barranin tiġi integrata fit-tfassil tal-politika tal-UE; ihegġegħ lis-SEAE u lill-Kummissjoni jwettqu ukoll rieżamijiet regolari tar-reżiljenza u jivvalutaw l-iżvilupp tat-theddid u l-impatt tagħhom fuq il-leġiżlazzjoni u l-politiki attwali;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-istituzzjonijiet nazzjonali reċenti, bħall-Koordinatur Nazzjonali tal-Awstralja għall-Ġlieda kontra l-Indħil Barrani, il-Kumitat tas-Sigurtà tal-Finlandja li jassisti lill-gvern u lill-ministeri, l-Aġenzija tal-Kontinġenzi Ċivili, l-aġenzija l-għdida għad-difiża psikoloġika u ċ-Ċentru Nazzjonali dwar iċ-Ċina tal-Iżvezja, u l-aġenzija nazzjonali l-għdida ta' Franza, Viginum, iċ-Ċentru Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà tal-Litwanja, u t-taskforce interaġenzija għall-koordinament tad-diżinformazzjoni biex tara x'nistgħu nitgħallmu minn dawn l-aħjar Prattiki u sa liema miżura tista' tiġi implimentata idea simili fil-livell tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u tal-aħjar Prattiki fost l-Istati Membri f'dan ir-rigward; jenfasizza l-importanza ta' approċċ u strumenti proattivi, inklużi l-komunikazzjonijiet strateġiċi bħala attività ewlenija għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE u tal-Istati Membri permezz ta' kliem u azzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi taħriġ adegwat fix-xjenza tad-data u toħloq korp ta' monitoraġġ uniku fi ħdan il-Kummissjoni dwar il-manipulazzjoni tal-informazzjoni;
10. Jinsab imħasseb dwar il-ħafna nuqqasijiet u lakuni fil-leġiżlazzjoni u l-politiki attwali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali maħsuba biex jidentifikaw, jipprevjenu u jiġġieldu l-ndħil barrani;
11. Jinnota li għadd ta' proġetti u programmi fit-tul, b'enfasi fuq il-għlieda kontra d-diżinformazzjoni fil-livell teknoloġiku, legali, psikoloġiku u informattiv, qed jiġu ffinanzjati mill-UE; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt ta' dawn il-proġetti u l-programmi u l-applikabbiltà tagħhom;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi taskforce mmexxija minn Věra Jourová, fil-kwalità tagħha ta' Viċi President tal-Kummissjoni għall-Valuri u t-Trasparenza, iddedikata għall-iskrutinju tal-leġiżlazzjoni u l-politiki eżistenti biex jiġu identifikati nuqqasijiet li jistgħu jiġu sfruttati minn atturi malizzjużi, u jhegġegħ lill-Kummissjoni telimina dawn in-nuqqasijiet; jisħaq li din l-istruttura għandha tikkoopera ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE u mal-Istati Membri fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali u tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar Prattiki; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE

jikkunsidraw l-istabbiliment ta' Ċentru Ewropew għal Theddid ta' Ndħil u tal-Integrità tal-Informazzjoni, li jkollu riżorsi xierqa u jkun indipendenti u li għandu jidentifika, janalizza u jiddokumenta operazzjonijiet ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u theddid ta' ndħil kontra l-UE kollha kemm hi, iżid l-għarfien tas-sitwazzjoni, jiżviluppa ċentru ta' għarfien speċjalizzat billi jsir pjattaforma għall-koordinament mas-soċjetà ċivili, is-settur tan-negozju, l-UE u l-istituzzjonijiet nazzjonali, u jqajjem kuxjenza pubblika, fost l-oħrajn permezz ta' rapporti regolari dwar theddid sistemiku; jenfasizza li l-proġett ta' ħolqien ta' Ċentru Ewropew għal Theddid ta' Ndħil u tal-Integrità tal-Informazzjoni ġdid, indipendenti u li jkollu riżorsi adegwati, għandu jiċċara u jsaħħaħ ir-rwol tad-diviżjoni StratCom tas-SEAE u tat-task forces tiegħu bħala l-korp strateġiku tas-servizz diplomatiku tal-UE u jipprevjeni t-trikkib tal-attivitajiet; jenfasizza li l-mandat ta' StratCom tas-SEAE għandu jkun iffukat fuq l-iżvilupp strateġiku ta' politiki esterni biex jiġi miġġieled it-theddid konġunt eżistenti u emerġenti u biex jissaħħaħ l-involvement mas-sħab internazzjonali f'dan il-qasam; jirimarka li StratCom tas-SEAE tista' ssegwi dawn l-oġettivi f'kooperazzjoni mill-qrib ma' Ċentru Ewropew għal Theddid ta' Ndħil u tal-Integrità tal-Informazzjoni ġdid u ma' task force ġdida tal-Kummissjoni;

13. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jagħtu s-setgħa lis-soċjetà ċivili biex ikollha rwol attiv fil-ġlieda kontra l-ndħil barrani; jistieden lil-livelli u lis-setturi kollha tas-soċjetà Ewropea jistabbilixxu sistemi biex irendu l-organizzazzjonijiet u ċ-ċittadini kollha aktar reżiljenti għall-ndħil barrani, biex ikunu jistgħu jidentifikaw l-attakki fil-ħin u jiġġieldu l-attakki bl-aktar mod effiċjenti possibbli, anki permezz tal-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni, fi ħdan il-qafas tal-UE tad-drittijiet fundamentali u b'mod trasparenti u demokratiku; isemmi, f'dan il-kuntest, l-aħjar Prattiki u l-approċċ li jinkludi s-soċjetà fit-totalità tagħha segwiti mit-Tajwan; jistieden lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jipprovdu lis-soċjetà ċivili b'għodod xierqa u fondi speċifiċi għall-istudju, l-esponiment u l-ġlieda kontra l-ndħil barrani;

### ***Il-bini tar-reżiljenza tal-UE permezz tal-għarfien tas-sitwazzjoni, il-litteriżmu fil-media u l-edukazzjoni***

14. Jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jeħtieġu sistemi sodi, robusti u interkonnessi biex jidentifikaw, janalizzaw, jintraċċaw u jimmapjaw okkorrenzi min-naħa ta' atturi statali u mhux statali barranin ta' ndħil fil-proċessi demokratiċi sabiex jiżviluppaw għarfien tas-sitwazzjoni u fehim ċar tat-tip ta' mgħiba li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jiskoraġġixxu u jindirizzaw; jappella għal riċerka u sħarriġ soċjoloġiċi regolari biex jiġu mmonitorjati r-reżiljenza u l-litteriżmu fil-media, kif ukoll biex nifhmu l-appoġġ pubbliku u l-perċezzjonijiet tan-narrattivi ta' diżinformazzjoni l-aktar komuni;
15. Jissottolinja li huwa daqstant ieħor importanti li l-għarfien minn din l-analiżi ma jibqax fi ħdan gruppi ta' speċjalisti fil-qasam tal-ndħil barrani, iżda sa fejn possibbli jinqasam bil-miftuħ mal-pubbliku inġenerali, speċjalment ma' persuni li jwettqu funzjonijiet sensitivi, sabiex kulħadd ikun konxju dwar ix-xejriet tat-theddid u jkun jista' jevita r-riskji;
16. Jissottolinja li huwa meħtieġ li tiġi żviluppata metodoloġija komuni għall-iżvilupp tal-għarfien tas-sitwazzjoni, it-twissijiet bikrija u valutazzjoni tat-theddid, il-ġbir ta' evidenza sistematika u d-identifikazzjoni ta' manipulazzjoni tal-ambjent tal-

informazzjoni, kif ukoll l-iżvilupp ta' standards għall-imputazzjoni teknika, pereżempju dwar l-awtentività tal-kontenut, sabiex jiġi żgurat rispons effettiv;

17. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u billi taħdem multilaterali fil-fora internazzjonali rilevanti, tiżviluppa definizzjoni kunċettwali tat-theddid ta' ndħil li qed taffaċċja l-UE; jissottolinja li din id-definizzjoni jeħtieġ li tirrifletti t-tattiki, it-tekniki, il-proċeduri u l-ġhodda użati biex jiddeskrivu x-xejriet tal-imġiba tal-atturi statali u mhux statali tat-theddid li qed naraw illum; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinvolvi lill-FRA tal-UE biex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda kunċett diskriminatorju jew mhux ekwi jew preġudizzji inkorporati fi kwalunkwe definizzjoni kunċettwali;
18. Jissottolinja li d-diplomazija pubblika u l-komunikazzjoni strateġika huma elementi essenzjali tar-relazzjonijiet esterni tal-UE u l-protezzjoni tal-valuri demokratiċi tal-UE; jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżviluppaw aktar u jintensifikaw il-ħidma importanti tad-diviżjoni StratCom tas-SSEAE, mat-taskforces tiegħu, iċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE (INTCEN tal-UE) u ċ-Ċellola ta' Fużjoni kontra t-Theddid Ibridu, id-Direttorat tal-Intelligence tal-Istaff Militari tal-UE, is-Sistema ta' Twissija Rapida, il-kooperazzjoni stabbilita fil-livell amministrattiv bejn is-SEAE, il-Kummissjoni u l-Parlament, in-network immexxi mill-Kummissjoni kontra d-diżinformazzjoni, it-task force amministrattiva tal-Parlament kontra d-diżinformazzjoni, u l-kooperazzjoni kontinwa man-NATO, il-G7, is-soċjetà ċivili u l-industrija privata fir-rigward tal-kooperazzjoni dwar l-intelligence, l-analiżi, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u s-sensibilizzazzjoni dwar il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-ndħil barranin; Jilqa' r-Rapporti Speċjali 09/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) bit-titlu "Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata", jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jippubblikaw skeda ta' żmien dettaljata għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA;
19. Jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi ta' monitoraġġ permanenti u li jiġu rinforzati ferm qabel l-elezzjonijiet, ir-referenda jew proċessi politiċi importanti oħra madwar l-Ewropa;
20. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ minn dawn ir-riżorsi billi jaqsmu l-intelligence rilevanti mal-INTCEN tal-UE u jżidu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-Sistema ta' Twissija Rapida; huwa tal-fehma li l-kooperazzjoni fl-analiżi u fl-intelligence fi ħdan l-UE u man-NATO jeħtieġ li tissaħħaħ aktar, filwaqt li jeħtieġ li tali kooperazzjoni ssir aktar trasparenti u demokratikament responsabbli, inkluż permezz tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-Parlament;
21. Jilqa' l-idea tal-President tal-Kummissjoni von der Leyen li jiġi stabbilit Ċentru Konġunt tal-Għarfien tas-Sitwazzjoni biex tittejjeb il-previżjoni strateġika u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE, filwaqt li jistenna kjarifika ulterjuri dwar l-istruttura u l-missjoni tiegħu; jissottolinja li ċentru bħal dan ikun jirrikjedi kooperazzjoni attiva mas-servizzi tal-Kummissjoni, is-SEAE, il-Kunsill, il-Parlament u l-awtoritajiet nazzjonali; itenni, madankollu, l-importanza li tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u t-trikkib mal-istrutturi eżistenti tal-UE;
22. Ifakkar fil-ħtieġa li s-SEAE jingħata mandat imsaħħaħ u definit b'mod ċar u r-riżorsi



meħtieġa biex id-Diviżjoni għall-Komunikazzjoni Strateġika, it-Task Forces u l-Analiżi tal-Infurmazzjoni timmonitorja u tindirizza l-manipulazzjoni tal-infurmazzjoni u l-indhfil lil hinn mis-sorsi barranin li attwalment huma koperti mit-tliet task forces u timmira lejn kopertura ġeografika usa' billi jiġi applikat approċċ ibbażat fuq ir-riskju; jitlob b'mod urġenti li s-SEAE jkollu kapaċitajiet adegwati sabiex jindirizza l-manipulazzjoni tal-infurmazzjoni u l-indhfil min-naħa taċ-Ċina, partikolarment billi jinħoloq tim speċifiku għal-Lvant Imbiegħed; jisħaq ulterjorment fuq il-ħtieġa li tingħata spinta sinifikanti lill-għarfien espert u lill-kapaċità lingwistika fir-rigward taċ-Ċina u ta' reġjuni oħra ta' importanza strateġika, fis-SEAE, fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet tal-UE b'mod ġenerali, u li jintużaw sorsi ta' intelligence minn sorsi miftuħa li bħalissa mhumiex użati biżżejjed;

23. Jisħaq fuq l-importanza ta' media mifruxa b'mod wiesa', kompetittiva u pluralistika, ġurnalisti, verifikaturi tal-fatti u riċerkaturi indipendenti u media soda tas-servizz pubbliku għal dibattitu demokratiku vivaċi u liberu; jilqa' pożittivament l-inizjattivi biex jitlaqqgħu flimkien, jitħarrġu u jiġu appoġġati b'modi oħra l-organizzazzjonijiet ta' ġurnalisti, verifikaturi tal-fatti u riċerkaturi indipendenti fl-Ewropa kollha, u b'mod partikolari fir-reġjuni l-aktar friskju, bħall-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali u l-Fond Ewropew għad-Demokrazija; jiddispjaċih li l-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali ma jinkludix l-Istati Baltiċi; jilqa' pożittivament anki l-inizjattivi mmirati biex jistabbilixxu indikaturi tal-affidabbiltà tal-ġurnaliżmu u tal-verifika tal-fatti li jkunu faċli li jintgħarfu, bħal dak mibdi minn Reporters mingħajr fruntieri; jistieden lill-Kummissjoni tikkuntrasta s-sjieda monopolistika tal-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa;
24. Ifaħħar ir-riċerka indispensabbli u l-ħafna inizjattivi kreattivi u ta' suċċess dwar il-litteriżmu diġitali u fil-media kif ukoll dawk ta' sensibilizzazzjoni mwettqa minn individwi, skejjel, universitajiet, organizzazzjonijiet tal-media, istituzzjonijiet pubbliċi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
25. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jallokaw is-sorsi ta' finanzjament pubbliċi tal-UE lill-verifikaturi tal-fatti, lir-riċerkaturi, lill-media u l-ġurnalisti investigattivi u ta' kwalità u lill-NGOs indipendenti li jirriċerkaw u jinvestigaw il-manipulazzjoni tal-infurmazzjoni u l-indhfil, li jippromwovu l-litteriżmu diġitali, fil-media u fl-infurmazzjoni u mezzi oħra biex jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini, u li jirriċerkaw modi kif titkejjel b'mod sinifikattiv l-effikaċja tat-taħriġ fil-litteriżmu diġitali, fil-media u fl-infurmazzjoni, tal-kampaniji ta' sensibilizzazzjoni, tal-konfutazzjoni tad-diżinformazzjoni u tal-komunikazzjoni strateġika;
26. Jitlob li jittieħdu miżuri biex tissaħħaħ il-media professjonali u pluralistika, bil-garanzija li l-pubblikaturi jirċievu introjtu ġust għall-użu li jsir mill-kontenut tagħhom fuq l-internet; jissottolinja li diversi pajjiżi fid-dinja qed jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-media jkollha riżorsi finanzjarji adegwati; itenni l-appell tiegħu għall-ħolqien ta' fond Ewropew permanenti għall-mezzi tal-infurmazzjoni u jilqa' favorevolment, f'dan ir-rigward, l-inizjattiva "News", inklużi l-possibiltajiet il-ġodda ta' finanzjament għas-settur tal-media u għal-litteriżmu fil-media u fl-infurmazzjoni fil-programm Ewropa Kreattiva 2021-2027; josserva, madankollu, li l-flussi ta' finanzjament jistgħu joħolqu dipendenza jew iħallu impatt fuq l-indipendenza tal-media; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza tat-trasparenza tal-finanzjament tal-media; jemmen li d-divulgazzjoni

pubblika tal-informazzjoni ta' min hu s-sid tal-istrumenti tal-media, min jagħtihom donazzjonijiet jew min ifornihom b'kontenut u min iħallas għall-kontenut ġurnalistiku hija meħtieġa għall-protezzjoni tal-pluraliżmu tal-media.

27. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu kkonsolidati l-analiżijiet, ir-rapportar ta' inċidenti u l-valutazzjonijiet ibbażati fuq l-intelligence ta' theddid pubbliku fir-rigward tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u tal-indhila u li tali informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku; jissuġġerixxi għaldaqstant il-ħolqien ta' bażi tad-data fuq skala tal-UE għall-inċidenti ta' ndhila barrani rrapportati mill-awtoritajiet tal-UE u tal-Istati Membri; jissottolinja l-fatt li l-informazzjoni dwar tali inċidenti tista' tkun kondiviża, meta jkun il-każ, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-pubbliku, bil-lingwi kollha tal-UE;
28. Jistieden lill-Istati Membri kollha jinkludu l-litteriżmu diġitali u fil-media, kif ukoll l-edukazzjoni dwar suġġetti bħad-demokrazija, id-drittijiet fundamentali, l-istorja reċenti, l-affarijiet internazzjonali, il-ħsieb kritiku u l-parteċipazzjoni pubblika, fil-kurrikuli tagħhom, mis-snin bikrin sal-edukazzjoni għall-adulti, inkluż it-taħriġ għall-għalliema u għar-riċerkaturi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ favur l-edukazzjoni storika u r-riċerka dwar il-mod kif l-indhila barrani u t-totalitariżmu tal-imgħoddi influwenzaw is-soċjetà b'mod ġenerali, u l-ġrajijiet demokratiċi fuq skala kbira b'mod speċifiku;
29. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri, fil-livelli amministrattivi kollha, jidentifikaw is-setturi f'riskju ta' tentattivi ta' ndhila u jipprovdu taħriġ u eżerċizzji regolari għall-persunal li jaħdem f'dawn is-setturi sabiex jiġu identifikati u evitati t-tentattivi ta' ndhila, u jissottolinja li tali sforzi jkunu jibbenefikaw minn format standardizzati stabbiliti mill-UE; jirrakkomanda li l-moduli ta' taħriġ komprensivi jiġu offruti wkoll lill-impjegati tas-servizz pubbliku kollha; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, it-taħriġ offrut lill-Membri u lill-persunal mill-amministrazzjoni tal-Parlament; jirrakkomanda li dan it-taħriġ jiġi żviluppat aktar;
30. Jissottolinja l-bżonn li tiżdied is-sensibilizzazzjoni rigward l-indhila barrani fil-livelli kollha tas-soċjetà; jilqa' pożittivament l-inizjattivi meħuda mis-SEAE, mill-Kummissjoni u mill-amministrazzjoni tal-Parlament, bħal avvenimenti ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni għall-ġurnalisti, l-għalliema, l-influwenzaturi, l-istudenti, iċ-ċittadini anzjani u l-viżitaturi, kemm offline kif ukoll online, fi Brussell u fl-Istati Membri kollha l-oħra, u jirrakkomanda li dawn jiġu żviluppati aktar;
31. Jistieden lill-Istati Membri, lill-amministrazzjoni tal-UE u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jaqsmu l-aħjar prattiki għat-taħriġ u għas-sensibilizzazzjoni fil-litteriżmu fil-media u fl-informazzjoni, kif mitlub fid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva<sup>13</sup>; jistieden lill-Kummissjoni torganizza dawn l-iskambji f'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Esperti dwar il-Litteriżmu fil-Media; jissottolinja l-fatt li l-Istati Membri jeħtieġ li jimplementaw id-direttiva riveduta malajr u korrettament;
32. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jlaboraw Kodiċi Etiku biex jiggwida lill-awtoritajiet

---

<sup>13</sup> Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva, ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

pubbliċi u lir-rappreżentanti politiċi fl-użu tal-pjattaformi u tan-networks tal-media soċjali; iqis li hu neċessarju li jiġi inkoraġġut l-użu ta' tali pjattaformi u networks biex jiġu miġġielda l-manipulazzjoni u l-miżinformazzjoni fl-isfera pubblika;

33. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jimplimentaw programmi ta' sensibilizzazzjoni u ta' litteriżmu fil-media u fl-informazzjoni mfasslin apposta, anki għad-dijaspori u għall-minoranzi, u jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi sistema għall-kondiviżjoni faċli tal-materjal bil-lingwi minoritarji, sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tat-traduzzjoni u jintlaħqu kemm jista' jkun nies; jistieden lir-reġjuni u lill-muniċipalitajiet jieħdu rwol ta' tmexxija, billi huwa importanti li jiġu involuti ż-żoni rurali u l-gruppi demografiċi kollha;
34. Jissottolinja l-fatt li risposta essenzjali għat-tentattivi ta' ndhila barrani hija d-difiża tal-gruppi fil-mira ewlenin li lejhom ikunu mmirati; jenfasizza l-bżonn ta' azzjoni mmirata, permezz ta' qafas ġuridiku tal-UE armonizzat, kontra t-tixrid tad-diżinformazzjoni u tad-diskors ta' mibegħda dwar kwistjonijiet relatati mal-ġeneri, mal-persuni LGBTIQ+, mal-minoranzi u mar-rifuġjati; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u timplimenta strateġiji maħsuba biex jostakolaw il-finanzjament tal-persuni u tal-gruppi li attivament jipparteċipaw fil-manipulazzjoni tal-informazzjoni jew ixerrduha, spiss immirata lejn it-temi u l-gruppi hawn fuq imsemmija, bit-tir li tinbet firda fis-soċjetà; jitlob li jsiru kampanji ta' komunikazzjoni pożittiva dwar dawn il-kwistjonijiet u jissottolinja l-bżonn ta' taħriġ sensitiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru;
35. Jirrikonoxxi li l-attakki u l-kampanji tad-diżinformazzjoni tal-ġeneru spiss jintużaw bħala parti minn strateġija politika usa' maħsuba biex timmina l-parteċipazzjoni ndaq fil-proċessi demokratiċi, speċjalment tan-nisa u tal-persuni LGBTIQ+; jisħaq fuq il-fatt li d-diżinformazzjoni dwar il-persuni LGBTIQ+ tkebbes il-mibegħda, kemm online kif ukoll offline, u thedded haġġet in-nies; jitlob li ssir riċerka dwar id-diżinformazzjoni online b'lenti intersettorjali u għas-superviżjoni tal-bidliet li l-pjattaformi qegħdin jagħmlu biex jirrispondu għall-kampanji ta' diżinformazzjoni tal-ġeneru online; jitlob li tingħata dejjem aktar attenzjoni lid-diżinformazzjoni tal-ġeneru bis-saħħa tal-ħolqien ta' sistemi ta' twissija bikrija li permezz tagħhom il-kampanji ta' diżinformazzjoni tal-ġeneru jkun jistgħu jiġu rrapportati u identifikati;
36. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq strateġija ġenerali dwar il-litteriżmu fil-media u fl-informazzjoni, b'enfasi speċjali fuq il-għlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni;
37. Jilqa' pożittivament il-ħolqien ta' grupp ta' esperti dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, li se jikkonċentra fuq il-ħsieb kritiku, it-taħriġ għall-għalliema, l-isforzi maħsuba biex jilqgħu mill-bidu u jikkonfutaw id-diżinformazzjoni u għall-verifika tal-fatti, kif ukoll fuq l-involvement tal-istudenti, fost kompiti oħra; jistieden lill-Kummissjoni tikkondividi r-riżultati tal-ħidma ta' dan il-grupp ta' esperti u timplimenta l-konklużjonijiet tiegħu;
38. Jissottolinja l-importanza tal-komunikazzjoni strateġika biex jiġu miġġielda l-aktar narrattivi komuni kontra d-demokrazija; jitlob titjib fil-komunikazzjoni strateġika tal-UE biex jiżdied il-kuntatt tagħha kemm maċ-ċittadini kif ukoll esternament; jisħaq li l-organizzazzjonijiet demokratiċi kollha jeħtieġ li jiddefendu d-demokrazija u jsostnu l-

istat tad-dritt u għandhom responsabbiltà komuni li jinteraġixxu maċ-ċittadini, bl-użu tal-lingwi u tal-pjattaformi li jippreferu huma;

39. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw kampanji ta' komunikazzjoni pubblika effikaċi fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19, bil-għan li tinxtered informazzjoni preċiża u fil-ħin biex tikkontrobilanċja l-miżinformazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-vaċċini;
40. Jinsab imħasseb immens bit-tixrid ta' propaganda minn Stati barranin, li toriġina l-aktar minn Moska u Beijing, u anki minn Ankara, li tiġi tradotta bil-lingwi lokali, pereżempju permezz ta' kontenut medjatiku ffinanzjat minn RT, Sputnik, Anadolu, CCTV, Global Times-, Xinhua-, TRT World jew mill-Partit Komunista Ċiniż u taparsi huwa ġurnaliżmu, u distribwit mal-gazzetti; isostni li tali kanali ma jistgħux jitqiesu media reali u għalhekk ma għandhomx igawdu mill-istess drittijiet u protezzjoni bħall-media demokratika; jinsab imħasseb bl-istess mod dwar kif dawn in-narrattivi nfirxu għal prodotti ġurnalistiċi awtentiċi; jissottolinja l-bżonn li jkun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-kampanji ta' diżinformazzjoni tar-Russja u taċ-Ċina, li t-tir tagħhom huwa li jqajmu dubji dwar il-valuri demokratiċi u jifirdu lill-UE, inkwantu dawn jikkostitwixxu s-sors ewlieni ta' diżinformazzjoni fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni tagħti bidu għal studju dwar l-istandards minimi għall-media bħala bażi li fuqha tirrevoka possibbilment il-liċenzji f'każ ta' ksur; jitlob lill-Kummissjoni tintegra l-konklużjonijiet tal-istudju fil-leġislazzjoni imminenti, bħal f'liġi possibbli dwar il-libertà tal-istampa; josserva li l-atturi tal-indhila barrani jistgħu jippreżentaw ruħhom b'mod falz bħala ġurnalisti; jemmen li, f'każijiet bħal dawn, għandu jkun possibbli li tali persuna jew organizzazzjoni tiġi sanzjonata billi, pereżempju, l-ismijiet ta' dawh responsabbli jissemew espliċitament, jiġu esklużi mill-konferenzi stampa jew ikunilhom revokat l-akkreditament;
41. Jinsab imħasseb immens bl-attakki, il-fastidju, il-vjolenza u t-theddid fil-konfront tal-ġurnalisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-persuni l-oħra li jikxfu l-indhila barrani, fatt li jista' wkoll jikkomprometti l-indipendenza tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta malajr proposti konkreti u ambizzjużi dwar is-sikurezza ta' dawn il-persuni kollha, inkluż strument anti-SLAPP (kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika), kif ukoll appoġġ ekonomiku, legali u diplomatiku, kif tħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea; jilqa' pożittivament, f'dan ir-rigward, ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea<sup>14</sup>; jitlob lill-Istati Membri jipproteġu b'mod effikaċi lill-ġurnalisti u lill-professjonisti tal-media permezz ta' strumenti leġislattivi u mhux leġislattivi;
42. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu involuti d-deċiżuri fil-livell lokali u reġjonali responsabbli għal deċiżjonijiet strateġiċi fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, bħall-infrastrutturi, iċ-ċibersigurtà, il-kultura u l-edukazzjoni; jissottolinja li l-politiċi u l-awtoritajiet lokali u reġjonali spiss ikunu jistgħu jidentifikaw l-iżviluppi ta' tħassib fi stadju bikri u jisħaq li spiss ikun meħtieġ għarfien lokali biex jiġu identifikati u implimentati kontromiżuri adegwati;
43. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu kanali ta' komunikazzjoni u

<sup>14</sup> ĠU L 331, 20.9.2021, p. 8.

joħolqu pjattaformi li fuqhom il-kumpaniji, l-NGOs u l-persuni, fosthom membri tad-dijaspori, ikunu jistgħu jirrapportaw każijiet li fihom jisfaw vittmi ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni jew indħil; jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw lil dawk li jisfaw vittmi ta' attakki u dawk li jafu b'tali attakki jew li jkunu sottoposti għal pressjoni;

### ***Indħil barrani permezz ta' pjattaformi online***

44. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rieżami propost tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni u l-proposti għal Att dwar is-Servizzi Diġitali, Att dwar is-Swieq Diġitali u miżuri oħra marbuta mal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, bħala strumenti potenzjalment effikaċi biex jindirizzaw l-indħil barrani; jirrakkomanda li l-qari finali ta' dawn it-testi jqis l-aspetti stabbiliti fil-bqija ta' din it-taqsimha;
45. Jisħaq li l-libertà tal-espressjoni ma tridx tiġi interpretata ħażin bħala l-libertà li wieħed iwettaq attivitajiet online li huma illegali offline, bħall-fastidju, id-diskors ta' mibegħda, id-diskriminazzjoni razzjali, it-terroriżmu, il-vjolenza, l-ispjunaġġ u t-theddid; jissottolinja li l-pjattaformi jeħtieġ li mhux biss jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż li fih joperaw, iżda wkoll jissodisfaw it-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, speċjalment fir-rigward tal-kontenut ta' ħsara online; jistieden lill-pjattaformi jsaħħu l-isforzi biex jipprevjenu li jerġa' jidher il-kontenut illegali li jkun identiku għal dak li jkun ġie identifikat bħala illegali u jkun tneħħa;
46. Jissottolinja l-bżonn, fuq kollox, li jitkompla l-istudju dwar iż-żieda fid-diżinformazzjoni u fl-indħil barrani online u li l-leġiżlazzjoni fuq skala tal-UE tiżgura iżjed trasparenza, monitoraġġ u obbligu ta' rendikont b'mod konkret u sinifikattiv fir-rigward tal-operazzjonijiet imwettqa mill-pjattaformi online u tal-aċċess għad-data għal min, leġittimament, ifittex l-aċċess, partikolarment f'dawk li huma algoritmi u reklamar online; jitlob lill-kumpaniji tal-media soċjali jżommu l-libreriji tar-reklami;
47. Jitlob l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni u azzjonijiet li jobbligaw lill-pjattaformi, speċjalment dawk b'riskju sistemiku għas-soċjetà, jagħmlu l-parti tagħhom biex inaqqsu l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil, pereżempju billi jużaw indikazzjonijiet li juru l-awturi reali wara l-accounts, jillimitaw l-accounts użati regolarment biex ixerrdu d-diżinformazzjoni jew li jiksru ripetutament it-termini u l-kundizzjonijiet tal-pjattaforma, jissospendu, u jekk neċessarju u abbażi ta' leġiżlazzjoni ċara, iħassru l-accounts mhux awtentiċi użati għal kampanji ta' ndħil ikkoordinati jew jiddemonetizzaw is-siti li jxerrdu d-diżinformazzjoni, jistabbilixxu miżuri ta' mitigazzjoni għar-riskji ta' ndħil maħluqa mill-effetti tal-algoritmi, mill-mudelli ta' reklamar, mis-sistemi ta' rakkomandazzjoni u mit-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali tagħhom, u jissenjalaw il-kontenut ta' diżinformazzjoni kemm fil-posts kif ukoll fil-kummenti; ifakkar fil-bżonn li dawn il-miżuri jiġu implimentati b'mod trasparenti u responsabbli;
48. Jistieden lill-Kummissjoni tqis totalment in-nota ta' gwida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-aħjar prattiki għal oqfsa ġuridiċi u proċedurali effikaċi għall-mekkaniżmi ta' awtoregolamentazzjoni u ta' koregolamentazzjoni tal-moderazzjoni tal-kontenut, adottat f'Ġunju 2021;
49. Jitlob implimentazzjoni sħiħa u effikaċi tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni

tad-Data<sup>15</sup>, li jillimita l-kwantità ta' data dwar l-utenti li l-pjattaformi jistgħu jaħżnu u għal kemm żmien tali data tista' tintuża, speċjalment għall-pjattaformi u għall-applikazzjonijiet li jużaw data privata u/jew sensitiva ħafna, bħall-messaġġerija, is-saħħa, il-finanzi, l-applikazzjonijiet ta' dating u l-gruppi ta' diskussjoni ż-żgħar; jistieden lill-pjattaformi li jagħmluha ta' gwardjani jastjenu milli jabbinaw id-data personali mad-data personali minn servizzi oħra offruti mill-gwardjan jew mad-data personali li gejjja mis-servizzi ta' partijiet terzi, jaġevolaw b'mod indaqs il-kunsens jew iċ-ċaħda fir-rigward tal-ħżin u tal-kondiviżjoni tad-data u jippermettu lill-utenti jagħżlu jekk ikunux id-destinatarji ta' reklamar personalizzat online ieħor; jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi kollha biex jipprojbixxu t-tekniki ta' mikroimmirar għal skopijiet ta' reklamar politiku, b'mod partikolari iżda mhux limitat għal dawk ibbażati fuq data personali sensitiva, għall-oriġini etnika, it-twelmin reliġjuż jew l-orjentament sesswali, u jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra testendi projbizzjoni fuq il-mikroimmirar għar-reklamar tematiku;

50. Jitlob li jkun hemm regoli vinkolanti tal-UE li jobbligaw lill-pjattaformi jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti biex jittestjaw regolarment is-sistemi tagħhom u jidentifikaw, jivvalutaw u jimmitigaw ir-riskju ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni, indħil u vulnerabbiltajiet li huma involuti fl-użu tas-servizzi tagħhom, inkluż il-mod kif id-disinn u l-ġestjoni tas-servizzi tagħhom jikkontribwixxu għal tali riskju; jitlob li jkun hemm regoli vinkolanti tal-UE li jobbligaw lill-pjattaformi joħlqu sistemi ta' monitoraġġ tal-mod kif is-servizzi tagħhom jintużaw, pereżempju l-monitoraġġ f'ħin reali tal-posts l-aktar popolari u tal-mument f'rassenja għal kull pajjiż, sabiex jinqabdu l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil u jiġi ssenjalat l-indħil suspett lill-awtoritajiet kompetenti, u jiżdiedu l-kostijiet għall-atturi li jippermettu li tingħalaq għajn waħda għal azzjonijiet bħal dawn iffaċilitati mis-sistemi tagħhom;
51. Jitlob lill-pjattaformi online jimpenjaw riżorsi adegwati għall-prevenzjoni tal-indħil barrani dannuż, kif ukoll għall-garanzija ta' kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar, assistenza psikoloġika u ħlas ġust għall-moderaturi tal-kontenut; jitlob lill-pjattaformi tal-media soċjali l-kbar ifornu rapporti għal kull pajjiż dwar ir-riżorsi ddedikati għall-attivitajiet nazzjonali ta' verifika tal-fatti jew ta' riċerka, għall-moderazzjoni tal-kontenut, inklużi l-kapaċitajiet umani u tal-intelliġenza artifiċjali bil-lingwi individwali, u għall-kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili lokali; jissottolinja l-bżonn li dawn il-pjattaformi jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw id-diżinformazzjoni fi swieq iżgħar u li jirrendu inqas mil-lat kummerċjali fl-UE;
52. Jistieden lill-pjattaformi tal-media soċjali jirrispettaw b'mod sħiħ l-ugwaljanza taċ-ċittadini kollha tal-UE, indipendentement mil-lingwa użata fid-disinn tas-servizzi, tal-istrumenti u tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tagħhom, kif ukoll fil-miżuri maħsuba għal aktar trasparenza u ambjent online aktar sikur; jišhaq fuq il-fatt li dan jirreferi mhux biss għal-lingwi uffiċjali, nazzjonali u reġjonali kollha, iżda wkoll għal-lingwi tad-dijaspori mdaqqsin fi ħdan l-UE; jissottolinja li dawn is-servizzi għandhom ukoll ikunu aċċessibbli għall-persuni b'insuffiċjenza fis-smiġh;
53. Jitlob li jkun hemm indikazzjonijiet ċari u leġġibbli tad-deepfakes (vidjos realiċi)

---

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

imma foloz), kemm għall-utenti tal-pjattaformi kif ukoll fil-metadata tal-kontenut, bil-għan li titjieb it-traċċabbiltà tagħhom għar-riċerkaturi u għall-verifikaturi tal-fatti; jilqa' pożittivament, f'dan ir-rigward, l-inizjattivi mmirati biex itejbu l-awtentività u t-traċċabbiltà tal-kontenut, bħall-iżvilupp ta' marki tal-ilma u standards ta' awtentività, u l-introduzzjoni ta' standards globali;

54. Jitlob ir-regolamentazzjoni tas-servizzi li joffru strumenti u servizzi ta' manipolazzjoni tal-media soċjali, pereżempju l-azzjonijiet maħsuba biex iżidu l-firxa tal-accounts jew tal-kontenut bl-użu ta' involviment artifiċjali jew profili mhux awtentiċi; jissottolinja li din ir-regolamentazzjoni teħtieġ tkun ibbażata fuq valutazzjoni bir-reqqa tal-prattiki attwali u tar-riskji assoċjati u għandha timpedixxi lil dawn is-servizzi milli jintużaw minn atturi b'intenzjonijiet ħżiena għal skopijiet ta' ndħil politiku;
55. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' trasparenza fir-rigward tal-persuna fiżika jew ġuridika reali wara l-kontenut u l-accounts online għal dawk li jixtiequ jirreklamaw; jistieden lill-pjattaformi jintroduċu mekkaniżmi biex jiġu identifikati u sospiżi, b'mod partikolari, l-accounts mhux awtentiċi marbuta ma' operazzjonijiet ikkoordinati ta' influwenza; jissottolinja li dawn il-prattiki ma għandhomx jindaħlu fil-kapaċità li dak li jkun jidher anonimu online, fatt li huwa ta' importanza kruċjali fil-protezzjoni tal-ġurnalisti, tal-attivisti, tal-komunitajiet emarġinati u tal-persuni f'pożizzjonijiet vulnerabbli (eż. l-informaturi ta' irregolaritajiet, id-dissidenti u l-oppożituri politiċi ta' reġimi awtokraċi), u għandhom jagħtu spazju għal accounts ta' satira u umoriżmu;
56. Jissottolinja li responsabbiltà akbar biex jitneħħa l-kontenut ma tridx twassal għat-tneħħija arbitrarja ta' kontenut legali; iħeġġeġ kawtela fir-rigward tas-sospensjoni għalkollox tal-accounts ta' individwi reali jew tal-użu tal-massa ta' filtri awtomatiċi; josserva bi tħassib id-deċiżjonijiet arbitrarji tal-pjattaformi li jissopprimu l-accounts tal-uffiċjali eletti; jisħaq fuq il-fatt li tali accounts għandhom jitħassru biss abbażi ta' leġiżlazzjoni ċara bbażata fuq valuri demokratiċi, li jissarrfu fil-politika tal-impriża u infurzata bis-saħħa ta' superviżjoni demokratika indipendenti, u li jrid ikun hemm proċess totalment trasparenti li jinkludi d-dritt ta' appell;
57. Jitlob li jkun hemm regoli vinkolanti li jobbligaw lill-pjattaformi joħolqu kanali ta' komunikazzjoni faċilment disponibbli u effikaċi għall-persuni jew għall-organizzazzjoni li jridu jirrapportaw kontenut illegali, ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet, diżinformazzjoni jew indħil barrani jew manipolazzjoni, meta jkun il-każ, u dawk akkużati jkunu jistgħu jirrispondu qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni ristrettiva, u t-twaqqif ta' proċeduri ta' rinviju u appell li jkunu imparzjali, trasparenti, rapidi u aċċessibbli għall-vittmi ta' kontenut imtella' online, għal dawk li jirrapportaw il-kontenut u għall-persuni jew għall-organizzazzjonijiet milquta mid-deċiżjoni li jiġu indikati l-accounts, tal-limitazzjoni tal-viżibbiltà tagħhom, tad-diżabilitazzjoni tal-aċċess għalihom, tas-sospensjoni tagħhom jew tal-limitazzjoni tal-aċċess għar-rikavat mir-reklami; jirakkomanda li l-pjattaformi tal-media soċjali jaħtru punt ta' kuntatt speċifiku għal kull Stat Membru u jiffurmaw task forces għal kull elezzjoni importanti f'kull Stat Membru;
58. Jitlob li jkun hemm regoli leġiżlattivi biex jiżguraw it-trasparenza fil-konfront tal-utenti u tal-pubbliku ġenerali, pereżempju billi jobbligaw lill-pjattaformi joħolqu arkivji pubbliċi faċilment konsultabbli ta' reklami online, inkluż min huma d-destinatarji fil-

mira u min ħallas għalihom kif ukoll min immodera u ħassar il-kontenut, jistabbilixxu miżuri awtoregulatorji u jagħtu aċċess komprensiv sinifikattiv għall-informazzjoni dwar l-elaborazzjoni, l-użu u l-impatt tal-algoritmi lill-awtoritajiet kompetenti, riċerkaturi approvati affiljati ma' istituzzjonijiet akkademiċi, mal-media, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali li jirrappreżentaw l-interess pubbliku; jemmen li l-metrika ta' dawn il-libreriji għandha tkun armonizzata biex tippermetti analiżi bejn il-pjattaformi u tnaqqas il-piż amministrattiv għall-pjattaformi;

59. Jitlob li jintemmu l-mudelli kummerċjali li jissejsu fuq il-fatt li jinkoraġġixxu lill-persuni jibqgħu għal żmien itwal fuq il-pjattaformi billi jingħataw kontenut li jinvolvihom; jistieden lid-deċiżuri leġislattivi u lill-pjattaformi jiżguraw, permezz tal-użu ta' moderaturi umani u awditur terz, li l-algoritmu ma jippromwovux kontenut illegali, estremist, diskriminatorju jew radikalizzanti, iżda pjuttost joffru lill-utenti pluralità ta' perspettivi u jagħtu prijorità u jippromwovu fatti u kontenut b'bażi xjentifika, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet soċjali importanti bħal dik tas-saħħa pubblika u tat-tibdil fil-klima; iqis li s-sistemi ta' klassifikazzjoni bbażati fuq l-involviment u d-dipendenza joħolqu theddida sistemika għas-soċjetà tagħna; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-kwistjoni attwali tal-inċentivi għall-prezzijiet meta r-reklami mmirati ħafna b'kontenut kontroversjali spiss għandhom prezzijiet ferm irħas għall-istess kwantità ta' viżwalizzazzjonijiet meta mqabbla mar-reklami inqas immirati b'kontenut soċjalment integrattiv;
60. Jitlob li l-algoritmi jiġu mmodifikati sabiex tieqaf il-promozzjoni ta' kontenut li joriġina minn accounts mhux awtentiċi u minn kanali li jstimulaw artifiċjalment it-tixrid tal-manipulazzjoni barranija dannuża tal-informazzjoni; jitlob li l-algoritmi jkunu modifikati biex ma jagħtux spinta lill-kontenut kontroversjali u li jqanqal rabja; jisħaq fuq il-bżonn li l-UE tistabbilixxi miżuri biex tobbliga permezz ta' leġislażzjoni, lill-kumpaniji tal-media soċjali jimpedixxu kemm jista' jkun possibbli l-amplifikazzjoni tad-diżinformazzjoni ladarba tinqabad, u li għandu jkun hemm konsegwenzi għall-pjattaformi jekk ma jirrispettaw l-obbligu li jħassru d-diżinformazzjoni;
61. Jisħaq fuq il-bżonn li titjeb il-fażi tat-testijiet u jsir rieżami sistematiku tal-konsegwenzi tal-algoritmi, anki kif isawru d-dibattitu pubbliku u jinfluwenzaw l-eżiti politiċi u b'liema mod tingħata prijorità lill-kontenut; jissottolinja li tali rieżami għandu jeżamina wkoll jekk il-pjattaformi jistgħux jissodisfaw il-garanziji mwiegħda fit-termini u l-kundizzjonijiet rispettivi tagħhom u jekk għandhomx stabbiliti biżżejjed salvagwardji biex jimpedixxu mġiba mhux awtentika kkoordinata fuq skala kbira milli timmanipula l-kontenut li jidher fuq il-pjattaformi tagħhom;
62. Jinsab allarmat bil-medja ta' EUR 65 miljun f'rikavat mir-reklami li jgelgel kull sena lejn l-1 400 sit web ta' diżinformazzjoni, bejn wieħed u ieħor, li jimmiraw lejn iċ-ċittadini tal-UE<sup>16</sup>; jissottolinja li r-reklami online, kultant anki tal-istituzzjonijiet pubbliċi, jispiċċaw fuq siti web malizzjużi li jippromwovu d-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni mingħajr ma dawk li jirreklamaw ikunu taw il-kunsens tagħhom jew saħansitra mingħajr ma jkunu jafu u li b'hekk jiffinanzjaw tali siti; jinnota li ħames kumpaniji, fosthom Google Ads, iħallsu 97 % ta' dawn ir-rikavat mir-reklami u huma responsabbli mis-selezzjoni ta' siti web tal-pubblikaturi elenkati fl-inventarju tagħhom,

---

<sup>16</sup> [https://disinformationindex.org/wp-content/uploads/2020/03/GDI\\_Adtech\\_EU.pdf](https://disinformationindex.org/wp-content/uploads/2020/03/GDI_Adtech_EU.pdf)



u għalhekk għandhom is-setgħa jiddeterminaw liema kontenut huwa monetizzat u liema mhux; iqis li hu inaċċettabbli li l-algoritmi li jqassmu l-fondi mir-reklami huma kaxxa sewda sħiħa għall-pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu mill-istrumenti tal-politika tal-kompetizzjoni u mil-liġijiet tal-antitrust biex tiżgura suq li jaħdem u tkisser dan il-monopolju; jitlob lil dawn l-atturi jimpedixxu li s-siti web li jxerrdu d-diżinformazzjoni jkunu ffinanzjati mis-servizzi tar-reklami tagħhom; jifraħ lill-organizzazzjonijiet iddedikati għas-sensibilizzazzjoni dwar din il-kwistjoni; jissottolinja li dawk li jirreklamaw għandu jkollhom id-dritt li jkunu jafu u jiddeċiedu fejn jitqiegħdu r-reklami tagħhom u liema sensar ipproċessa d-data tagħhom; jitlob li jiġi stabbilit proċess ta' medjazzjoni li tippermetti lil dawk li jirreklamaw ikunu rimborżati meta r-reklami jitqiegħdu fuq siti web li jippromwu d-diżinformazzjoni;

63. Jissottolinja li l-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni aġġornat, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar is-Swieq Diġitali u miżuri oħra marbuta mal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea se jirrikjedu mekkaniżmu ta' kontroll, valutazzjoni u sanzjonijiet effikaċi ladarba adottati, sabiex tiġi evalwata l-implimentazzjoni tagħhom fil-livell nazzjonali u dak tal-UE fuq bażi regolari u jiġu identifikati u rimedjati l-lakuni mingħajr dewmien u sabiex tiġi sanzjonata l-applikazzjoni ħażina tal-impenji kif ukoll in-nuqqas li jiġu applikati; jitlob, f'dan ir-rigward, li jkun hemm f'kull Stat Membru koordinaturi tas-servizzi diġitali b'saħħithom u mgħammra bir-riżorsi, kif ukoll biżżejjed riżorsi biex jippermettu lill-fergħa tal-infurzar tal-Kummissjoni teżegwixxi l-kompiti fdati lilha mill-Att dwar is-Servizzi Diġitali; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza li jiġi żgurat li l-pjattaformi online jkunu suġġetti għal awditjar indipendenti ċċertifikat mill-Kummissjoni; josserva li, biex tkun garantita l-indipendenza tagħhom, l-awdituri ma jistgħux ikunu ffinanzjati mill-pjattaformi individwali;
64. Jitlob, f'dan ir-rigward, li jiġu definiti, permezz tal-koregolamentazzjoni, indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) biex tiġi żgurata l-verifikabbiltà tal-azzjonijiet meħuda mill-pjattaformi kif ukoll tal-effetti tagħhom; jissottolinja li dawn il-KPIs għandhom jinkludu metrika speċifika għall-pajjiż, bħall-pubbliku destinatariju li għalih tkun immirata d-diżinformazzjoni, l-involvement (click-through rate [perċentwal ta' klikkjtaturi], eċċ.), il-finanzjament tal-attivitajiet nazzjonali ta' verifika tal-fatti jew ta' riċerka u l-prevalenza u l-forza tar-relazzjonijiet nazzjonali mas-soċjetà ċivili;
65. Jinsab imħasseb ħafna bin-nuqqas ta' trasparenza fir-reviżjoni tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni, billi d-diskussjoni baqgħet fil-biċċa l-kbira dominju esklużiv tas-settur privat u tal-Kummissjoni; jiddisputa li l-Parlament Ewropew, u b'mod partikolari l-Kumitat Speċjali INGE, u ċerti partijiet ikkonċernati ewlenin oħra ma ġewx ikkonsultati b'mod adegwat matul l-abbozzar tar-reviżjoni tal-Kodiċi ta' Prattika;
66. Jiddeplora n-natura ta' awtoregolamentazzjoni kontinwa tal-Kodiċi ta' Prattika, inkwantu l-awtoregolamentazzjoni mhijiex biżżejjed f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tal-pubbliku mit-tentattivi ta' ndħil u manipulazzjoni; jinsab inkwetat li l-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni aġġornat jaf ma jkunx kapaċi jagħti tweġiba lill-isfidi futuri; huwa mħasseb bid-dipendenza qawwija tal-gwida dwar it-tiħiħ tal-Kodiċi ta' Prattika mill-proposta tal-Kummissjoni relatata mal-Att dwar is-Servizzi Diġitali; jitlob li tittieħed azzjoni malajr biex jiġi żgurat li l-Kodiċi ta' Prattika jinkorpora impenji vinkolanti għall-pjattaformi biex jiggwarantixxu t-tnejjija tal-UE qabel l-elezzjonijiet li jmiss fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew;

67. Jitlob lill-UE tipproteġi u tinkoraġġixxi d-djalogu fi ħdan il-komunità teknoloġika u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-imġiba u l-istrateġiji tal-pjattaformi soċjali; iqis li komunità teknoloġika miftuħa biss tista' ssaħħaħ l-opinjoni pubblika kontra l-attakki, il-manipulazzjoni u l-indh̄il; jitlob li tiġi eżaminata l-possibbiltà li jitwaqqaf Ċentru tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Infomazzjoni (ISAC) bejn is-settur pubbliku u dak privat fir-rigward tad-diżinformazzjoni, li fih il-membri jitraċċaw, jindikaw u jikkondividu l-infomazzjoni dwar it-theddid relatati mal-kontenut ta' diżinformazzjoni u mal-aġenti inkarigati mid-distribuzzjoni, skont klassifikazzjoni tat-theddid; jemmen li dan ikun jista' jinforma lis-Sistema tat-Twissija Rapida tal-UE u lill-Mekkaniżmu tal-G7 u jġib vantaġġi anki lill-atturi iżgħar b'inqas riżorsi; jitlob li jiġi stabbilit standard fil-livell industrijali għas-servizzi tar-reklami u dwar is-servizzi ta' monetizzazzjoni online dwar id-diżinformazzjoni bil-għan li jiġi demonetizzat l-kontenut ta' ħsara li għandu jintuża anki mis-sistemi ta' pagament online u mill-pjattaformi tal-kummerċ elettroniki u awditjat minn partijiet terzi;
68. Jisħaq fuq il-bżonn li l-Kodiċi ikun jista' jagħmilha ta' strument effikaċi sad-dħul fis-seħħ tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali; jemmen li l-Kodiċi għandu jantiċipa wħud mill-obbligi tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u jobbliga lill-firmatarji jimplementaw għadd ta' dispożizzjonijiet ta' dan l-Att f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għad-data għar-riċerkaturi u għar-regolaturi, u t-trasparenza tar-reklami, inkluża t-trasparenza tal-algoritmi u tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni; ihegġegħ lill-firmatarji jissottoponu l-konformità tagħhom ma' dawn l-obbligi għal awditjar minn awditur indipendenti u jitlob il-pubblikazzjoni ta' dawn ir-rapporti ta' awditjar;
69. Jiddeplora n-nuqqas ta' trasparenza fl-ambitu tal-proċess ta' monitoraġġ tal-konformità mal-Kodiċi, kif ukoll l-għażla taż-żmien meta saret ir-reviżjoni tal-Kodiċi, li se titlesta qabel il-konklużjoni tal-Kumitat Speċjali INGE; josserva li, tal-inqas, l-aġendi tal-laqqgħat, in-noti konklużivi u l-listi ta' attendenza għandhom isiru disponibbli pubblikament; ihegġegħ lill-firmatarji jagħtu xhieda fil-Parlament dwar l-impenji tagħhom relatati mal-Kodiċi u dwar il-mod kif implimentaw u se jimplementaw tali impenji;
70. Jemmen li r-regolaturi tal-media indipendenti, bħall-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, jistgħu jkollhom rwol kruċjali x'jiżvolġu fil-monitoraġġ u fl-infurzar tal-Kodiċi;
71. Jilqa' favorevolment il-proposta biex titwaqqaf task force stabbilita fil-gwida dwar it-tisħiħ tal-Kodiċi tal-Kummissjoni; jinsisti li l-Kummissjoni tistieden lir-rappreżentanti tal-Parlament, lir-regolaturi nazzjonali u lill-partijiet ikkonċernati l-oħra, fosthom is-soċjetà ċivili u l-komunità tar-riċerka, ikunu parti minn din it-task force;

### ***Infrastruttura kritika u setturi strateġiċi***

72. Iqis li, minħabba n-natura interkonnessa u transfruntiera tagħha, l-infrastruttura kritika qiegħda ssir dejjem aktar vulnerabbli għall-indh̄il estern u jemmen li l-qafas attwalment stabbilit għandu jiġi rivedut; jilqa' pożittivament, għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva ġdida biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi li jipprovdu servizzi essenzjali fl-Unjoni Ewropea;
73. Jirakkomanda lill-Istati Membri jżommu l-prerogattiva li jidentifikaw l-entitajiet

kritiċi, imma dak il-koordinament fil-livell tal-UE huwa neċessarju biex:

- a) jissaħħu l-kanali ta' kollegament u komunikazzjoni użati minn atturi multipli, anki għas-sigurtà kumplessiva tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet tal-UE,
  - b) jiġu sostnuti l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri permezz tal-Grupp għar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, billi tiġi żgurata parteċipazzjoni diversifikata tal-partijiet ikkonċernati, u b'mod partikolari l-involviment effikaċi tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tat-trade unions;
  - c) jiġi promoss l-iskambju tal-aħjar prattiki mhux biss fost l-Istati Membri iżda wkoll fil-livell reġjonali u lokali, inkluż fil-Balkani tal-Punent, u bejn is-sidien u l-operaturi tal-infrastruttura kritika, anki permezz tal-komunikazzjoni interaġenzija, bil-għan li jiġu identifikati fi stadju bikri żviluppi preokkupanti u jitfasslu l-kontromiżuri adegwati;
  - d) tiġi implimentata strateġija komuni li tirrispondi għall-attakki ċibernetiċi fuq l-infrastruttura kritika;
74. Jirrakkomanda li l-lista tal-entitajiet kritiċi tista' tiġi estiża biex tinkludi l-infrastruttura elettorali diġitali u s-sistemi edukattivi, minħabba l-importanza kruċjali tagħhom biex jiggarrantixxu l-funzjonament u l-istabbiltà fit-tul tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, u li għandha tkun permessa flessibbiltà meta tittieħed deċiżjoni dwar iż-żieda mal-lista ta' setturi strateġiċi ġodda li għandhom jiġu protetti;
75. Jitlob approċċ ġenerali tal-UE biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' theddid ibridu għall-proċessi elettorali u jittejbu l-koordinament u l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod kritiku d-dipendenza mill-pjattaformi u mill-infrastruttura tad-data fil-kuntest tal-elezzjonijiet; jemmen li hemm nuqqas ta' superviżjoni demokratika fuq is-settur privat; jitlob li jkun hemm aktar superviżjoni demokratika fuq il-pjattaformi, inkluż aċċess xieraq għad-data u għall-algoritmi għall-awtoritajiet kompetenti;
76. Jirrakkomanda li l-obbligi li jirriżultaw mill-proposta għal direttiva, inklużi l-valutazzjonijiet tat-theddid, tar-riskji u tal-vulnerabbiltajiet għal kull pajjiż u fil-livell tal-UE, għandhom jirriflettu l-aktar żviluppi reċenti u jitwettqu miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka f'kollaborazzjoni mal-INTCEN tas-SEAE; jissottolinja l-bżonn ta' biżżejjed riżorsi biex dawn l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu joffru l-analiżi l-aktar avvanzata u l-aktar reċenti, b'superviżjoni demokratika soda, li ma għandhiex tipprekludi evalwazzjoni minn qabel min-naħa tal-FRA biex jiġi garantit ir-rispett tad-drittijiet fundamentali;
77. Jemmen li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jipprovdu alternattivi ta' finanzjament lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent kandidati għall-adeżjoni mal-UE u lill-pajjiżi kandidati potenzjali l-oħra, fejn l-investimenti diretti barranin intużaw mill-pajjiżi terzi bħala strument ġeopolitiku biex iżidu l-influenza tagħhom f'tali pajjiżi, biex jimpedixxu li partijiet kbar tal-infrastruttura kritika tal-pajjiżi kandidati u tal-UE jispiċċaw f'idejn il-pajjiżi u l-kumpaniji barra l-UE, kif ġara fil-każ tal-port tal-Pirew fil-Greċja u kif qiegħed jiġri bl-investimenti Ċiniżi fit-tqegħid ta' kejbils sottomarini fil-

Baħar Baltiku, fil-Mediterran u fil-Baħar Artiku; jilqa' favorevolment, għalhekk, ir-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-Investment Dirett Barrani bħala strument importanti għall-koordinament tal-azzjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-investimenti barranin, u jitlob li jitfassal qafas regolatorju aktar rigoruż, u infurzar aktar strinġenti tal-qafas, bil-għan li jiġu żgurati l-imblokk tal-investimenti diretti barranin b'effetti negattivi fuq is-sigurtà tal-UE, kif speċifikat fir-regolament, u aktar trasferiment ta' kompetenzi lill-istituzzjonijiet Ewropej fl-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin; jitlob l-abolizzjoni tal-prinċipju tal-offerta l-aktar baxxa fid-deċiżjonijiet ta' investment tal-gvernijiet; jistieden lill-Istati Membri kollha mingħajr mekkaniżmi ta' skrinjar tal-investimenti jistabilixxu miżuri bħal dawn; jemmen li l-qafas għandu jkun kollegat aħjar ma' analiżijiet indipendenti ta' istituti nazzjonali u tal-UE jew ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, pereżempju gruppi ta' riflessjoni, biex jiġu mmappjati u valutati l-flussi tal-investment dirett barrani; iqis li jista' jkun opportun ukoll li jiġu inklużi setturi strateġiċi oħra fil-qafas, bħall-5G u teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs) oħra, sabiex tiġi limitata d-dipendenza tal-UE u tal-Istati Membri tagħha mill-fornituri ta' riskju għoli; jissottolinja li dan l-approċċ għandu japplika b'mod indaqs għall-pajjiżi kandidati u għall-pajjiżi kandidati potenzjali;

78. Jemmen li l-UE quddiemha għandha aktar sfidi minħabba n-nuqqas ta' investimenti tagħha fl-imgħoddi, fatt li kkontribwixxa għad-dipendenza tagħha minn fornituri barranin ta' teknoloġija; jirrakkomanda li jsiru sikuri l-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista tal-infrastruttura kritika u tal-materjal kritiku fi ħdan l-UE; jemmen li t-tranżizzjoni tal-UE lejn awtonomija strateġika miftuħa u sovranià diġitali hija importanti u hija t-triq it-tajba 'l quddiem; jisħaq li l-UE mistennija tuża strumenti ġodda biex issaħħaħ il-pożizzjoni ġeopolitika tagħha, fosthom strument kontra l-koerċizzjoni; iqis l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep, imħabbar mill-Kummissjoni biex jiġi żgurat li l-partijiet essenzjali għall-produzzjoni taċ-ċipep jiġu mmanifatturati fl-UE, huwa pass importanti biex tiġi limitata d-dipendenza minn pajjiżi terzi bħaċ-Ċina u l-Istati Uniti; jemmen li l-investimenti fil-produzzjoni taċ-ċipep iridu jsiru b'mod ikkoordinat fil-blokk kollu, ikunu bbażati fuq analiżi tad-domanda, sabiex jevitaw tellieqa għas-sussidji pubbliċi nazzjonali u l-frammentazzjoni tas-suq uniku; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni toħloq fond Ewropew speċifiku għas-semikondutturi, li jkun isostnu l-ħolqien ta' forza tax-xogħol ikkwalfikata li tant hemm bżonnha u jagħmel tajjeb għall-kostijiet ta' stabbiliment oġġla tal-faċilitajiet ta' manifattura u proġettazzjoni fl-UE; iqis li Tajwan bħala sieħeb importanti biex tingħata spinta lill-produzzjoni tas-semikondutturi fl-UE;
79. Jitlob żvilupp ulterjuri ta' network Ewropew ta' infrastrutturi tad-data u fornituri ta' servizzi bi standards ta' sigurtà Ewropej, bħal GAIA-X, li huwa pass importanti biex jinħolqu alternattivi validi għall-fornituri ta' servizzi eżistenti u lejn ekonomija diġitali miftuħa, trasparenti u sikura; jissottolinja l-bżonn li l-SMEs jissaħħu u tiġi evitata l-formazzjoni ta' kartelli fis-suq tas-settur tal-clouds; ifakkar li ċ-ċentri tad-data huma infrastrutturi kritiċi; jinsab imħasseb bl-inflwenza tal-pajjiżi terzi u tal-kumpaniji tagħhom fuq l-iżvilupp ta' GAIA-X;
80. Jissottolinja li l-integrità, id-disponibbiltà u l-kunfidenzjalità tan-networks pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika, bħas-sinsli tal-internet u l-kejbils ta' komunikazzjoni sottomarini, huma fundamentali għas-sigurtà; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprevjenu s-sabotaġġ u l-ispijunagġ f'dawn in-networks ta' komunikazzjoni u

jippromwovu l-użu ta' standards interoperabbli fil-qasam tar-routing sikur biex jiġu żgurati l-integrità u s-sodezza tan-networks u tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, anki permezz tal-istrateġija Global Gateway reċenti;

81. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi azzjonijiet li jiżguraw provvista sikura, sostenibbli u ekwa ta' materja prima użata għall-produzzjoni ta' komponenti u teknoloġiji kritiċi, inklużi batteriji u tagħmir, 5G u teknoloġiji sussegwenti, u prodotti kimiċi u farmaċewtiċi, filwaqt li tisħaq fuq l-importanza tal-kummerċ dinji, tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-ħaddiema, u tal-ambjent naturali u bis-saħħa tal-infurzar tal-istandards soċjali u tas-sostenibbiltà internazzjonali fir-rigward tal-użu tar-riżorsi; ifakkar fil-bżonn li jingħata l-finanzjament neċessarju għar-riċerka u l-iżvilupp bil-għan li jinstabu sostituti adegwati f'każ ta' interruzzjoni tal-ktajjen tal-provvista;

### ***Indħil barrani matul il-proċessi elettorali***

82. Jitlob li l-protezzjoni tal-proċess elettorali kollu tiġi definita bħala kwistjoni ta' sigurtà tal-UE u nazzjonali prijoritarja, billi elezzjonijiet liberi u ġusti huma fil-qalba tal-proċess demokratiku; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas ta' risposta għall-indħil biex tiġġieled kontra l-indħil barrani fil-proċessi elettorali li, fost miżuri oħra, għandu jikkonsisti minn kanali ta' komunikazzjoni diretta maċ-ċittadini;
83. Jenfasizza l-bżonn li titrawwem ir-reżiljenza soċjetali kontra d-diżinformazzjoni matul il-proċessi elettorali, anki fis-settur privat u dak akkademiku, u li jiġi adottat approċċ olistiku li fih dan l-indħil għandu jiġi indirizzat fuq bażi kostanti, mill-programmi tal-edukazzjoni skolastika sal-affidabbiltà u l-integrità teknika tal-vot, u permezz ta' miżuri strutturali li jindirizzaw in-natura ibrida tiegħu; jitlob, b'mod partikolari, pjan għat-tnejn tal-elezzjonijiet Ewropej fl-2024 li jinvolvi strateġija, it-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni tal-partiti politiċi Ewropej u tal-persunal tagħhom kif ukoll miżuri ta' sigurtà msaħħa għall-prevenzjoni tal-indħil barrani;
84. Jemmen li l-miżinformazzjoni/diżinformazzjoni permezz tal-media soċjali saru problema dejjem ikbar għall-integrità elettorali; iqis li l-pjattaformi tal-media soċjali għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni u l-funzjonament korrett tal-politiki għall-protezzjoni tal-integrità elettorali; jinsab allarmat bl-iskoperti reċenti skont liema ditti privati jiġu impjegati minn atturi b'intenzjonijiet ħżiena biex jindaħlu fl-elezzjonijiet, jiżirgħu narrattivi foloz u jinkoraġġixxu kospirazzjonijiet virali, l-aktar fuq il-media soċjali; jitlob investigazzjoni fil-fond dwar kif jiġi miġġieled il-fenomeni tad-"diżinformazzjoni kkummissjonata", li qiegħed isir dejjem aktar sofistikata u komuni f'kull rokna tad-dinja;
85. Jenfasizza l-importanza enormi tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali biex jagħtu l-informazzjoni rilevanti u jifformulaw rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex is-sistema elettorali ssir aktar reżiljenti u biex jgħinu fil-għieda kontra l-indħil barrani fil-proċessi elettorali; jitlob li jitjiebu u jissaħħu l-proċessi elettorali, billi l-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali huma strument fundamentali biex ikun miġġieled l-użu dejjem akbar tal-proċessi elettorali inikwi u mbagħbsa minn reġimi illiberali li jfittxu li jidhru demokratiċi; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-bżonn ta' rivalutazzjoni u aġġornament tal-istrumenti u tal-metodi ta' osservazzjoni elettorali internazzjonali biex jiġu indirizzati t-

tendenzi u t-theddid il-ġodda, inkluża l-ġlieda kontra l-osservaturi elettorali foloz, l-iskambju tal-aħjar prattiki mas-sħab tal-istess fehma, u kollaborazzjoni aktar mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u l-Kunsill tal-Ewropa, u l-atturi rilevanti kollha fil-qafas tad-Dikjarazzjoni ta' Prinċipji għall-Osservazzjoni Internazzjonali tal-Elezzjonijiet u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Osservaturi Internazzjonali tal-Elezzjonijiet; jisħaq fuq il-fatt li l-parteċipazzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew f'missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali mhux awtorizzati tikkomprometti l-kredibbiltà u r-reputazzjoni tal-Parlament Ewropew; jilqa' pożittivament u jirrakkomanda l-infurzar sħiħ tal-proċedura ta' "każijiet ta' osservazzjoni elettorali mhux uffiċjali individwali ta' Membri tal-Parlament Ewropew" tal-Grupp għas-Sostenn għad-Demokrazija u Koordinazzjoni tal-Elezzjonijiet (adottata fit-13 ta' Diċembru 2018) li tippermetti l-esklużjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew mid-delegazzjonijiet ta' osservazzjoni elettorali uffiċjali għal kemm idum il-mandat;

### ***Finanzjament bil-moħbi ta' attivitajiet politiċi minn donaturi barranin***

86. Jisħaq fuq il-fatt li, filwaqt li jeżisti l-bżonn li nifhmu aħjar l-effetti tal-finanzjament bil-moħbi tal-attivitajiet politiċi fuq, pereżempju, it-tendenzi antidemokratiċi fl-Ewropa, il-finanzjamenti barranin tal-attivitajiet politiċi permezz ta' operazzjonijiet bil-moħbi jirrappreżentaw madankollu ksur gravi tal-integrità tal-funzjonament demokratiku tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari matul il-perjodi elettorali, u għalhekk jiksru l-prinċipju ta' elezzjonijiet liberi u ġusti; jisħaq għalhekk fuq il-fatt li għandu jitqies illegali fl-Istati Membri kollha l-involviment fi kwalunkwe attività bil-moħbi ffinanzjata minn atturi barranin li t-tir tagħha jkun li tinfluwenza l-proċessi politiċi Ewropej u nazzjonali; josserva, f'dan ir-rigward, li pajjiżi bħall-Awstralja implimentaw liġijiet li jipprojbixxu l-indhila barrani fil-politika;
87. Jikkundanna l-fatt li l-partiti estremisti, populistu u anti-Ewropej u ċerti partiti u persuni oħrajn għandhom rabtiet ma' tentattivi ta' ndhila fil-proċessi demokratiċi tal-Unjoni u huma espliċitament kompliċi ftali tentattivi u jinsab allarmat bil-fatt li dawn il-partiti jintużaw biex jagħtu vuċi lill-atturi tal-indhila barrani bil-għan li jilleġittimaw il-gvernijiet awtoritarji tagħhom; jitlob informazzjoni kompluta li tiċċara r-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi bejn tali partiti u persuni u r-Russja; iqis dawn ir-relazzjonijiet estremament inopportuni u jikkundanna l-kompliċità li, fil-persegwiment tal-oġġettivi politiċi, tista' tesponi lill-UE u lill-Istati Membri tagħha għall-attakki minn potenzi barranin;
88. Jistieden lill-Istati Membri jimlew b'mod partikolari dawn il-lakuni li ġejjin meta jarmonizzaw ulterjorment ir-regolamentazzjonijiet nazzjonali u jimponu projbizzjoni fuq id-donazzjonijiet barranin;
  - a) kontributi in natura minn atturi barranin lil partiti politiċi, fondazzjonijiet, persuni li jokkupaw karigi politiċi jew uffiċjali eletti, inklużi self finanzjarju minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika bis-sede tagħha barra mill-UE u miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) (għajr għall-eletturi Ewropej), donazzjonijiet anonimi ta' valur oġġla minn ċertu soll, u n-nuqqas ta' limiti ta' nfiq għall-kampanji politiċi li jippermetti l-influwenza permezz ta' donazzjonijiet kbar; individwi, atturi jew partiti politiċi li għielhom offrut u/jew aċċettaw kontribut finanzjarju jew in natura

minn attur barrani jeħtiġilhom ikollhom l-obbligu li jirrapportawh lill-awtoritajiet kompetenti u din l-informazzjoni għandha tkun irrapportata, imbagħad, fil-livell tal-UE biex ikun jista' jsir monitoraġġ fuq skala tal-UE;

- b) donaturi prestanome b'ċittadinanza nazzjonali<sup>17</sup>: it-trasparenza relatata mad-donaturi fiżiċi u ġuridiċi trid tiġi infurzata permezz ta' dikjarazzjonijiet ta' konformità min-naħa tad-donaturi biex jattestaw l-istatus tagħhom u l-għoti ta' setgħat ta' infurzar akbar lill-kummissjonijiet elettorali; id-donazzjonijiet minn sorsi interni tal-UE li jaqbzū soll minimu speċifiku għandhom jiġu rreġistrati f'reġistru uffiċjali u tiġi stabbilita rabta ma' persuna fiżika, u għandu jiġi ffixsat limitu massimu għad-donazzjonijiet minn persuni privati jew ġuridiċi (u entitajiet sussidjarji) lill-partiti politiċi;
- c) kumpaniji fittizji u sussidjarji nazzjonali ta' kumpaniji omm barranin<sup>18</sup>: il-kumpaniji fittizji għandhom jiġu pprojbiti u għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti aktar robusti sabiex tiġi żvelata l-orijini ta' finanzjament permezz tal-kumpaniji omm; il-finanzjamenti u d-donazzjonijiet lill-partiti politiċi lil hinn minn ċertu soll iridu jiġu rreġistrati f'reġistru pubbliku u ċentrali b'isem u b'indirizz uffiċjali li jkun possibbli li tiġi stabbilita rabta ma' persuna eżistenti, u l-Istati Membri għandhom jiġbru tali informazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet fl-Istati Membri jkollhom id-dritt li jinvestigaw l-orijini tal-finanzjament, jivverifikaw l-informazzjoni mingħand il-kumpaniji sussidjarji nazzjonali u jindirizzaw in-nuqqas ta' data suffiċjenti fir-reġistri nazzjonali, speċjalment f'sitwazzjoni li fihom tintuża xibka ta' kumpaniji fittizji;
- d) organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u partijiet terzi<sup>19</sup>, ikkoordinati minn atturi barranin u maħluqa bl-għan li jinfluwenzaw il-proċessi elettorali: għandhom jiġu kkunsidrati regoli aktar uniformi u żieda fit-trasparenza fl-UE għall-organizzazzjonijiet li l-għan tagħhom hu li jiffinanzjaw l-attivitajiet politiċi meta jfittxu li jinfluwenzaw direttament il-proċessi elettorali bħall-kampanji elettorali u tar-referenda; tali regoli ma għandhomx jimpedixxu lill-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u lill-partijiet terzi milli jirċievu finanzjamenti għall-kampanji dwar kwistjonijiet speċifiċi; ir-regoli li jiżguraw it-trasparenza tal-finanzjamenti u tad-donazzjonijiet iridu japplikaw ukoll għall-fondazzjonijiet politiċi;
- e) reklami politiċi online mhumiex suġġetti għar-regoli dwar ir-reklamar fuq it-televiżjoni, ir-radju u l-istampa u normalment mhumiex irregolati fil-livell tal-UE: huwa għalhekk neċessarju li jiġi pprojbit ir-reklamar li jixtru l-atturi li jkunu ġejjin minn barra l-UE u ż-ŻEE u tiġi garantita trasparenza totali tax-xiri tar-reklamar politiku online minn atturi minn ġewwa l-UE; jissottolinja l-bżonn li tiġi garantita trasparenza u responsabbiltà demokratika ferm akbar dwar l-użu tal-

<sup>17</sup> Persuna li tagħmel donazzjoni bi flus ħaddieħor lil partit politiku jew lil kandidat billi tuża isimha stess.

<sup>18</sup> Din il-lakuna tkopri żewġ realtajiet differenti: il-kumpaniji fittizji, li ma jwettqux attivitajiet kummerċjali reali u li mhuma xejn ħlief kanali għall-ħabi finanzjarju; u l-kumpaniji sussidjarji nazzjonali ta' kumpaniji omm barranin li jintużaw biex jgħaddu l-flus fil-politika.

<sup>19</sup> L-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u l-partijiet terzi mhumiex meħtieġa jiżvelaw l-identità tad-donaturi tagħhom, iżda huma awtorizzati jiffinanzjaw il-partiti politiċi u l-kandidati f'diversi Stati Membri tal-UE.

algoritmi; jilqa' favorevolment il-fatt li l-Kummissjoni ħabbret proposta leġiżlattiva ġdida dwar it-trasparenza tal-kontenut politiku sponsorizzat, kif propost fl-ambitu tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, li għandha l-għan li tipprevjeni mużajk ta' 27 *corpus* ta' leġiżlazzjoni nazzjonali differenti dwar ir-reklamar politiku online u se tiggarrantixxi li l-partiti tal-UE jkunu jistgħu jagħmlu kampanji online qabel l-elezzjonijiet Ewropej filwaqt li tillimita r-riskju ta' ndħil barrani u teżamina liema regoli fost dawk li l-partiti politiċi fi ħdan l-Istati Membri individwali u l-pjattaformi tal-media soċjali prinċipali adottaw volontarjament jistgħu jsiru validi għal kulħadd fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jaġġornaw ir-regoli nazzjonali tagħhom dwar ir-reklamar politiku, li ma żammewx il-pass mal-evoluzzjoni kostanti lejn il-mezz diġitali bħala modalità primarja ta' komunikazzjoni politika; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mod kif tiddefinixxi demokratikament ir-reklamar politiku bbażat fuq kwistjonijiet speċifiċi biex ittemm sitwazzjoni li fiha l-pjattaformi privati bi skop ta' qligħ jiddeċiedu x'nhu bbażat fuq kwistjonijiet speċifiċi u x'mhuwiex;

- f) għandu jiġi implimentat il-monitoraġġ tal-infiq elettorali permezz ta' awdituri indipendenti u l-informazzjoni dwar l-infiq u d-donazzjonijiet għandha tkun għad-dispożizzjoni tal-awdituri indipendenti b'mod puntwali, filwaqt li jiġu mitigati r-riskji bħall-kunflitt ta' interessi u l-attivitajiet ta' lobbying fir-rigward tal-finanzjament politiku; fid-definizzjoni ta' divulgazzjoni proattiva u l-istituzjonijiet responsabbli mir-regolamenti finanzjarji għandhom ikollhom mandat ċar, u l-kapaċità, ir-riżorsi u is-setgħa ġuridika li jwettqu investigazzjonijiet u jagħmlu rinviu tal-każijiet għall-prosekuzzjoni;
89. jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tagħmel analiżi tal-finanzjamenti bil-moħbi fl-UE u tippreżenta proposti konkreti li għandhom l-għan li jimlew il-lakuni kollha li jagħtu lok għal metodi ta' finanzjament opak tal-partiti politiċi, tal-fondazzjonijiet jew tal-uffiċjali eletti minn sorsi ta' pajjiżi terzi u tipproponi standards komuni fil-livell tal-UE li jkunu japplikaw għal-liġijiet elettorali nazzjonali fl-Istati Membri kollha; jemmen li l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jintroduċu rekwiżiti ċari f'dik li hi trasparenza fir-rigward tal-finanzjament tal-partiti politiċi kif ukoll projbizzjoni fuq id-donazzjonijiet lill-partiti politiċi u lill-atturi politiċi individwali minn barra l-UE u ż-ŻEE, bl-eċċezzjoni għall-eletturi Ewropej li jgħixu barra mill-UE u miż-ŻEE, u jistabbilixxu strateġija ċara fir-rigward tar-reġim ta' sanzjonijiet; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu awtorità tal-UE għall-kontrolli finanzjarji għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-prattiki finanzjarji illeċiti u l-indħil tar-Russja u ta' reġimi awtoritarji oħrajn; jissottolinja l-bżonn li jiġu pprojbiti d-donazzjonijiet jew il-finanzjamenti li jużaw teknoloġiji emerġenti kkaratterizzati minn traċċabbiltà estremament diffiċli; jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jallokaw aktar riżorsi u jafdaw mandati aktar b'saħħithom lill-aġenziji inkarigati mis-sorveljanza bil-ħsieb li tintlaħaq kwalità tad-data aħjar;
90. Jimpenja ruħu li jiżgura li l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, il-gruppi ta' riflessjoni, l-istituti u l-NGOs kollha li jirċievu kontribut matul l-attività parlamentari għall-iżvilupp tal-politika tal-UE jew kwalunkwe rwol konsultattiv fil-proċess leġiżlattiv ikunu totalment trasparenti, indipendenti u mingħajr kunflitti ta' interessi f'termini ta' finanzjament u sjieda tagħhom;



91. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-reviżjoni li għaddejja tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej; isostni l-isforzi kollha biex jinkiseb livell oġhla ta' trasparenza fil-finanzjament tal-attivitajiet tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, b'mod partikolari invista tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2024, inkluża projbizzjoni fuq id-donazzjonijiet kollha li jkunu ġejjin minn barra l-UE u minn sorsi anonimi, bl-eċċezzjoni tad-dijaspora mill-Istati Membri tal-UE, u fuq id-donazzjonijiet li jkunu ġejjin minn barra li ma jistgħux jiġu ddokumentati permezz ta' kuntratt, ftehimiet ta' servizz jew ħlasijiet assoċjati mal-affiljazzjoni ma' partiti politiċi Ewropej, filwaqt li jkunu awtorizzati ħlasijiet ta' sħubija mill-partiti politiċi nazzjonali barra mill-UE u miż-ŻEE lill-partiti politiċi Ewropej; iħeġġeġ lill-partiti politiċi Ewropej u nazzjonali jimpenjaw ruħhom li jiġġieldu kontra l-indħil barrani u jikkumbattu t-tixrid tad-diżinformazzjoni billi jiffirmaw karta li jkun fiha impenji speċifiċi f'dan ir-rigward;
92. Jenfasizza li l-implimentazzjoni ta' ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) u tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa jkunu jsaħħu l-immunità tas-sistema politika tal-Istati Membri u tal-Unjoni fl-intier tagħha mill-influwenza finanzjarja barranija;

### ***Ċibersigurtà u reżiljenza kontra l-attakki ċibernetiċi***

93. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jżidu malajr l-investimenti fil-kapaċitajiet u fil-kompetenzi ċibernetiċi strateġiċi tal-UE biex jinqabad, jinkixef u jiġi miġġieled l-indħil barrani, bħall-intelliġenza artifiċjali, il-komunikazzjoni sikura u l-infrastrutturi tad-data u tal-cloud, bil-għan li titjeb iċ-ċibersigurtà tal-UE, filwaqt li jiġi żgurati ir-rispett tad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni tinvesti aktar ukoll fiż-żieda tal-għarfien diġitali u tal-għarfien espert tekniku tal-UE sabiex tifhem aħjar is-sistemi diġitali użati fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni talloka iżjed riżosi kemm umani kif ukoll materjali u finanzjarji, għall-kapaċitajiet ta' analiżi tat-theddid ċibernetiku, b'mod partikolari l-INTCEN tas-SEAE, u għaċ-ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-ENISA u l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej (CERT-EU), u tal-Istati Membri; jiddispaċih bin-nuqqas ta' kooperazzjoni u armonizzazzjoni fost l-Istati Membri f'dawk li huma materji relatati maċ-ċibersigurtà;
94. Jilqa' pożittivament il-proposti tal-Kummissjoni għal strateġija ġdida dwar iċ-ċibersigurtà u għal direttiva ġdida dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148<sup>20</sup> (NIS2); jirrakkomanda li l-eżitu finali tax-xogħol li għaddej fuq il-proposta jimla l-lakuni tad-Direttiva NIS tal-2016, b'mod partikolari billi jqawwi r-rekwiżiti ta' sigurtà, iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, joħloq qafas ta' kooperazzjoni Ewropea u kondiviżjoni tal-informazzjoni, isaħħaħ il-kapaċitajiet ta' ċibersigurtà tal-Istati Membri, jiżviluppa l-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat, jintroduċi rekwiżiti ta' infurzar aktar severi u jagħmel iċ-ċibersigurtà responsabbiltà tal-oġhla livell tal-ġestjoni tal-entitajiet Ewropej fundamentali għas-soċjetà tagħna; jenfasizza l-importanza li jintlaħaq livell

<sup>20</sup> Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148, (COM(2020)0823).

komuni għoli ta' ċibersigurtà fl-Istati Membri kollha sabiex jiġu limitati l-punti dgħajfa fiċ-ċibersigurtà konġunta tal-UE; jissottolinja l-bżonn kruċjali li tiġi żgurata r-reżiljenza tas-sistemi ta' informazzjoni u jilqa' favorevolment, f'dan ir-rigward, in-Network ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (CyCLONe); jinkoraġġixxi l-promozzjoni ulterjuri tal-miżuri tal-OSKE għat-tishiĥ tal-fiduċja għaċ-ċiberspazju;

95. Jilqa' pożittivament il-proposta tal-Kummissjoni fid-Direttiva NIS2 li tagħmel valutazzjonijiet ikkoordinati tar-riskji għas-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista kritiċi, bl-istess mod bħas-sett ta' għodod tagħha għall-5G, b'tali mod li tqis aħjar ir-riskji assoċjati, pereżempju, mal-użu ta' software u hardware prodotti minn kumpaniji kkontrollati minn Stati barranin; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa standards globali għas-6G u regoli fil-qasam tal-kompetizzjoni, konformement mal-valuri demokratiċi; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi skambji bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali dwar l-isfidi, l-aħjar prattiki u s-soluzzjonijiet relatati mal-miżuri tas-sett ta' għodod; jemmen li l-UE għandha tinvesti aktar fil-kapaċitajiet tagħha fil-qasam tat-teknoloġiji tal-5G u ta' wara l-5G sabiex tnaqqas id-dipendenzi minn fornituri barranin;
96. Jisħaq fuq il-fatt li ċ-ċiberkriminalità ma għandhiex konfini u jhegġegħ lill-UE tintensifika l-isforzi internazzjonali tagħha biex tiġġildha b'mod effikaċi; jirrimarka li l-UE għandha tiegħu rwol ta' tmexxija fl-iżvilupp ta' trattat internazzjonali dwar iċ-ċibersigurtà li jistabbilixxi normi internazzjonali fil-qasam taċ-ċibersigurtà biex jiġġieled kontra ċ-ċiberkriminalità;
97. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien li tħabbar tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika li jkun jikkomplementa Politika Ewropea ta' Difiża Ċibernetika, peress li l-qasam ċibernetiku u d-difiża huma relatati mill-qrib ma' xulxin; jitlob aktar investimenti fil-kapaċitajiet u fil-koordinament taċ-ċiberdifiża Ewropea; jirakkomanda li jitrawwem it-tishiĥ tal-kapaċitajiet ċibernetiċi ta' sħabna permezz tal-missjonijiet ta' taħriġ u tal-missjonijiet ċibernetiċi ċivili tal-UE; jisottolinja l-bżonn ta' armonizzazzjoni u ta' standardizzazzjoni tat-taħriġ relatat mal-qasam ċibernetiku u jitlob li jkun hemm finanzjamenti strutturali tal-UE f'dan is-settur;
98. Jikkundanna l-użu enormi u illeċitu tas-software ta' sorveljanza Pegasus tal-NSO Group min-naħa ta' entitajiet statali, bħall-Marokk, l-Arabja Sawdija, l-Ungerija, il-Polonja, il-Bahrain, l-Emirati Għarab Magħquda u l-Ażerbajġan, fil-konfront tal-ġurnalisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-politiċi; ifakkar li Pegasus huwa biss wieħed mill-ħafna eżempji ta' programm abbużat minn entitajiet statali għal skopijiet ta' sorveljanza illeċita tal-massa fil-konfront ta' ċittadini innoċenti; jikkundanna wkoll l-operazzjonijiet ta' spjunaġġ statali l-oħra mmirati kontra l-politiċi Ewropej; ihegġegħ lill-Kummissjoni tfassal lista ta' software ta' sorveljanza illeċitu u taġġorna kontinwament din il-lista; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jużaw din il-lista biex jiżguraw li ssir diliġenza dovuta sħiħa fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u kontroll idoneu tal-esportazzjonijiet ta' teknoloġiji ta' sorveljanza u assistenza teknika Ewropej u tal-importazzjonijiet lejn l-Istati Membri li joħolqu riskju ċar għall-istat tad-dritt; jitlob, barra minn hekk, li jiġi stabbilit Citizen Lab tal-UE, simili għal dak stabbilit fil-Kanada, li jiġbor fih ġurnalisti, esperti tad-drittijiet tal-bniedem u esperti fil-qasam tal-inġinerija inversa ta' malware, li jkun jaħdem biex jiskopri u jikxef l-użu illeġali ta' software għal skopijiet ta' sorveljanza illeċita;

99. Jistieden lill-UE tadotta qafas regolatorju robust f'dan il-qasam, kemm fi h'dan l-UE kif ukoll fil-livell internazzjonali; jilqa' pozzittivament, f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni tal-Bureau of Industry and Security (Uffiċċju għall-Industrija u s-Sigurtà) tad-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti li ddaħħal l-NSO Group Technologies f'lista sewda, b'hekk il-kumpanija tkun ipprojbita milli tirċievi teknoloġiji Amerikani;
100. Jesprimi t-tħassib tiegħu għall-fatt li l-UE qiegħda tikkoopera fuq kwistjonijiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi ma' pajjiżi terzi li kienu involuti mal-NSO Group u li użaw l-ispjware Pegasus biex jispjwaw iċ-ċittadini tal-UE; jitlob li jiżiedu l-garanziji u jissaħħaħ l-iskrutinju demokratiku fuq tali kooperazzjoni;
101. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-investimenti tal-UE fl-NSO Group Technologies u tadotta miżuri mmirati fil-konfront tal-Istati barranin li jużaw software biex jispjwaw fuq ċittadini tal-UE jew fuq persuni li jgawdu mill-istatus ta' rifuġjati fil-pajjiżi tal-UE;
102. Jinsab imħasseb li l-ġurnalisti u l-attivisti tad-demokrazija jistgħu jkunu suġġetti għal sorveljanza illegali u fastidju mir-reġimi awtoritarji li minnhom ippruwaw jaħrabu, anke fit-territorju tal-UE, u jqis li dan jirrappreżenta ksur gravi tal-valuri fundamentali tal-Unjoni u tad-drittijiet fundamentali tal-individwi, kif previsti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Poliċi; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' appoġġ legali fornut lill-vittmi ta' dan is-software ta' spjunaġġ;
103. Jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn urġenti li jissaħħaħ il-qafas leġiżlattiv sabiex dawk li jkassmu, jużaw u jabbużaw minn tali software għal skopijiet illeċiti u mhux awtorizzati jinżammu responsabbli; jirreferi, b'mod partikolari, għas-sanzjonijiet imposti fil-21 ta' Ġunju 2021 fil-konfront ta' Alexander Shatrov, l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' kumpanija tal-Belarusja li tiproduċi software ta' rikonossiment tal-wiċċ użat minn reġim awtoritarju, pereżempju biex jiġu identifikati d-dimostranti tal-oppożizzjoni politika; jistieden lill-Kummissjoni timpedixxi kwalunkwe użu jew finanzjament fl-UE ta' teknoloġiji ta' sorveljanza illegali; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiddjalogaw mal-gvernijiet tal-pajjiżi terzi biex itemmu l-prattiki u l-leġiżlazzjoni repressivi fil-qasam taċ-ċibersigurtà u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, f'ambitu ta' skrutinju demokratiku msaħħaħ; jitlob li l-awtoritajiet kompetenti tal-UE jagħmlu investigazzjoni dwar l-użu illegali tal-ispjware fl-UE u dwar l-esportazzjoni mill-UE ta' dan is-software kif ukoll tar-riperkussjonijiet għall-Istati Membri u għall-pajjiżi assoċjati, fosthom dawk li jipparteċipaw fil-programmi tal-UE, li xtraw u użaw tali spjware u li minnhom ġie esportat biex jikkontrolla illegalment ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, avukati u poliċi;
104. Jitlob revizzjoni ambizzjuża tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika<sup>21</sup> sabiex tissaħħaħ il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u tad-data personali meta jintużaw apparati elettroniċi, mingħajr ma jitbaxxa l-livell ta' protezzjoni mogħti mid-direttiva, u mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Istati Membri li jħarsu s-sigurtà nazzjonali; jenfasizza li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikunu obbligati jiddivulgaw il-vulnerabbiltajiet li jsibu fl-apparat informatiku; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jikkoordinaw aktar l-azzjonijiet tagħhom abbażi tad-Direttiva dwar Attakki kontra s-

<sup>21</sup> Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

Sistemi tal-Infommazzjoni<sup>22</sup> sabiex jiżguraw li l-aċċess illegali għas-sistemi tal-infommazzjoni u l-interċettazzjoni illegali jiġu ddefiniti bħala reati u jirċievu sanzjonijiet adegwati; ifakkar li kull ksur tal-kunfidenzjalità għal skopijiet ta' sigurtà nazzjonali jrid isir b'mod leċitu u għal skopijiet leġittimi u espliċiti f'soċjetà demokratika, abbażi ta' kundizzjonijiet rigorużi ta' neċessità u proporzjonalità, kif meħtieġ mill-QEDB u mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

***Protezzjoni tal-Istati Membri, tal-istituzzjonijiet, tal-aġenziji, tad-delegazzjonijiet u tal-missjonijiet tal-UE***

105. Jissottolinja li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-aġenziji, id-delegazzjonijiet, il-missjonijiet, l-operazzjonijiet, in-networks, il-bini u l-persunal tal-UE jirrappreżentaw bersall għat-tipi kollha ta' theddid ibridu u ta' attacchi minn atturi statali barranin u għandhom, għaldaqstant, ikunu protetti adegwament, u jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-mezzi, lill-uffiċini u lill-attivitajiet tas-SEAE barra mill-UE u lis-sikurezza tal-persunal tal-UE ddelegat fil-pajjiżi mhux demokratiċi kkaratterizzati minn reġimi repressivi; jistieden li tiġi strutturata r-risposta tal-missjonijiet tal-PSDK fid-dawl ta' dan it-theddud, kif ukoll jitlob li jingħata iżjed appoġġ konkret lil dawn il-missjonijiet permezz ta' komunikazzjoni strateġika; jirrikonoxxi ż-żieda kostanti fl-attakki ffinanzjati mill-Istati barranin kontra l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, inkluż kontra l-EMA, u l-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri;
106. Jitlob li jsir kontroll bir-reqqa u perjodiku tas-servizzi, tan-networks, tat-tagħmir u tal-hardware kollha tal-istituzzjonijiet, tal-korpi, tal-aġenziji, tad-delegazzjonijiet, tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet tal-UE bil-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom għat-theddud għaċ-ċibersigurtà u li jiġu esklużi programmi u apparat potenzjalment perikolużi, bħal dawk żviluppati minn Kaspersky Lab; ihegġegħ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jiżguraw gwida xierqa u għodod siguri għall-persunal; jenfasizza l-ħtieġa ta' sensibilizzazzjoni dwar l-użu ta' servizzi u networks siguri fl-istituzzjonijiet u fl-amministrazzjonijiet, anki waqt missjoni; jieħu nota tal-vantaġġi f'termini ta' fiduċja u sigurtà tas-sistemi operattivi ta' network ibbażati fuq sors miftuħ, li jintużaw b'mod wiesa' mill-aġenziji militari u governattivi alleati;
107. Jisħaq fuq l-importanza tal-koordinament effiċjenti, puntwali u strett bejn id-diversi istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE speċjalizzati fiċ-ċibersigurtà, bħas-CERT-UE, flimkien mal-iżvilupp sħiħ tal-kapaċitajiet operattivi tagħha, kif ukoll l-ENISA u ċ-Ċiberunità Konġunta li se tiġi stabbilita, li se jiżguraw risposta kkoordinata għat-theddud għaċ-ċibersigurtà fuq skala kbira fl-UE; jilqa' pożittivament il-kooperazzjoni strutturata li għaddejja bejn is-CERT-UE u l-ENISA; jilqa' pożittivament ukoll il-ħolqien ta' grupp ta' ħidma dwar l-intelligence ċibernetika fi ħdan l-INTCEN tal-UE bil-ħsieb li tiġi promossa l-kooperazzjoni fil-qasam tal-intelligence strateġika; japprezza l-inizjattivi reċenti meħuda mis-Segretarji Ġenerali tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jiżviluppaw regoli komuni dwar l-infommazzjoni u ċ-ċibersigurtà;
108. Jistenna b'interess iż-żewġ proposti tal-Kummissjoni għal regolamenti li jistabbilixxu qafas normattiv għas-sigurtà tal-infommazzjoni u ċ-ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-

<sup>22</sup> Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attacchi kontra s-sistemi tal-infommazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċizzjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8).

korpi u fl-aġenziji kollha tal-UE, u huwa tal-fehma li dawn ir-regolamenti għandhom jinkludu t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u tar-reżiljenza; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw fondi u riżorsi addizzjonali għaċ-ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet tal-UE sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ta' xenarju ta' theddid li qed jevolvi b'mod kostanti;

109. Jistenna b'interess ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Awditu taċ-Ċibersigurtà, mistenni fil-bidu tal-2022;
110. Jitlob li ssir investigazzjoni bir-reqqa tal-każijiet irrapportati ta' infiltrazzjoni barranija fost il-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE; jitlob eżami u revizzjoni potenzjali tal-proċeduri tar-riżorsi umani, inklużi l-kontrolli ta' qabel ir-reklutaġġ, biex jimtlew il-lakuni li jippermettu l-infiltrazzjoni barranija; jistieden lill-korpi ta' tmexxija tal-Parlament itejbu l-proċeduri ta' approvazzjoni tas-sigurtà tal-persunal u jħarrxu r-regoli u l-kontrolli rigward l-aċċess għar-reċinti tiegħu biex jimpedixxi li individwi b'rabta stretta mal-interessi barranin ikollhom aċċess għal laqgħat u informazzjoni kunfidenzjali; jistieden lill-awtoritajiet Belġjani jeżaminaw u jaġġornaw il-qafas nazzjonali kontra l-ispjunaġġ biex ikunu possibbli l-identifikazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet effikaċi ta' dawk haġta; jitlob li jittieħdu azzjonijiet simili fl-Istati Membri l-oħra biex jiġu protetti l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE preżenti fit-territorju tagħhom;
111. Jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE jissensibilizzaw il-persunal tagħhom permezz ta' taħriġ u gwida adegwata sabiex jipprevjenu, jimmitigaw u jindirizzaw ir-riskji ċibernetiċi u mhux ċibernetiċi għas-sigurtà; jitlob li jkun previst taħriġ obligatorju u perjodiku dwar is-sigurtà u l-ICTs għall-persunal (inklużi t-trainees) u għall-Membri tal-Parlament Ewropew kollha; jitlob immappjar regolari u ddedikat u valutazzjonijiet tar-riskju ta' influwenzi barranin fi ħdan l-istituzzjonijiet;
112. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' proċeduri xierqa għall-ġestjoni tal-kriżijiet għal każijiet ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni, inklużi sistemi ta' twissija bejn il-livelli u s-setturi amministrattivi, sabiex jiġi żgurat l-għoti reċiproku ta' informazzjoni u jiġi evitat it-tixrid tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, is-Sistema ta' Twissija Rapida (RAS) u l-proċedura ta' twissija rapida stabbiliti qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 u l-proċeduri stabbiliti fl-amministrazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament biex iwissu dwar każijiet possibbli li jaffettwaw lill-istituzzjonijiet jew il-proċessi demokratiċi tal-UE; jitlob lill-amministrazzjoni tal-UE ssaħħa il-monitoraġġ tagħha, fost oħrajn permezz tal-ħolqien ta' arkivju ċentrali u ta' strument ta' traċċar tal-inċidenti, u tiżviluppa sett ta' għodod kondiviżi li jiġu attivati f'każ ta' twissija tal-RAS;
113. Jitlob li jkun hemm regoli obligatorji ta' trasparenza rigward il-vjaġġi offurti mill-pajjiżi u mill-entitajiet barranin lill-uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-UE, inklużi l-Membri tal-Parlament Ewropew, l-assistenti parlamentari akkreditati (APA) u l-konsulenti tal-gruppi, kif ukoll l-uffiċjali nazzjonali, fosthom, bħala eżempju: l-isem tal-aġenti tal-ħlas, kemm swew il-vjaġġi u l-ġustifikazzjoni ddikjarata; ifakkar li tali vjaġġi organizzati ma jstgħux jitqiesu delegazzjonijiet uffiċjali tal-Parlament u jitlob sanzjonijiet severi f'każ li dan ma jiġix rispettatt; jenfasizza li l-gruppi ta' ħbiberija informali jstgħu jikkompromettu x-xogħol tal-organi uffiċjali tal-Parlament, kif ukoll ir-reputazzjoni tiegħu u l-koerenza tal-azzjonijiet tiegħu; ihegġegħ lill-korpi ta' tmexxija

tal-Parlament iżidu t-trasparenza u r-responsabbiltà ta' dawn il-gruppi, jinfurzar ir-regoli attwali u jieħdu l-miżuri neċessarji meta dawn il-gruppi ta' ħbiberija jintużaw ħażin minn pajjiżi terzi; jitlob lill-Kwesturi jiżviluppaw u jżommu reġistru aċċessibbli u aġġornata tal-gruppi ta' ħbiberija u tad-dikjarazzjonijiet;

***Indħil minn atturi globali permezz tal-ħtif tar-riżorsi mill-elit, tad-dijasporti nazzjonali, tal-universitajiet u tal-avvenimenti kulturali***

114. Jikkundanna t-tipi kollha ta' ħtif tar-riżorsi mill-elit u t-teknika ta' co-opting ta' uffiċjali pubbliċi ta' livell għoli u ta' ex politiċi tal-UE li jużaw il-kumpaniji barranin b'rabtiet mal-gvernijiet li huma involuti b'mod attiv f'azzjonijiet ta' ndħil kontra l-UE, u jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' strumenti u ta' infurzar meħtieġa biex jiġu evitati dawn il-prattiki; iqis li d-divulgazzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali miksuba matul il-mandati pubbliċi jew fil-qadi tad-dmirijiet bħala uffiċjali pubbliċi, askapitu tal-interessi strateġiċi tal-UE u tal-Istati Membri, għandu jkollha konsegwenzi ġuridiċi u tinkorri f'sanzjonijiet severi, fosthom tkeċċija immedjata u/jew skwalifika minn reklutaġġ futur mill-istituzzjonijiet; iqis li d-dikjarazzjonijiet tal-introjt u tal-proprjetà ta' tali individwi għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;
115. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi u tikkoordina l-azzjonijiet kontra l-ħtif tar-riżorsi mill-elit, pereżempju billi tintegra u timplimenta l-infurzar ordinarju tal-perjodi ta' preklużjoni għall-Kummissarji tal-UE u għall-uffiċjali pubbliċi tal-UE ta' livell għoli b'obbligu ta' rendikont ladarba jispiċċa l-perjodu, bil-għan li tintemm il-prattika tar-"revolving doors", u regoli strutturati biex tiġi indirizzata l-elite capture fil-livell tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa jekk ir-rekwiżiti eżistenti relatati mal-perjodi ta' preklużjoni għadhomx idonei għall-iskop; jissottolinja li l-ex politiċi u uffiċjali pubbliċi tal-UE għandhom jirrapportaw il-każijiet li fihom jiġu avviċinati minn Stat barrani f'korp superviżorju ddedikat u għandhom jirċievu l-protezzjoni tal-informaturi ta' irregolaritajiet; jistieden lill-Istati Membri japplikaw u jarmonizzaw perjodi ta' preklużjoni għall-klassi tat-tmexxija politika tagħhom u jiżguraw li jkollhom miżuri u sistemi fis-seħħ li jobbligaw lill-uffiċjali pubbliċi jiddikjaraw l-attivitajiet esterni, l-attivitajiet professjonali, l-investimenti, l-assi u r-rigali jew il-vantaġġi sostanzjali tagħhom li jistgħu jagħtu lok għal kunflitt ta' interessi;
116. Jinsab imħasseb dwar l-istrateġiji integrati tal-lobbying li jgħaqqdu l-interessi industrijali u l-għanijiet politiċi barranin, b'mod partikolari meta jiffavorixxu l-interessi ta' Stat awtoritarju; jitlob, għalhekk, li l-istituzzjonijiet tal-UE jirriformaw ir-Reġistru tat-Trasparenza, anki billi jintroduċu regoli aktar stretti dwar it-trasparenza, jimmapjaw il-finanzjament barrani għal-lobbying relatat mal-UE, u jipprevedu kategorija ta' data li tippermetti l-identifikazzjoni ta' finanzjament minn gvernijiet barranin; jitlob kooperazzjoni effettiva dwar din il-kwistjoni fost l-istituzzjonijiet kollha tal-UE; iqis li l-Iskema tat-Trasparenza tal-Inflwenza Barranija tal-Awstralja hija Prattika tajba li ta' min isegwi;
117. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw l-istabbiliment ta' skema ta' reġistrazzjoni tal-inflwenza barranija u l-ħolqien ta' reġistru ġestit mill-gvern tal-attivitajiet iddikjarati mwettqa għal Stat barrani, jew f'ismu, skont il-prattika tajba ta' demokrazzi oħra tal-istess fehma;

118. Huwa mħasseb dwar it-tentattivi biex jiġu kkontrollati d-dijaspori li jgħixu fit-territorju tal-UE minn Stati awtoritarji barranin; jindika r-rwol kruċjali li jaqdi l-Front Magħqud taċ-Ċina, li huwa dipartiment li jirrapporta direttament lill-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista Ċiniż u li għandu l-kompitu li jikkoordina l-istrateġija tal-indhila esteri taċ-Ċina permezz tal-kontroll strett tal-individwi Ċiniżi u tal-kumpaniji Ċiniżi barra mill-pajjiż; jirreferi għall-esperjenzi tal-Awstralja u tan-New Zealand fit-trattament tal-Front Magħqud;
119. Jikkundanna bil-qawwa l-isforzi tal-Kremlin biex jistrumentalizza l-minoranzi fl-Istati Membri tal-UE billi jiġu implimentati l-hekk imsejħa politiki tal-kompatrijotti, b'mod partikolari fl-Istati Baltiċi u fil-pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant, bħala parti mill-istrateġija ġeopolitika tar-reġim ta' Putin li l-għan tagħha huwa li taqsam is-soċjetajiet fl-UE, flimkien mal-implimentazzjoni tal-kunċett tad-"dinja Russa", li għandu l-għan li jiġġustifika azzjonijiet espansjonisti mir-reġim; jinnotta li ħafna "fondazzjonijiet privati", "intrapriżi privati", "organizzazzjonijiet tal-media" u "NGOs" Russi huma proprjetà tal-Istat jew għandhom rabtiet moħbija mal-Istat Russu; jenfasizza li huwa tal-akbar importanza meta jkun hemm dialogu mas-soċjetà ċivili Russa li ssir distinzjoni bejn dawk l-organizzazzjonijiet li jibqgħu ħielsa mill-influwenza governattiva Russa u dawk li għandhom rabtiet mal-Kremlin; ifakkar li hemm ukoll evidenza ta' indhila u manipulazzjoni Russi f'ħafna demokrazzi liberali oħra tal-Punent, kif ukoll appoġġ attiv għal forzi estremisti u entitajiet b'viżjoni radikali sabiex tiġi promossa d-destabilizzazzjoni tal-Unjoni; jinnotta li l-Kremlin jirrikorri ħafna għall-kultura, inklużi l-mużika popolari, il-kontenut awdjoviv u l-letteratura, bħala parti mill-ekosistema ta' diżinformazzjoni tiegħu; jiddeplora t-tentattivi tar-Russja li ma tirrikonoxxi bis-sħiħ l-istorja tad-delitti Sovjetiċi u minflok tintroduċi narrattiva Russa ġdida;
120. Jinsab imħasseb dwar it-tentattivi tal-Gvern Tork biex jinfluwenza persuni ta' oriġini Torka bil-għan li d-dijaspora tintuża bħala relay għall-pożizzjonijiet ta' Ankara u biex jinfirdu s-soċjetajiet Ewropej, b'mod partikolari permezz tal-Presidenza għat-Torok Barra mill-Pajjiż u l-Komunitajiet Relatati (YTB); jikkundanna t-tentattivi evidenti ta' Turkija li tuża d-dijaspora tagħha fl-Ewropa biex tbiddel id-direzzjoni tal-elezzjonijiet;
121. Jikkundanna l-isforzi tar-Russja biex tisfrutta t-tensjonijiet etniċi fil-Balkani tal-Punent sabiex iżżid il-kunflitti u tifred il-komunitajiet, li jistgħu jwasslu għad-destabilizzazzjoni tar-reġjun kollu; jinsab imħasseb dwar it-tentattivi tal-Knisja Ortodossa f'pajjiżi bħas-Serbja, il-Montenegro u l-Bosnja-Ħerzegovina, speċjalment fl-entità tagħha Republika Srpska, biex tippromwovi lir-Russja bħala protettur tal-valuri tradizzjonali tal-familja u ssaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-knisja; jinsab allarmat li l-Ungerija u s-Serbja qed jgħinu liċ-Ċina u lir-Russja bl-oġettivi ġeopolitiċi tagħhom; jirrakkomanda li jiġu organizzati dialogi mas-soċjetà ċivili tal-Balkani tal-Punent u s-settur privat biex jiġu kkoordinati l-isforzi kontra d-diżinformazzjoni fir-reġjun, b'enfasi fuq ir-riċerka u l-analiżi u l-inklużjoni ta' għarfien esperti reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni tibni l-infrastruttura meħtieġa biex tipproduċi reazzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza għat-theddid ta' diżinformazzjoni kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul fil-Balkani tal-Punent; jistieden lis-SEAE jadotta pożizzjoni aktar proattiva, li tiffoka fuq il-bini tal-kredibiltà tal-UE fir-reġjun, aktar milli tiddefendiha, fl-espansjoni tal-monitoraġġ StratCom biex jiffoka fuq it-theddid ta' diżinformazzjoni transfruntiera li joriġina mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u l-ġirien tagħhom;

122. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jsaħħu l-appoġġ għall-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni dwar il-bini tar-reżiljenza tal-Istat u tas-soċjetà għad-diżinformazzjoni u l-propaganda tal-Istat Russu, sabiex jiġu miġġielda d-dgħufija strateġika u l-frammentazzjoni tas-soċjetajiet u l-istituzzjonijiet tagħhom;
123. Jinsab allarmat bl-applikazzjoni extraterritorjali ta' miżuri koerċittivi li jirriżultaw mill-Liġi l-ġdida ta' Hong Kong dwar is-Sigurtà Nazzjonali u l-Liġi taċ-Ċina dwar il-Ġlieda Kontra s-Sanzjonijiet Barranin, flimkien mal-ftehimiet ta' estradizzjoni li ċ-Ċina għandha ma' pajjiżi oħra, li jippermettu liċ-Ċina timplimenta azzjonijiet ta' deterrenza fuq skala kbira kontra ċittadini kritiċi mhux Ċiniżi, pereżempju, f'każ reċenti, kontra żewġ membri parlamentari Daniżi, u l-kontrosanzjonijiet Ċiniżi kontra ħames Membri tal-Parlament Ewropew, is-Sottokomitat tal-Parlament għad-Drittijiet tal-Bniedem, tliet Membri Parlamentari mill-Istati Membri tal-UE, il-Komitat Politiku u ta' Sigurtà tal-Kunsill tal-UE, żewġ akkademiċi Ewropej u żewġ gruppi ta' riflessjoni Ewropej fil-Ġermanja u fid-Danimarka rispettivament; jistieden lill-Istati Membri kollha jirreżistu u jirrifjutaw l-estradizzjoni u, fejn xieraq, joffru protezzjoni xierqa għall-individwi kkonċernati biex jevitaw ksur potenzjali tad-drittijiet tal-bniedem;
124. Jinsab imħasseb dwar in-numru ta' universitajiet, skejjel u ċentri kulturali Ewropej involuti fi sħubijiet ma' entitajiet Ċiniżi, inklużi l-Istituti ta' Confucius, li jagħmlu possibbli s-serq ta' għarfien xjentifiku u l-eżerċitar ta' kontroll strett fuq is-suġġetti kollha relatati maċ-Ċina fil-qasam tar-riċerka u t-tagħlim, u b'hekk jikkostitwixxu ksur tal-protezzjoni konstitutjonali tal-libertà u l-awtonomija akkademiċi, u fuq l-għażliet ta' attivitajiet kulturali relatati maċ-Ċina; jinsab imħasseb li azzjonijiet bħal dawn jistgħu jwasslu għal telf ta' għarfien dwar kwistjonijiet relatati maċ-Ċina, li jċaħħad lill-UE mill-kompetenzi meħtieġa; jinsab imħasseb, pereżempju, dwar l-isponsorizzar, fl-2014, tal-Librerija taċ-Ċina tal-Kulleġġ tal-Ewropa mill-Uffiċċju tal-Infommazzjoni tal-Kunsill tal-Istat tal-Gvern Ċinizz<sup>23</sup>; jinsab imħasseb ħafa dwar it-tentattivi taċ-Ċina biex tagħmel pressjoni u tiċċensura, pereżempju, il-mużew ta' Nantes fir-rigward tal-wirja fuq Genghis Khan inizjalment ippjanata għall-2020<sup>24</sup>; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-iskambju ta' Prattiki tajba fost l-Istati Membri sabiex tindirizza l-indhul barrani fis-setturi kulturali u edukattivi;
125. Jinsab imħasseb dwar il-każijiet ta' finanzjament moħbi tar-riċerka mwettqa fl-Ewropa, inklużi t-tentattivi taċ-Ċina li tisraq talent permezz tal-Pjan tal-Elf Talent u l-Boroż ta' Studju tal-Istitut Confucius, u t-taħlit intenzjonat ta' proġetti xjentifiċi militari u ċivili permezz tal-istrateġija ta' fużjoni ċivili-militari taċ-Ċina; jitfa' dawl fuq it-tentattivi tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja Ċiniżi biex jiffirmaw memoranda ta' fehim ma' istituzzjonijiet sħab fl-Ewropa li fihom klawżoli li jipperpetwaw il-propaganda Ċiniża jew jinkoraġġixxu l-appoġġ għall-pożizzjonijiet jew l-inizjattivi politiċi tal-Partit Komunista Ċinizz, bħall-Inizjattiva "Belt and Road", u b'hekk jevitaw u jimminaw il-pożizzjonijiet uffiċjali meħuda mill-gvernijiet tal-pajjiżi rispettivi; jitlob lill-istituzzjonijiet kulturali, akkademiċi u mhux governattivi jtejbu t-trasparenza fir-rigward tal-influwenza taċ-Ċina u jistedinhom jipubblicizzaw kwalunkwe skambju u impenn

<sup>23</sup> <https://www.coleurope.eu/events/official-inauguration-china-library>

<sup>24</sup> <https://www.chateaubelleville.com/en/expositions/mongole-son-of-the-sky-ans-steps-genghis-khan-and-the-birth-of-an-empire/>



mal-Gvern Ċiniż u organizzazzjonijiet relatati;

126. Jikkundanna d-deċiżjoni meħuda mill-Gvern Ungeriż li jiftaħ fergħa tal-Università ta' Fudan filwaqt li, fl-istess ħin, jagħlaq l-Università tal-Ewropa Ċentrali f'Budapest; jinsab imħasseb dwar id-dipendenza finanzjarja li qed tiżdied tal-universitajiet Ewropej fuq iċ-Ċina u Stati barranin oħra, minħabba r-riskju ta' data sensittiva, teknoloġiji u riżultati ta' riċerka li jmorru għand Stati barranin u l-implikazzjonijiet li din id-dipendenza jista' jkollha għal-libertà akkademika; jisħaq fuq l-importanza tal-libertà akkademika biex jiġu indirizzati d-diżinformazzjoni u l-operazzjonijiet ta' influwenza; iħeġġeġ lil dawn l-istituzzjonijiet iwettqu valutazzjonijiet dettaljati tal-vulnerabbiltà qabel ma jidħlu fi sħubijiet ġodda ma' sħab barranin; jenfasizza li l-persunal akkademiku għandu jkun imħarreġ biex jirrapporta finanzjament jew influwenza moħbija permezz ta' hotline apposta u li dawh li jippreżentaw ruħhom għandhom dejjem jirċievu l-protezzjoni tal-informaturi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-finanzjament għar-riċerka ta' tħassib ġeopolitiku fl-universitajiet Ewropej jiġi minn sorsi Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni dwar iż-żieda fit-trasparenza tal-finanzjament barrani tal-universitajiet, kif ukoll l-NGOs u l-gruppi ta' riflessjoni, bħal permezz ta' dikjarazzjonijiet ta' donazzjoni obligatorji, diliġenza dovuta għall-flussi ta' finanzjament tagħhom u d-divulgazzjoni ta' finanzjament, kontribuzzjonijiet *in natura* u sussidji minn partijiet barranin; jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jadottaw regoli effettivi dwar il-finanzjament barrani għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, inklużi limiti massimi stretti u rekwiżiti ta' rappurtar;
127. Jissottolinja li riskji simili għas-sigurtà u s-serq tal-proprjetà intellettuali jeżistu fis-settur privat, fejn l-impjegati jista' jkollhom aċċess għal teknoloġiji ewlenin u sigrieti kummerċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu kemm lill-istituzzjonijiet akkademiċi kif ukoll lis-settur privat biex jistabbilixxu programmi komprensivi ta' sigurtà u konformità, inklużi rieżamijiet speċifiċi tas-sigurtà għal kuntratti ġodda; jinnota li limitazzjonijiet akbar fuq is-sistemi u l-aċċess għan-networks, kif ukoll l-approvazzjoni tas-sigurtà, jistgħu jkunu ġġustifikati għal uħud mill-professuri jew l-impjegati li jaħdmu fuq riċerka u prodotti kritiċi;
128. Jinnota li d-Direttiva riveduta dwar il-Karta Blu<sup>25</sup>, li tagħmilha aktar faċli għal migranti mhux mill-UE b'ħiliet biex jiġu fl-UE, tippermetti lill-kumpaniji Ċiniżi u Russi stabbiliti fl-Ewropa, pereżempju, biex iġibu aktar migranti b'ħiliet mill-pajjiżi rispettivi tagħhom; jirrimarka li dan jista' jagħmilha aktar diffiċli għall-Istati Membri biex jeżerċitaw kontroll fuq l-influss ta' dawn iċ-ċittadini, li jista' jwassal għal riskji ta' indħil barrani;
129. Jinnota n-numru dejjem akbar ta' Istituti ta' Confucius stabbiliti madwar id-dinja, u b'mod partikolari fl-Ewropa; jirrimarka li ċ-Ċentru għall-Edukazzjoni u l-Kooperazzjoni Lingwistika, li qabel kien magħruf bħala l-Kwartieri Ġenerali tal-Istitut Confucius jew Hanban (Uffiċċju tal-Kunsill Internazzjonali tal-Lingwa Ċiniża), li huwa responsabbli għall-programm tal-Istituti Confucius madwar id-dinja, huwa parti mis-sistema ta' propaganda tal-Istat-Partit Ċiniż; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jappoġġaw korsijiet tal-lingwa Ċiniża indipendenti mingħajr l-involvement tal-Istat

<sup>25</sup> Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjeg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE, ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1.

Ċiniż jew ta' organizzazzjonijiet affiljati; jemma li ċ-Ċentru Nazzjonali dwar iċ-Ċina li ġie stabbilit reċentement fl-Iżvezja jista' jservi bħala eżempju importanti ta' kif tiżdied il-kompetenza fil-qasam taċ-Ċina b'mod indipendenti fl-Ewropa;

130. Iqis, barra minn hekk, li l-Istituti ta' Confucius iservu bħala pjattaforma tal-lobbying għall-interessi ekonomiċi Ċiniżi u għas-servizz tal-intelligence Ċiniż u r-reklutaġġ ta' aġenti u spiji; ifakkar li ħafna universitajiet iddeċidew li jtemmu l-kooperazzjoni tagħhom mal-Istituti ta' Confucius minħabba r-riskji ta' spjunaġġ u ndħil miċ-Ċina, kif għamlu l-universitajiet ta' Dusseldorf fl-2016, ta' Brussell (VUB u ULB) fl-2019, u ta' Hamburg fl-2020, u l-universitajiet kollha fl-Iżvezja; jitlob li aktar universitajiet jirriflettu dwar il-kooperazzjoni attwali tagħhom biex jiżguraw li din ma taffettwax il-libertà akkademika tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw mill-qrib it-tagħlim, ir-riċerka u attivitajiet oħra fl-Istituti Confucius u, fejn l-allegazzjonijiet ta' spjunaġġ jew indħil ikunu sostanzjali minn evidenza ċara, jieħdu azzjoni ta' infurzar biex jissalvagwardjaw is-sovranià ekonomika u politika Ewropea, anki permezz taċ-ċaħda tal-finanzjament jew ir-revoka tal-liċenzji ta' istituti assoċjati;
131. Josserva li l-indħil barrani jista' jitwettaq ukoll permezz tal-influwenza f'istituti reliġjużii u l-istrumentalizzazzjoni tagħhom, bħall-influwenza Russa fil-knejjes Ortodossi, b'mod partikolari fis-Serbja, il-Montenegro, il-Bożnija-Herzegovina, speċjalment fl-entità tagħha Republika Srpska, il-Georgia u sa ċertu punt l-Ukrajna, inkluż permezz tat-trawwim tal-firda fil-popolazzjonijiet lokali, l-iżvilupp ta' verżjoni preġudikata tal-istorja u l-promozzjoni ta' aġenda kontra l-UE, l-influwenza tal-Gvern Tork permezz tal-moskej fi Franza u fil-Ġermanja, u l-influwenza tal-Arabja Sawdija permezz ta' moskej Salafi madwar l-Ewropa li jippromwovu l-Iżlam radikali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw koordinazzjoni aħjar dwar il-protezzjoni tal-istituti reliġjużi mill-indħil barrani u biex jillimitaw il-finanzjament u jżidu t-trasparenza tal-finanzjament; jistieden lill-Istati Membri jimmonitorjaw mill-qrib l-attivitajiet f'istituti reliġjużi u, fejn xieraq u appoġġati minn evidenza, jieħdu azzjoni, inkluż permezz taċ-ċaħda tal-finanzjament jew ir-revoka tal-liċenzji ta' istituti assoċjati;
132. Jistieden lis-SEAE jipproduċi studju dwar il-prevalenza u l-influwenza ta' atturi statali malizzjużi fi gruppi ta' riflessjoni, universitajiet, organizzazzjonijiet reliġjużi u istituzzjonijiet tal-media Ewropej; jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE u lill-Istati Membri jikkollaboraw ma' u jinvolvu ruħhom fi djalogu sistematiku mal-partijiet ikkonċernati u l-esperti sabiex jimmapjaw u jimmonitorjaw b'mod preċiż l-influwenza barranija fl-isferi kulturali, akkademiki u reliġjużi; jitlob li jkun hemm kondiviżjoni akbar tal-kontenut fost ix-xandara nazzjonali Ewropej, inklużi dawk fil-pajjiżi ġirien;
133. Jinsab imħasseb dwar rapporti ta' ndħil barrani fis-sistemi ġudizzjarji Ewropej; jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi Russi mill-qrati Ewropej kontra l-avversarji tal-Kremlin; jistieden lill-Istati Membri jqajmu kuxjenza fost il-persunal ġudizzjarju u jaħdmu mas-soċjetà ċivili biex jipprevjenu l-abbuż tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali u tat-tribunali u l-qrati Ewropej minn gvernijiet barranin; jistieden lis-SEAE jikkummissjona studju dwar il-prevalenza u l-influwenza tal-indħil barrani fil-proċedimenti tal-qorti Ewropea; jinnota li, abbażi ta' dan l-istudju, jista' jkun meħtieġ li jiġu proposti bidliet għar-rekwiżiti ta' trasparenza u finanzjament għall-proċeduri tal-qorti;

## *Deterrenza, attribuzzjoni u kontromiżuri kollettivi, inklużi sanzjonijiet*

134. Iqis li r-reġimi ta' sanzjonijiet stabbiliti reċentement mill-UE, bħall-miżuri restrittivi kontra ċ-ċiberattakki li jheddu lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha<sup>26</sup> u r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem<sup>27</sup> (Att Magnitsky tal-UE), adottati fis-17 ta' Mejju 2019 u fis-7 ta' Diċembru 2020 rispettivament, urew valur miżjud fl-għoti lill-UE ta' għodod siewja ta' deterrenza; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva biex tadotta reġim tematiku ġdid ta' sanzjonijiet biex jiġu indirizzati atti serji ta' korruzzjoni; ifakkar li r-reġimi ta' sanzjonijiet b'rabta maċ-ċiberattakki u mad-drittijiet tal-bniedem intużaw darbtejn, fl-2020 u fl-2021, rispettivament; jitlob bil-qawwa li r-reġim ta' sanzjonijiet ċibernetiċi jsir permanenti u jistieden lill-Istati Membri jikkondividu l-evidenza u l-intelligence kollha miġbura sabiex jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' listi ta' sanzjonijiet ċibernetiċi;
135. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jieħdu miżuri ulterjuri kontra l-indhिल barrani, inklużi kampanji ta' diżinformazzjoni fuq skala kbira, theddid ibridu u gwerra ibrida, b'rispett sħiħ għal-libertajiet tal-espressjoni u tal-informazzjoni, inkluż fil-forma tal-istabbiliment ta' reġim ta' sanzjonijiet; jemmen li dan għandu jinkludi l-introduzzjoni ta' qafas ta' sanzjonijiet transsettorjali u asimmetriku, kif ukoll sanzjonijiet diplomatiċi, probizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, iffriżar tal-assi u t-tneħħija ta' permessi ta' residenza tal-UE minn individwi barranin u l-membri tal-familja tagħhom assoċjati ma' tentattivi ta' ndħil barrani, li għandhom jolqtu b'mod kemm jista' jkun preċiż lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-korpi responsabbli għal azzjonijiet aggressivi, filwaqt li jiġi evitat ambjent ta' tpattija, skont l-Artikolu 29 tat-TUE u l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (miżuri restrittivi) u integrati sew fil-pilastri tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) u tal-PSDK tal-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri jqiegħdu l-indhил barrani u nazzjonali u d-diżinformazzjoni bħala punt fiss fuq l-aġenda tal-Kunsill Affarijiet Barranin; jistieden lill-UE tiddefinixxi x'inhu att internazzjonali ħażin u tadotta limiti minimi għall-iskattar ta' kontromiżuri bħala riżultat ta' din id-definizzjoni l-ġdida, li għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt biex ttipprovi ċertezza legali; jinnota li l-Kunsill għandu jkun jista' jiddeċiedi dwar sanzjonijiet relatati ma' indhил barrani b'vot ta' maġġoranza, aktar milli b'unanimità; huwa tal-fehma li l-pajjiżi involuti fl-indhил barrani u fil-manipulazzjoni tal-informazzjoni bil-għan li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-UE għandhom iħallsu l-ispejjeż tad-deċiżjonijiet tagħhom u jġarrbu l-konsegwenzi ekonomiċi u/jew reputazzjonali u/jew diplomatiċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Barranija u l-Politika ta' Sigurtà jippreżentaw proposti konkreti f'dan ir-rigward;
136. Jinsisti li, filwaqt li jkollu l-għan li jippreserva l-proċessi demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet kif definiti fit-Trattati, reġim ta' sanzjonijiet irid jagħti attenzjoni partikolari lill-impatti fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' kwalunkwe sanzjoni imposta, sabiex jinżamm ir-rispett għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u jrid ikun trasparenti fir-rigward tar-raġunijiet għat-teħid tad-deċiżjoni li jiġu implimentati s-sanzjonijiet; jisħaq fuq il-ħtieġa għal aktar ċarezza fil-livell tal-UE rigward il-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tas-sanzjonijiet kontra persuni assoċjati, bħal ċittadini u

<sup>26</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AL%3A2019%3A129I%3ATOC>

<sup>27</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L:2020:410I:TOC>

kumpaniji tal-UE;

137. Iqis li filwaqt li n-natura ta' dawn l-attakki ibridi tvarja, il-periklu tagħhom għall-valuri, l-interessi fundamentali, is-sigurtà, l-indipendenza u l-integrità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, kif ukoll għall-konsolidazzjoni u l-appoġġ għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji tad-dritt internazzjonali u l-libertajiet fundamentali, jistgħu jkunu sostanzjali f'termini tal-iskala tal-attakki, tan-natura tagħhom jew tal-effett kumulattiv tagħhom; jilqa' l-fatt li l-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea jipprevedi li l-Kummissjoni u s-SEAE flimkien jiżviluppaw sett ta' għodod għal operazzjonijiet ta' ndħil u influwenza barranin, inklużi operazzjonijiet ibridi u l-attribuzzjoni ċara ta' attakki malizzjużi minn partijiet u pajjiżi terzi kontra l-UE;
138. Jindika li l-fehim li ċerti azzjonijiet ta' ndħil barrani qed jaffettwaw serjament il-proċessi demokratiċi u qed jinfluwenzaw l-eżerċizzju tad-drittijiet jew tad-dmirijiet qed jiżdied fuq livell internazzjonali; jindika, f'dan ir-rigward, l-emendi adottati fl-2018 fl-Att dwar l-Emenda tal-Leġiżlazzjoni Nazzjonali dwar is-Sigurtà (l-Ispjunaġġ u l-Indħil Barrani) tal-Awstralja, li għandu l-għan li jikkriminalizza l-attivitajiet sigrieti u qarrieqa minn atturi barranin li għandhom l-għan li jindaħlu fil-proċessi politiċi jew governattivi, iħallu impatt fuq id-drittijiet jew id-dmirijiet, jew jappoġġaw l-attivitajiet tal-intelligence ta' gvern barrani, billi joħloq reati ġodda bħal "indħil barrani intenzjonat";
139. Huwa konxju li skont l-Artikolu 21(3) tat-TUE l-Unjoni jeħtiġilha tiżgura l-konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha u bejn dawn u politiki oħra, kif definiti fit-Trattati; jindika, f'dan ir-rigward, li l-indħil barrani, bħat-theddida kkawżata mill-għellieda u mill-gruppi terroristiċi barranin li jinfluwenzaw lil individwi li jibqgħu fl-UE, ġie indirizzat ukoll permezz tad-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu<sup>28</sup>;
140. Jissottolinja li, sabiex jissaħħaħ l-impatt tagħhom, is-sanzjonijiet għandhom jiġu imposti b'mod kollettiv, abbażi, fejn possibbli, tal-koordinazzjoni ma' sħab tal-istess fehma, possibbilment bl-involviment ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u formalizzati fi ftehim internazzjonali, filwaqt li jitqiesu wkoll tipi oħra ta' reazzjonijiet għall-attakki; jinnota li l-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali għandhom ukoll jadottaw dawn is-sanzjonijiet sabiex jallinjaw ruħhom mal-PESK tal-UE; jinnota x-xogħol importanti li sar min-NATO fil-qasam tat-theddid ibridu u fakkar f'dan ir-rigward fil-komunikat tal-laqgħa tan-NATO tal-14 ta' Ġunju 2021, fejn ġie affermat mill-ġdid li deċiżjoni dwar meta attakk ċibernetiku jwassal għall-invokazzjoni tal-Artikolu 5 tat-Trattat tan-NATO tittieħed mill-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana fuq bażi ta' każ b'każ, u li l-impatt ta' attivitajiet ċibernetiċi kumulattivi malizzjużi sinifikanti jista', f'ċerti ċirkostanzi, jitqies li jirrappreżenta attakk armat<sup>29</sup>; jenfasizza li l-UE u n-NATO għandhom jadottaw approċċ li jħares 'il quddiem u strateġiku lejn theddid ibridu ffukat fuq ir-raġunijiet u l-oġettivi tal-avversarji, u għandhom jiċċaraw f'liema każijiet l-UE hija mgħammra aħjar biex tindirizza theddida, kif ukoll il-vantaġġi komparattivi tal-kapaċitajiet tagħhom; ifakkar li diversi Stati Membri tal-UE mhumiex membri tan-NATO, iżda madankollu jikkooperaw man-NATO, pereżempju permezz tal-programm tagħha ta' Sħubija għall-Paċi (PfP) u l-Inizjattiva ta' Sħubija għall-Interoperabbiltà (PII),

<sup>28</sup> ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6.

<sup>29</sup> [https://www.nato.int/cps/en/natohq/news\\_185000.htm](https://www.nato.int/cps/en/natohq/news_185000.htm)

u għalhekk jenfasizza li kwalunkwe kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO trid tkun mingħajr preġudizzju għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri tal-UE li mhumiex membri tan-NATO, inklużi dawk li għandhom fis-seħħ politiki ta' newtralità; jenfasizza l-importanza ta' assistenza reċiproka u solidarjetà f'konformità mal-Artikolu 42.7 tat-TUE u l-Artikolu 222 tat-TFUE u jistieden lill-UE tfassal xenarji konkreti għall-attivazzjoni ta' dawn l-artikoli f'każ ta' attakk ċibernetiku ipotetiku; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri kollha jorbtu l-kwistjoni mal-aspetti l-oħra tar-relazzjonijiet tagħhom mal-Istati involuti fil-kampanji ta' ndhila u diżinformazzjoni, b'mod partikolari r-Russja u ċ-Ċina;

### ***Kooperazzjoni globali u multilateraliżmu***

141. Jirrikonoxxi li ħafna pajjiżi demokratiċi madwar id-dinja qed jiffaċċjaw operazzjonijiet simili ta' destabilizzazzjoni mwettqa minn atturi tal-Istat barranin u atturi mhux tal-Istat;
142. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni multilaterali globali bejn pajjiżi tal-istess fehma f'fora internazzjonali rilevanti dwar dawn il-kwistjonijiet ta' importanza kruċjali, fil-forma ta' sħubija bbażata fuq fehim u definizzjonijiet komuni, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti normi u prinċipji internazzjonali; jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Uniti u ma' Stati oħra li jaħsbuha bl-istess mod għall-modernizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet multilaterali; jilqa' s-Summit għad-Demokrazija f'dak ir-rigward u jistenna li dan jirriżulta fi proposti u azzjonijiet konkreti biex, permezz ta' azzjoni kollettiva, jiġi indirizzat l-akbar theddid li qed jiffaċċjaw id-demokraziji llum;
143. Iqis li, abbażi tal-għarfien komuni tas-sitwazzjoni, is-sħab tal-istess fehma għandhom jiskambjaw l-aħjar Prattiki u jidentifikaw risponsi komuni għal sfidi globali iżda wkoll dawk nazzjonali kondiviżi, inklużi sanzjonijiet kollettivi, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istandards demokratiċi; jistieden lill-UE tmexxi d-dibattitu dwar l-implikazzjonijiet legali tal-ndhila barrani, tippromwovi definizzjonijiet u regoli ta' attribuzzjoni internazzjonali komuni u tiżviluppa qafas internazzjonali għal reazzjonijiet għall-ndhila fl-elezzjonijiet sabiex jiġi stabbilit Kodiċi ta' Prattika Globali għal Proċessi Demokratiċi Ħielsa u Reżiljenti;
144. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkunsidraw il-formati internazzjonali xierqa biex ikunu possibbli tali sħubija u kooperazzjoni bejn sħab tal-istess fehma; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jibdew proċess fil-livell tan-NU biex jadottaw konvenzjoni globali li tippromwovi u tiddefendi d-demokrazija li tistabbilixxi definizzjoni komuni ta' ndhila barrani; jistieden lill-UE tippromwovi sett ta' għodod globali għad-difiża tad-demokrazija, li għandu jiġi inkluż fil-konvenzjoni, li jkun fih azzjonijiet u sanzjonijiet konġunti biex jiġi miġġieled l-ndhila barrani;
145. Jilqa' d-dikjarazzjoni tan-NATO tal-14 ta' Ġunju 2021, li tirrikonoxxi l-isfida dejjem akbar ikkawżata minn theddid ċibernetiku, ibridu u asimmetriku ieħor, inklużi kampanji ta' diżinformazzjoni, u mill-użu malizzjuż ta' teknoloġiji emerġenti u fixkiela dejjem aktar sofistikati; jilqa' l-progress li sar fil-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO fil-qasam ta' ċiberdifiża; jilqa' l-istabbiliment mil-Litwanja ta' Ċentru Reġjonali għaċ-Ċiberdifiża li jinvolvi l-Istati Uniti u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant; jappoġġa kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-pajjiżi sħab fil-qasam ta' ċiberdifiża, f'termini ta' kondiviżjoni ta'

informazzjoni u ħidma operazzjonali; jilqa' d-diskussjonijiet bejn l-Istati Uniti u l-UE dwar il-kontrolli multilaterali tal-esportazzjoni fuq oġġetti ta' sorveljanza ċibernetika fil-kuntest tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija;

146. Jilqa' l-inizjattivi li diġà ttehdju, b'mod partikolari fil-livell amministrattiv, biex jiġi kondiviż l-għarfien dwar l-istat tal-attakki ibridi, inklużi l-operazzjonijiet ta' diżinformazzjoni, f'ħin reali, b'has-Sistema ta' Twissija Rapida stabbilita mis-SEAE parzjalment miftuħa għal pajjiżi terzi tal-istess fehma, il-Mekkaniżmu ta' Rispons Rapidu stabbilit mill-G7, u d-Diviżjoni Konġunta tal-Intelligence u s-Sigurtà tan-NATO;
147. Jissottolinja li l-kooperazzjoni globali għandha tkun ibbażata fuq valuri komuni riflessi fi proġetti komuni, tinvolvi organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-OSKE u l-UNESCO, u tistabbilixxi bini tal-kapaċitajiet demokratiċi u paċi u sigurtà sostenibbli f'pajjiżi li qed jiffaċċjaw theddid ibridu barrani simili; jitlob lill-UE tistabbilixxi Fond Ewropew għall-Media Demokratika biex jappoġġa l-ġurnaliżmu indipendenti fit-tkabbir (potenzjali) u fil-pajjiżi tal-viċinat Ewropej u fil-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali; jenfasizza l-ħtiġijiet prattiċi, bħall-kisba ta' tagħmir tekniku tax-xogħol, espress regolarment minn ġurnalisti indipendenti minn pajjiżi ġirien;
148. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni dwar il-klima; jilqa' l-isforzi fil-COP26 biex tiġi adottata definizzjoni universali ta' miżinformazzjoni u diżinformazzjoni dwar il-klima u biex jiġu deskritti azzjonijiet li jindirizzaw il-kwistjoni; jitlob li jiġu żviluppati mudelli bħall-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima biex jinholq kodiċi ta' kondotta globali dwar id-diżinformazzjoni, proċess li jipprovdi l-bażi għal Ftehim ta' Pariġi dwar id-Diżinformazzjoni;
149. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi pprovduta perspettiva ċara għall-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali u li jingħata appoġġ lill-pajjiżi sħab u lill-pajjiżi ġirien, bħal dawk fil-Balkani tal-Punent u fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE, peress li pajjiżi bħar-Russja, it-Turkija u ċ-Ċina qed jippruvaw jużaw dawn il-pajjiżi bħala laboratorju għall-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-gwerra ibrida, bil-għan li jdgħajfu l-UE; jemmen li l-Istati Uniti huma sħab importanti fil-ġlieda kontra l-indħil barrani, il-kampanji ta' diżinformazzjoni u t-theddid ibridu f'dawk ir-reġjuni; jinsab imħasseb b'mod partikolari dwar ir-rwol tas-Serbja u l-Ungerija fit-tixrid wiesa' tad-diżinformazzjoni lill-pajjiżi tal-madwar; jissottolinja li l-UE għandha tappoġġa u timpenja ruħha ma' dawn il-pajjiżi, kif previst fir-Regolament NDICI<sup>30</sup>; iqis li l-azzjonijiet tagħha jistgħu jieħdu l-forma ta' promozzjoni tal-valur miżjud tal-UE u l-impatt pożittiv fir-reġjun, il-finanzjament ta' proġetti intiżi għall-iżgurar tal-libertà tal-media, it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili u l-istat tad-dritt, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar il-litteriżmu fil-media u dak diġitali u tal-informazzjoni, filwaqt li tiġi rispettata s-sovranità ta' dawn il-pajjiżi; jitlob żieda fil-kapaċità tas-SEAE f'dan ir-rigward;

---

<sup>30</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009, ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

150. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha japprofondixxu l-kooperazzjoni mat-Tajwan fil-ġlieda kontra l-operazzjonijiet ta' ndħil u l-kampanji ta' diżinformazzjoni minn pajjiżi terzi malinni, inklużi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, approċċi konġunti għat-trawwim tal-libertà tal-media u l-ġurnaliżmu, l-approfondiment tal-kooperazzjoni dwar is-sigurtà ċibernetika u t-theddid ċibernetiku, is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u t-titjib tal-litteriżmu diġitali ġenerali fost il-popolazzjoni sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi demokratiċi tagħna; jappoġġa l-kooperazzjoni intensifikata bejn l-aġenziji governattivi Ewropej u Tajwaniżi rilevanti, l-NGOs u l-gruppi ta' riflessjoni fil-qasam;
151. Jitlob lill-Parlament jipromwovi b'mod attiv narrativa tal-UE, jiżvolġi rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni u jiddiskuti l-aħjar prattiki mal-parlamenti sħab madwar id-dinja, bl-użu tan-network vast tiegħu ta' delegazzjonijiet interparlamentari, kif ukoll l-inizjattivi tad-demokrazija u l-attivitajiet ta' appoġġ ikkoordinati mill-Grupp għas-Sostenn għad-Demokrazija u Koordinazzjoni tal-Elezzjonijiet; jisħaq fuq l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-parlamentari minn pajjiżi terzi permezz ta' proġetti mfasla apposta li jappoġġaw perspettiva Ewropea għall-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali;
152. Jistieden lis-SEAE jsaħħaħ ir-rwol tad-delegazzjonijiet tal-UE u l-missjonijiet tal-PSDK tal-UE f'pajjiżi terzi sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jaqdbu u jikkonfutaw kampanji ta' diżinformazzjoni orkestrati minn atturi statali barranin, u li jiffinanzjaw proġetti edukattivi li jsaħħu l-valuri demokratiċi u d-drittijiet fundamentali; jirrakkomanda bil-qawwa l-ħolqien ta' Ċentru ta' Komunikazzjoni Strateġika, mibdi mis-SEAE, biex jistabbilixxi kooperazzjoni strutturali dwar il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-indħil barrani, li għandu jkun ibbażat f'Tajpej; jistieden, barra minn hekk, lid-delegazzjonijiet tal-UE jikkontribwixxu għall-ġlieda tal-UE kontra d-diżinformazzjoni billi jittraduċu d-deċiżjonijiet rilevanti tal-UE, bħar-riżoluzzjonijiet ta' urġenza tal-Parlament, fil-lingwa tal-pajjiż li jkunu stazzjonat fih;
153. Jitlob li l-kwistjoni tal-indħil barrani malizzjuż tiġi indirizzata fil-Boxxla Strateġika l-ġdida li jmiss tal-UE;
154. Jitlob li jinholq arranġament istituzzjonali permanenti fil-Parlament Ewropew iddedikat għas-segwitu ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, sabiex jiġu indirizzati l-indħil barrani u d-diżinformazzjoni fl-UE b'mod sistematiku lil hinn mill-mandat attwali tal-Kumitat Speċjali INGE; jitlob skambju istituzzjonalizzat imtejjeb bejn il-Kummissjoni, is-SEAE u l-Parlament permezz ta' dan il-korp;
- o
- o   o
155. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

### *Sfond*

Meta, fit-18 ta' Ġunju 2020, il-Parlament Ewropew iddeċieda li jistabbilixxi Kumitat Speċjali dwar l-Indhila Barrani, inkluża d-Diżinformazzjoni, dan taħ il-mandat li jipprovdi approċċ fit-tul biex jindirizza l-evidenza ta' ndhila barrani fl-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha.

Sena wara l-laqgħa kostituttiva tal-kumitat fit-23 ta' Settembru 2020, u abbażi ta' sensiela twila ta' testimonjanzi minn diversi esperti u prattikanti, ir-rapporteur diġà tista' tistabbilixxi r-realtà, il-firxa tal-kamp ta' applikazzjoni u s-sofistikazzjoni estrema tal-ħafna forum li jieħdu l-operazzjonijiet tal-ndhila aggressiv deċiżi u ffinanzjati minn atturi barranin kontra l-UE; ir-rapporteur tista' tindika wkoll, bi tħassib, ir-ritmu tal-adattament, il-volatilità u l-aċċellerazzjoni ta' dan il-fenomeno, permezz ta' atturi ġodda, narrattivi ġodda, u għodod ġodda f'perjodu ta' sena waħda biss.

Mill-kampanji ta' diżinformazzjoni fuq skala ġdida relatati mal-COVID-19 għall-attakki ċibernetiċi kontra entitajiet ta' awtoritajiet pubbliċi inklużi infrastrutturi tas-saħħa pubblika, mill-istrateġiji ta' ndhila li jintegraw il-ħtif tar-riżorsi mill-elit u l-lobbying industrijali sal-finanzjament tal-attivitajiet politiċi, mill-kontroll taċ-ċentri akkademiċi u kulturali sal-istrumentalizzazzjoni tad-dijaspori nazzjonali, il-kumitat tagħna analizza d-dimensjoni multidimensjonali u dinamika ta' dan it-tip ġdid ta' gwerra li l-għan tiegħu huwa li jimmina l-koeżjoni soċjali u l-fiduċja reċiproka tas-soċjetajiet demokratiċi Ewropej tagħna sabiex dawn jiddgħajfu.

B'xorti tajba, il-kumitat osserva wkoll sensibilizzazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet kruċjali, inkluż il-fehim kondiviż komuni li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiġu mgħammra malajr b'politiki ta' reżiljenza u għodod ta' deterrenza żviluppata bis-sħiħ, abbażi ta' approċċ li jkopri s-soċjetà kollha, biex ikunu jistgħu jindirizzaw it-tipi kollha ta' theddid u attakki ibridi u, b'hekk, jiproteġu l-funzjonament sostenibbli tad-demokrazija.

### ***Tisħiħ tar-reżiljenza permezz tal-għarfien tas-sitwazzjoni, tal-litteriżmu fil-media u tal-informazzjoni, tal-pluraliżmu tal-media, tal-ġurnaliżmu indipendenti u tal-edukazzjoni***

Huwa ċar li l-ewwel bażi għal difiża b'saħħitha kontra l-ndhila barrani hija li jkun hemm għarfien tas-sitwazzjoni. Biex niksbu dan, għandna żewġ passi importanti: l-ewwel, jeħtieġ li nimmonitorjaw, nimmappjaw u nanalizzaw l-attakki ta' ndhila differenti sabiex nifhemu bis-sħiħ it-theddida; it-tieni, jeħtieġ li niżguraw li kull min għandu jkun jaf ikun konxju minn din l-analiżi.

Hemm bosta riċerkaturi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ġurnalisti u membri tal-persunal ta' istituzzjonijiet nazzjonali jew Ewropej li jagħmlu xogħol eċċellenti fl-investigazzjoni tat-theddida. Aħna ltaqjna ma' ħafna minnhom fil-Kumitat INGE. Fil-livell Ewropew, ir-rapporteur tapprezza b'mod speċjali l-ħidma tat-task forces ta' StratCom tas-SEAE. Madankollu, jeħtieġ li dan niżviluppawh aktar. Ma nistgħux naċċettaw li għad ma hemm l-ebda task force timmonitorja l-ndhila miċ-Ċina.

Jeħtieġ ukoll li niżguraw li l-għarfien jinxtered ma' udjenza usa'. Kemm it-taħriġ immirat lejn



persuni b'funzjonijiet sensitivi għall-indħil barrani kif ukoll il-kampanji ġenerali ta' sensibilizzazzjoni huma importanti. F'dan il-kuntest, l-edukazzjoni dwar il-litteriżmu fil-media u diġitali hija kruċjali biex iċ-ċittadini jingħataw is-setgħa li jinterpretaw u jevalwaw aħjar l-informazzjoni li jiltaqgħu magħha.

Il-ġurnalisti għandhom rwol kruċjali fl-iżgurar ta' klima ta' dibattitu b'saħħitha. Sfortunatament, dawn sofrew mill-aspett finanzjarju minħabba d-diġitalizzazzjoni, speċjalment meta s-sistemi tar-reklamar jidhru li jagħtu vantaġġ lil kontenut emozzjonali, inklużi l-opinjoni u d-diżinformazzjoni, fuq il-ġurnaliżmu ta' kwalità. Il-ġurnalisti individwali spiss ikunu wkoll vittmi ta' fastidju u theddid organizzat meta jkopru suġġetti sensitivi. Filwaqt li huwa importanti li titħares l-indipendenza ta' media ta' kwalità, huwa importanti wkoll li jiġu investigati modi kif jistgħu jiġu appoġġati l-istabbilimenti tal-aħbarijiet u l-ġurnalisti, kemm mill-aspett finanzjarju kif ukoll kontra l-fastidju.

### ***Indħil barrani permezz ta' pjattaformi online***

Huwa ċar li s-sistema attwali ta' tixrid ta' informazzjoni permezz tal-pjattaformi twassal għal klima online mgħawġa li fiha jistagħnew id-diżinformazzjoni u tipi oħra ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni. Ir-rapporti dwar l-iżvelar u l-bejgħ ta' data sensitiva, algoritmi li jippromwovv kontenut ta' radikalizzazzjoni u pjattaformi li jagħlqu għajn waħda għal ksur ċar tal-liġi jew tat-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom stess huma tant komuni li kważi nidrawhom u ma jibqgħux idejqu. Dan jeħtieġ li jispiċċa.

Diskussjoni wara diskussjoni mal-esperti kkonvinċietni li l-metodu awtoregulatorju attwali ma jaħdimx u jeħtieġ li jiġi sostitwit b'regoli vinkolanti. Ma nistgħux naċċettaw li l-atturi barranin jistgħu jimmanipulaw liberament il-kontenut li nirċievu online permezz tal-pjattaformi jew jużaw ħażin is-sistemi tar-reklamar sabiex dawk li jirreklamaw, mingħajr ma jridu, jgħinu fil-finanzjament tagħhom. Lanqas ma nistgħu naċċettaw li l-pjattaformi jitħallew ma jagħmlu xejn mingħajr konsegwenzi.

Ċertament, kien hemm ħafna titjib, kemm fuq l-inizjattiva tal-pjattaformi nfushom kif ukoll li oriġina minn miżuri pubbliċi bħall-Kodiċi ta' Prattika. Madankollu, mingħajr trasparenza sinifikattiva, huwa impossibbli li wieħed ipiŋgi lill-nifsu stampa tal-impatt ta' dawn l-azzjonijiet. Huwa essenzjali wkoll li l-Kodiċi ta' Prattika, li huwa volontarju min-natura tiegħu, ikollu mekkaniżmu ta' infurzar effettiv u jiġi kkomplementat minn leġiżlazzjoni b'saħħitha. Barra minn hekk, huwa impressjonanti kif ħafna politiki kontra l-indħil jintużaw biss għall-kontenut bil-Ingliż jew għall-kontenut b'għadd limitat ħafna ta' lingwi. Ma nistgħux naċċettaw sitwazzjoni fejn il-persuni li jikkellmu bil-Latvjan, bil-Bulgaru, bil-Grieg jew saħansitra bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż ikollhom ħafna inqas protezzjoni kontra l-manipulazzjoni online mill-kelliema nattiv tal-Ingliż sempliċiment minħabba li l-pjattaformi jagħtu prijorità lill-kontenut Ingliż.

### ***Infrastruttura kritika u setturi strateġiċi***

L-infrastruttura kritika hija essenzjali għall-funzjonament tal-ekonomija u tas-soċjetà. Sabiex jiġu protetti aħjar is-setturi kritiċi, huma meħtieġa sforzi kkoordinati u konġunti fis-setturi kollha u f'livelli differenti - dak tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali. Id-Direttiva l-ġdida tal-Kummissjoni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi hija punt tat-tluq importanti. Madankollu, ir-rapporteur temmen li l-lista ta' infrastrutturi kritiċi għandha tiġi estiża għall-media kif ukoll għall-infrastrutturi tal-elezzjonijiet minħabba l-importanza kruċjali rispettiva

tagħhom biex jiggarrantixxu l-funzjonament tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, u li għandha dejjem tiġi permessa flessibilità fiż-żieda ta' setturi strateġiċi ġodda fil-futur. Huwa tal-akbar importanza li d-Direttiva żżomm approċċ adattabbli ħafna li jippermetti li jsiru aġġornamenti u modifiki malajr.

Barra minn hekk, id-dipendenza kemm tal-investimenti barranin kif ukoll tal-fornituri barranin tat-teknoloġija fl-infrastrutturi kritiċi toħloq ħafna theddid għall-funzjonament awtonomu ta' dawn l-infrastrutturi. Għalhekk, l-isforz tal-UE lejn l-awtonomija strateġika u s-sovranità diġitali huwa kruċjali fil-ġlieda kontra dawn it-theddidiet.

### ***Finanzjament bil-moħbi ta' attivitajiet politiċi minn atturi u donaturi barranin***

Evidenza soda turi li l-atturi barranin qed jinterferixxu b'mod attiv fl-elezzjonijiet u fir-referenda demokratiċi tal-pajjiżi Ewropej, permezz ta' operazzjonijiet ta' finanzjament bil-moħbi matul il-kampanji.

Dawn l-operazzjonijiet malizzjużi jpoġġu f'riskju l-integrità tal-elezzjonijiet organizzati fl-UE, peress li joħlqu kompetizzjoni inġusta bejn il-partiti u l-kandidati billi jallokaw aktar riżorsi lil xi wħud mill-partiti, normalment il-partiti kontra l-UE, li ma jingħaddux fid-dikjarazzjonijiet uffiċjali tal-kampanji elettorali.

Skont ir-rapport tal-2020 tal-Alliance for Securing Democracy (Alleanza għall-Iżgurar tad-Demokrazija) dwar il-fondi barranin moħbija<sup>1</sup>, ir-Russja, iċ-Ċina u reġimi awtoritarji oħra diġà injettaw aktar minn USD 300 miljun fi 33 pajjiż matul l-aħħar għaxar snin mbieħ jindaħlu fil-proċessi demokratiċi aktar minn 100 darba, u nofs dawn il-każijiet jikkonċernaw l-azzjonijiet tar-Russja fl-Ewropa.

Xi wħud minn dawn l-operazzjonijiet lanqas biss ma huma illegali: huma jisfruttaw il-ħafna lakuni eżistenti bejn l-Istati Membri li d-dispożizzjonijiet tagħhom fil-liġijiet elettorali nazzjonali relatati mal-finanzjament tal-attivitajiet politiċi mhumiex armonizzati fil-livell tal-UE.

### ***Ċibersigurtà u reżiljenza kontra l-attakki ċibernetiċi***

Id-diġitalizzazzjoni dejjem akbar tas-servizzi wasslet għal dipendenza akbar tal-infrastrutturi kritiċi fuq sistemi online, u b'hekk żiedet il-vulnerabbiltà għall-attakki ċibernetiċi u għall-esponiment tad-data. L-għadd ta' attacchi ċibernetiċi kiber matul dawn l-aħħar snin, u kellu fil-mira tiegħu setturi strateġiċi bħall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) u l-Parlament Norveġiż.

Il-kapaċitajiet u l-abbiltajiet frammentati, u l-ammont baxx ta' riżorsi umani u finanzjarji, juru l-vulnerabbiltà tal-UE għall-attakki ċibernetiċi. L-attakki ċibernetiċi ma jiqfux mal-fruntieri. Għalhekk, huwa essenzjali li l-UE tinvesti malajr fil-kapaċitajiet u l-abbiltajiet diġitali strateġiċi tagħha, billi talloka riżorsi addizzjonali, kemm umani kif ukoll finanzjarji, għaċ-ċibersigurtà, filwaqt li tiżgura li jintlaħaq livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-Istati Membri kollha. L-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà tal-2020 u d-Direttiva NIS2 huma proposti importanti biex tittejjeb iċ-ċibersigurtà tal-UE, li se jissaħħu fil-futur bl-Att dwar ir-Reżiljenza

---

<sup>1</sup> <https://securingdemocracy.gmfus.org/covert-foreign-money/>

Ċibernetika u l-Politika dwar iċ-Ċiberdifiża.

Barra minn hekk, il-kwistjoni tas-software tal-ispjunaġġ, bħal Pegasus, għandha tiġi indirizzata malajr billi jissaħħa il-qafas leġiżlattiv biex id-distributori, l-utenti u dawk li jabbużaw mis-software jinżammu responsabbli.

***Protezzjoni tal-Istati Membri, tal-istituzzjonijiet, tal-aġenziji, tad-delegazzjonijiet u tal-missjonijiet tal-UE***

Iċ-ċibersigurtà għandha tittiejeb mhux biss fl-Istati Membri kollha, iżda wkoll fl-istituzzjonijiet tal-UE. L-attakki ċibernetiċi reċenti diretti lejn l-istituzzjonijiet tal-UE ssottolinjaw il-ħtieġa ta' kooperazzjoni interistituzzjonali b'saħħitha f'termini tal-identifikazzjoni, il-monitoraġġ u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni matul attacchi ċibernetiċi u/jew biex dawn jiġu evitati. L-istituzzjonijiet Ewropej diġà hađu miżuri biex isaħħu ċ-ċibersigurtà tagħhom u għandhom għodod stabbiliti biex jikkordinaw u jaqdbu l-attakki ċibernetiċi, bħal CERT-EU, ENISA u ċ-Ċiberunità Konġunta li se tiġi stabbilita.

Madankollu, għandu jsir aktar. L-ewwel, għandu jkun hemm żieda kemm fir-riżorsi umani kif ukoll f'dawk finanzjarji biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' xenarju ta' theddid li qed jevolvi b'mod kostanti. It-tieni, l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom iwettqu rieżami bir-reqqa tas-servizzi u n-networks tagħhom, biex jimmitigaw ir-riskji għas-sigurtà u jiżguraw li l-istituzzjonijiet ma jkunux dipendenti fuq teknoloġiji barranin għas-sigurtà tagħhom. U fl-aħħar, għandhom jiġu żgurati sensibilizzazzjoni kif ukoll taħriġ u gwida xierqa fost il-persunal kollu biex jiġu mmitigati u indirizzati r-riskji ċibernetiċi, u mhux ċibernetiċi, għas-sigurtà.

***Indħil permezz ta' atturi globali bil-ħtif tar-riżorsi mill-elit, id-dijaspori nazzjonali, l-universitajiet, u l-avvenimenti kulturali***

Sett ieħor ta' għodod għad-dispożizzjoni tal-pajjiżi barranin li huma lesti li jindaħlu fil-funzjonament tal-UE huwa l-indħil permezz tan-nies.

Il-"ħtif tar-riżorsi mill-elit", jew il-kooptazzjoni sfortunatament hija fenomenu mifruż sew, u l-aktar forma magħrufa tagħha huwa l-impjeg ta' eks politiċi u ħaddiema taċ-ċivil Ewropej ta' livell għoli minn kumpaniji kkontrollati minn Stati barranin bi skambju għall-għarfien tagħhom miksub waqt il-mandati jew il-funzjonijiet pubbliċi. L-għarfien tagħhom, li spiss ikun ibbażat fuq informazzjoni u kuntatti kunfidenzjali, imbagħad jintuża għad-detriment tal-UE u tal-interessi strateġiċi tal-Istati Membri tagħha. Dawn l-operazzjonijiet spiss jiġu kkombinati ma' strateġiji ta' lobbying industrijali, fejn l-għanijiet ekonomiċi u politiċi jsiru ħaġa waħda.

Forma oħra ta' ndħil permezz tan-nies hija l-influwenza dejjem akbar u, fl-aħħar mill-aħħar, il-kontroll tal-universitajiet, tal-iskejjel kif ukoll taċ-ċentri kulturali u reliġjużi minn aġenti ta' Stati barranin, fir-rigward ta' suġġetti rilevanti għall-pajjiż barrani partikolari. Il-mod kif l-Istituti ta' Confucius, issa msejħa "Ċentri għall-Edukazzjoni tal-Lingwi u l-Kooperazzjoni", qed ifittxu li jikkontrollaw it-tipi kollha ta' riċerka, taġlim jew saħansitra wirjiet kulturali relatati maċ-Ċina f'ħafna universitajiet u mużewijiet Ewropej huwa eżempju ċar ta' din il-prattika. Pajjiżi oħra wkoll huma attivi ħafna f'dan il-qasam, bħal pereżempju r-Russja permezz tal-knejjes Ortodossi.

Din il-forma ta' ndħil tiddependi l-aktar mill-isforzi magħmula biex tiġi kkontrollata d-

dijaspora nazzjonali li tgħix fl-UE, li tista' tinfluwenza fuq skala kbira ħafna fuq diversi livelli tas-soċjetajiet Ewropej. Dawn l-isforzi għandhom ukoll l-għan li jsikkta lill-avversarji politiċi li jgħixu barra mill-pajjiż.

### ***Deterrenza, attribuzzjonijiet u kontromiżuri kollettivi, inklużi sanzjonijiet***

L-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jistabbilixxu għodod ta' deterrenza kredibbli. Fil-fatt, l-UE u l-Istati Membri tagħha bħalissa ma għandhom l-ebda reġim speċifiku ta' sanzjonijiet relatati mal-ndħil barrani u ma' kampanji ta' diżinformazzjoni organizzati minn atturi statali barranin.

Ir-rapporteur hija konxja mill-isfidi legali li jistgħu jirriżultaw fl-istabbiliment ta' reġim ta' sanzjonijiet bħal dan, inkluża l-ħtieġa li jiġu ddefiniti b'mod preċiż l-elementi tar-reati u l-effetti kumulattivi possibbli tagħhom f'konformità mal-liġijiet tal-UE u dawk internazzjonali.

Madankollu, ir-rapporteur tqis li l-UE tista' tikseb ispirazzjoni utli minn dak li sar minn sħab oħra f'dan ir-rigward, bħalma għamlet l-Awstralja b'mod partikolari meta ddefiniet x'inhu "indħil barrani intenzjonat" u meta kkriminalizzat l-attivitajiet moħbija u qarrieqa ta' atturi barranin.

Ir-rapporteur taħseb ukoll li nistgħu nibnu fuq dak li diġà jeżisti fil-livell tal-UE, b'mod partikolari r-reġim ta' miżuri restrittivi kontra l-attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha, li ntużaw darbtejn is-sena l-oħra.

Fl-aħħar iżda mhux inqas importanti, aħna nenfasizzaw il-ħtieġa li nikkooperaw mill-qrib mas-sħab internazzjonali tagħna tal-istess fehma fuq kwalunkwe reġim ta' sanzjonijiet bl-għan li nimponu sanzjonijiet flimkien sabiex insaħħu l-effett ta' effiċjenza u deterrenza.

L-entitajiet barranin responsabbli għal operazzjonijiet ta' ndħil aggressiv kontra d-demokraziji ma għandhomx jassumu li l-kampanji ta' destabilizzazzjoni tagħhom mhu se jwasslu għal konsegwenzi.

### ***Il-kooperazzjoni globali u l-multilateraliżmu***

L-UE bl-ebda mod mhi l-unika żona demokratika fid-dinja li qed tiffaċċja azzjonijiet ta' ndħil barrani aggressiv dejjem akbar. Ħafna pajjiżi oħra, kemm jekk pajjiżi żviluppatti kif ukoll pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, huma wkoll fil-mira ta' operazzjonijiet bħal dawn, miċ-Ċina jew mir-Russja u minn reġimi awtoritarji oħra, li dejjem isegwu l-istess għanijiet: l-imminar tal-funzjonament demokratiku sabiex tinkiseb influwenza.

Jeħtieġ li ngħaqqu flimkien is-sħab tal-istess fehma biex nindirizzaw dawn il-kwistjonijiet b'mod koordinat, abbażi ta' sħubija ta' demokraziji.

L-ewwel nett, jeħtieġ li naqblu dwar definizzjonijiet komuni u jkollna fehim komuni dwar x'inhu attwalment f'riskju bil-għan li naqblu dwar in-normi u l-istandards internazzjonali.

Il-mistoqsijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati u mwieġba b'mod preċiż u kollettiv: X'inhu ndħil barrani aggressiv? Kif għandhom jiġu kkwalifikati legalment l-operazzjonijiet tad-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni orkestrati minn pajjiż barrani? Kif nistgħu niddefinixxu dawn it-theddiet u l-attakki bħala reati? X'reġim ta' sanzjonijiet kollettivi jista' jiġi stabbilit?

Imbagħad, il-kooperazzjoni globali għandha tkun ibbażata fuq l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-ġestjoni ta' proġetti konkreti. Il-Parlament Ewropew, permezz tan-network wiesa' tiegħu ta' fora interparlamentari, se jkollu rwol ewlieni x'jaqdi hawnhekk, u l-istess jgħodd għad-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi.

### ***Il-metodi ta' ħidma***

Huma x'inhuma l-opinjoni politika tagħna dwar biċċiet differenti ta' leġislazzjoni u l-kuluri tagħna fl-ispettru politiku, bħala Membri tal-Kumitat INGE, aħna ninsabu magħqudin fil-fehma li d-demokrazija tagħna jeħtieġ li tibqa' soda meta tintlaqat minn tentattivi ta' ndħil barrani. Għal din ir-raġuni, bnejna l-ħidma tagħna fil-kumitat fuq il-kooperazzjoni profonda bejn il-gruppi politiċi. Il-koordinaturi għażlu b'mod konġunt mal-President liema esperti għandhom jistiednu u liema studji għandhom jikkummissjonaw. Bħala rapporteur, ikkonsultajt regolament lix-shadow rapporteurs matul il-ħidma ta' abbozzar tiegħi.

F'termini tematiċi, nistgħu niddistingwu l-fażi tad-dijanjożi mill-fażi ffukata fuq is-soluzzjonijiet. Matul l-ewwel fażi, stedinna esperti li jistgħu jgħinuna nifhmu t-theddid u l-metodi fil-varjetajiet kollha tagħhom. Iggwidati mill-mandat, kellna għadd ta' seduti dwar l-indħil fl-isfera pubblika u dik privata u l-investigazzjoni tal-metodi ta' atturi barranin differenti. Fil-fażi ffokata fuq is-soluzzjoni, il-Kumitat INGE ffoka fuq l-identifikazzjoni ta' għodod u strateġiji possibbli biex jipprevjenu u jiġġieldu l-problemi identifikati.

Il-Kumitat INGE kkummissjona wkoll sitt studji u stieden lill-awturi jippreżentaw is-sejbiet tagħhom. Is-sitwazzjoni tas-saħħa marbuta mal-pandemija tal-COVID-19 waqqfitna milli norganizzaw kwalunkwe missjoni matul l-ewwel żewġ semesteri tal-eżistenza tal-Kumitat INGE. Madankollu, fiż-żmien meta nkiteb dan l-abbozz ta' rapport, il-membri tal-Kumitat INGE għadhom kif ġew lura mill-ewwel missjoni ta' suċċess fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) f'Ateni, il-Greċja. Huma ppjanati tliet missjonijiet oħra: f'Taipei, Pariġi u Washington.

Biex inħejju aktar ir-rakkomandazzjonijiet tagħna, abbozzajna żewġ mistoqsijiet għal tweġibiet orali. F'Lulju 2021, staqsejna lill-VP/RGħ Josep Borrell kif kellu l-ħsieb li jirrimedja n-nuqqas ta' riżorsi u ta' mandat għat-Task Forces ta' Stratcom tas-SEAE u n-nuqqas ta' sanzjonijiet xierqa kontra atturi barranin involuti fl-indħil. F'Ottubru 2021, staqsejna lill-Viċi President tal-Kummissjoni Věra Jourová kif qed tippjana li tiżgura li n-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn is-setturi u l-livelli politiċi ma jżidx l-esponiment għall-indħil barrani, kif tista' tittejjeb it-trasparenza tal-algoritmi u kif jista' jiġi appoġġat il-litteriżmu fil-media.

Waħda mill-konklużjonijiet ewlenin tagħna kienet l-importanza tal-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, kemm fuq livell globali kif ukoll bejn il-livelli ta' governanza u s-setturi differenti fl-UE. Mill-bidu nett, għalhekk stedinna lil kumitati u delegazzjonijiet oħra b'kompetenzi marbuta mal-indħil barrani għal-laqqgħat tagħna. L-għarfien expert minn dawn il-korpi aħwa saħħaħ id-dibattiti li kellna mal-mistednin u żgura li l-għarfien mis-seduti tagħna jasal fil-kumitati ordinarji li jaħdmu fuq proposti leġislattivi korrispondenti.

Avveniment ewlieni partikolari se jkun il-laqqgħa interparlamentari li se nospitaw f'Novembru 2021. Din il-laqqgħa bejn deputati parlamentari mill-pajjiżi tal-UE u grupp magħżul ta' sħab globali tal-istess fehma se tkun opportunità kruċjali biex nitgħallmu minn xulxin u niddiskutu l-isfidi u s-soluzzjonijiet komuni.

Biex tħejji dan ir-rapport, ir-rapporteur abbozzat erba' dokumenti ta' ħidma: dwar l-istat tal-indhfil barrani fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni, dwar il-finanzjament bil-moħbi ta' attivitajiet politiċi minn donaturi barranin, dwar l-indhfil barrani permezz ta' pjattaformi online u dwar il-bini tar-reżiljenza tal-UE kontra t-theddid ibridu.

Minbarra l-laqgħat formali msemmija kollha, ir-rapporteur ġabret għarfien permezz ta' laqgħat, il-parteċipazzjoni f'konferenzi u qari estensiv ta' studji u artikli tal-aħbarijiet.

### ***Il-kooperazzjoni ma' korpi tal-Parlament Ewropew u korpi oħrajn tal-UE***

Minħabba n-natura transsettorjali tal-mandat tagħna, il-Kumitat INGE stieden u ddiskuta aspetti differenti tal-indhfil barrani ma' ħames Kummissarji:

- Věra Jourovà, il-Viċi President għall-Valuri u t-Trasparenza,
- Margaritis Schinas, il-Viċi President għall-Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna,
- Josep Borrell, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,
- Thierry Breton, il-Kummissarju għas-Suq Intern, u
- Margrethe Vestager, il-Viċi President għal Ewropa Lesta għall-Era Diġitali u l-Kompetizzjoni,

Kellna wkoll diversi diskussjonijiet mal-persunal mill-Kummissjoni u s-Servizzi tal-Azzjoni Esterna u laqgħa speċjali, flimkien mal-Kumitat CONT, mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali 09/2021 tagħha: Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata.

Il-Kumitat Speċjali tal-INGE stabbilixxa wkoll pjan ta' kooperazzjoni ma' diversi Kumitati tal-PE li magħhom huwa jaqsam xi mandat ta' kompetenza. Sa issa, l-INGE għandu hdxax-il kumitat u hdxax-il delegazzjoni.

### ***Għarfien espert***

Il-Kumitat Speċjali dwar l-Indhfil Barrani fil-Proċessi Demokratiċi kollha fl-UE, inkluża d-Diżinformazzjoni, talab l-għarfien espert estern dwar is-suġġetti li ġejjin li huma rilevanti għall-ħidma kontinwa tal-kumitat:

- Id-Diżinformazzjoni - immappjar u soluzzjonijiet, inkluża r-regolamentazzjoni tal-pjattaformi
- Il-Finanzjament - immappjar u soluzzjonijiet
- L-infrastrutturi
- L-aħjar prattiki fl-approċċ li jkopri s-soċjetà kollha fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu.
- L-impatt tal-kampanji ta' diżinformazzjoni fuq il-migranti, il-persuni LGBTI u l-gruppi

ta' minoranza.

- Tagħlimiet meħuda mill-użu ħażin minn reġimi awtoritarji.

### ***Harsa ġenerali lejn is-seduti ma' esperti esterni***

Seduti tematiċi

- **It-theddid ibridu, id-diżinformazzjoni u l-polarizzazzjoni – ħarsa ġenerali istituzzjonali**, l-24 ta' Settembru 2020
- **L-indħil elettorali, il-finanzjament tal-partiti politiċi u l-pjattaformi tal-media soċjali – ħarsa ġenerali**, it-2 ta' Ottubru 2020
- **Kif l-indħil barrani jimmina s-sovranità: l-eżempju tal-ġirien tal-Lvant tagħna**, il-21 ta' Ottubru 2020
- **L-indħil barrani fl-isfera pubblika: il-verifika tal-fatti, il-pjattaformi tal-media soċjali u l-użu tagħhom fid-diżinformazzjoni u l-indħil barrani u l-bini tar-reżiljenza**, is-26 ta' Ottubru 2020 u d-9 ta' Novembru 2020
- **L-indħil barrani fl-isfera politika: L-indħil barrani matul il-proċessi elettorali, inkluż permezz ta' attakki ċibernetiċi, żvelar ta' data u komunikazzjoni malinna**, it-12 ta' Novembru 2020
- **L-indħil barrani fl-isfera politika: Il-finanzjament politiku minn forom legali jew illegali ta' kumpaniji intemedjarji jew donaturi li jaġixxu f'isem ħaddieħor minn sorsi f'pajjiżi terzi**, it-2 ta' Diċembru 2020
- **Ġurnaliżmu vs propaganda**, il-11 ta' Diċembru 2020
- **Theddid ta' ndħil possibbli minn pajjiżi terzi f'kuntest ġeopolitiku**, il-25 ta' Jannar 2021 u l-1 ta' Frar 2021
- **Komunikazzjoni strateġika biex jiġi miġġieled l-indħil barrani**, it-22 ta' Frar 2021
- **Kif isir aktar trasparenti l-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-kampanji elettorali: x'regoli għandna bżonn fl-UE?**, it-23 ta' Frar 2021,
- **Id-Demokrazija Online: x'inhuma r-riskji? Kif niproteġu ruħna?**, is-17 ta' Marzu 2021
- **L-indħil barrani fuq il-finanzjament ta' organizzazzjonijiet kontra l-għażla fl-UE**, il-25 ta' Marzu 2021,
- **Żviluppi teknoloġiċi u approċċi regolatorji għad-diżinformazzjoni: l-indħil permezz tar-reklamar**, it-13 ta' April 2021,
- **Żviluppi Teknoloġiċi u Approċċi Regolatorji rigward id-Diżinformazzjoni**, il-15 ta' April 2021

- **Skambju ta' fehmiet ma' Mikhail Khodorkovsky, il-fundatur ta' Dossier Center, l-10 ta' Mejju 2021,**
- **Seduta ma' Facebook, Twitter u YouTube dwar ir-Rwol tal-Pjattaformi tal-Media Soċjali fit-tixrid u l-iżvilupp tad-diżinformazzjoni u l-identifikazzjoni tagħha u l-ġlieda kontriha, l-10 ta' Mejju 2021,**
- **Kif l-istorja, il-kultura u l-edukazzjoni jistgħu jgħinu fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, il-15 ta' Ġunju 2021,**
- **Id-diżinformazzjoni u d-diskriminazzjoni, it-12 ta' Lulju 2021**
- **Il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u strumenti oħra tal-UE: kif il-proposti jistgħu jiproteġu l-proċessi demokratiċi fl-UE kontra l-indħil barrani, u t-triq 'il quddiem, it-2 ta' Settembru 2021**
- **Sanzjonijiet u kontromiżuri kollettivi, it-2 ta' Settembru 2021**

Skambju ta' fehmiet ma'

- **Ir-rwol tal-edukazzjoni, tal-media u tal-kultura fl-indirizzar tad-diżinformazzjoni u tal-indħil barrani, id-9 ta' Settembru 2021,**
- **L-indħil barrani u spjunaġġ fuq politiċi u istituzzjonijiet Ewropej, id-9 ta' Settembru 2021,**
- **Is-sigurtà tal-istituzzjonijiet tal-UE: ir-rispons għaż-żieda fl-attakki ċibernetiċi, id-9 ta' Settembru 2021,**
- **Id-danni ekonomiċi tal-indħil barrani/tad-diżinformazzjoni, inkluż is-suq tad-data, l-14 ta' Ottubru 2021.**



## **OPINJONI TAL-MINORANZA MINN CLARE DALY F'ISEM IL-GRUPP THE LEFT**

L-ndħil barrani jikkostitwixxi ħsara soċjali serja u jistħoqqlu attenzjoni speċjali, iżda la huwa ġdid u lanqas imġarrab esklussivament mill-Ewropa. Mill-eżempji ta' ndħil fil-proċessi demokratiċi fl-Unjoni Ewropea, l-eżempju l-aktar importanti u sistemiku huwa dak ta' konċentrazzjonijiet kbar ta' kapital, kemm barrani kif ukoll Ewropew, li jeżerċitaw influwenza fuq it-tfassil tal-liġijiet u l-formazzjoni tal-politiki.

Dan bilkemm huwa rikonoxxut mill-maġġoranza fil-Kumitat Speċjali INGE, li minflok segwa narrattiva speċjali tal-vittmi Ewropej f'idejn avversarji ġeopolitiċi malinni. L-inkjesta ntużat biex jiġi eżaġerat it-theddid ta' ndħil Russu u Ċiniż, biex jiġu injorati l-kawżi sostanzjali tal-kriżi tal-leġittimità politika fl-Ewropa, biex jiġi stigmatizzat in-nuqqas ta' qbil mill-politika barranija uffiċjali tal-UE, u biex il-limitazzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni u drittijiet fundamentali oħra jiġu ġġustifikati minn raġunijiet prijoritarji ta' sigurtà.

Ir-rapport li rriżulta huwa tant nieqes mill-bilanċ u l-oġġettività li fih innifsu jikkostitwixxi diżinformazzjoni. Il-prevalenza fih ta' "għarfien espert" estratt minn gruppi ta' riflessjoni b'orjentament Atlantiku u tan-NATO, li jillobbjaw għal interessi li jibbenefikaw minn kunflitt, hija nnifisha trid titqies bħala forma ta' ndħil barrani. Id-direzzjoni politika li dan ir-rapport qed jorbot l-Unjoni tiegħu, tikkostitwixxi ħsara serja u dejjiema għall-karattru demokratiku tas-soċjetajiet Ewropej. Dan id-dokument se jiġġenera dispjaċir fil-futur.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.1.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 25 -: 8 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Vladimír Bilčík, Andrea Bocskor, Ioan-Rareş Bogdan, Jorge Buxadé Villalba, Włodzimierz Cimoszewicz, Gwendoline Delbos-Corfield, Anna Júlia Donáth, Marco Dreosto, Nicolaus Fest, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Markéta Gregorová, Bart Groothuis, Balázs Hidvéghi, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, Jeroen Lenaers, Nathalie Loiseau, Juan Fernando López Aguilar, Morten Løkkegaard, Pierfrancesco Majorino, Lukas Mandl, Thierry Mariani, Dace Melbārde, Maite Pagazaurtundúa, Tonino Picula, Manu Pineda, Robert Roos, Andreas Schieder, Sabine Verheyen, Viola Von Cramon-Taubadel, Javier Zarzalejos
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Clare Daly, Petra Kammerevert

## VOTAZZJONI B'SEJĦA TAL-ISMIJET

<b>Votazzjoni finali — Abbozz kif emendat (Votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet)</b>	+ 25/8/1
---	-------------

### RIŻULTATI SKONT IS-SEJĦA TAL-ISMIJET

#### Is-sejħa tal-ismijiet: **Votazzjoni finali**

<b>25</b>	<b>+</b>
ECR	Dace Melbārde
PPE	Vladimír Bilčík, Ioan-Rareş Bogdan, Sunčana Glavak, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Sabine Verheyen, Javier Zarzalejos
Renew	Anna Júlia Donáth, Bart Groothuis, Nathalie Loiseau, Morten Løkkegaard, Maite Pagazaurtundúa
S&D	Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Petra Kammerevert, Juan Fernando López Aguilar, Pierfrancesco Majorino, Tonino Picula, Andreas Schieder
Verts/ALE	Gwendoline Delbos-Corfield, Markéta Gregorová, Viola Von Cramon-Taubadel

<b>8</b>	<b>-</b>
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Robert Roos
ID	Nicolaus Fest, Thierry Mariani
NI	Andrea Bocskor, Balázs Hidvéghi
The Left	Clare Daly, Manu Pineda

<b>1</b>	<b>0</b>
ID	Marco Dreosto